Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Diċembru 2023**
**(OR. en)**

**16889/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0463(COD)**

**AG 181**
**JAI 1687**
**FREMP 377**
**DISINFO 108**
**HYBRID 86**
**MI 1136**
**DATAPROTECT 378**
**AUDIO 129**
**CONSOM 489**
**TELECOM 396**
**CODEC 2518**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Diċembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 637 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 637 final.

Mehmuż: COM(2023) 637 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 12.12.2023
COM(2023) 637 final

2023/0463 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 637 final} - {SWD(2023) 660 final} - {SWD(2023) 663 final} - {SWD(2023) 664 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern għall-attivitajiet imwettqin bl-objettiv tinfluwenza l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-politika jew tal-leġiżlazzjoni, jew ta’ proċess pubbliku tat-teħid ta’ deċiżjonijiet, fl-Unjoni (“attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi”) imwettaq f’isem pajjiżi terzi billi jiġu stabbiliti regoli armonizzati għal livell għoli ta’ trasparenza ta’ tali attivitajiet meta jitwettqu fis-suq intern.

Livell għoli ta’ trasparenza f’dan il-qasam iqiegħed ukoll liċ-ċittadini, lill-atturi pubbliċi li jieħdu d-deċiżjonijiet u lil partijiet ikkonċernati oħrajn f’pożizzjoni aħjar sabiex jifhmu liema pajjiżi terzi jitolbu l-forniment ta’ attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi.

Billi normalment tiġi pprovduta bi ħlas, ir-rappreżentanza tal-interessi, inkluża r-rappreżentanza tal-interessi pprovduta lil pajjiżi terzi, tikkostitwixxi servizz skont it-tifsira tal-Artikolu 57 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“TFUE”).

Il-provvista ta’ rappreżentanza tal-interessi fl-Unjoni hija attività li qed tikber u li qed issir dejjem aktar transfruntiera. L-attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi huma rregolati b’modi differenti fl-Istati Membri. Bħalissa, 15-il Stat Membru[1] għandhom reġistru tat-trasparenza dwar l-attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi, għalkemm mhux dejjem fil-livell nazzjonali. Dawk l-Istati Membri li għandhom qafas regolatorju jipprevedu miżuri li jvarjaw fl-aspetti li ġejjin: l-ambitu tal-entitajiet u l-attivitajiet koperti, inklużi d-definizzjonijiet rilevanti tal-attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi; il-limiti għad-daqs tal-entitajiet jew għal-livell ta’ attivitajiet li jwasslu għal rekwiżiti ta’ trasparenza jew ta’ reġistrazzjoni; ir-rekwiżiti dwar iż-żamma ta’ rekords; id-*data* miġbura minn entitajiet involuti fir-rappreżentanza tal-interessi, inkluż rigward l-identità tagħhom u l-identitajiet tal-klijenti tagħhom; l-eżistenza, is-setgħat, l-istruttura u l-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji; in-natura tas-sanzjonijiet u l-ammonti tal-multi, meta jkunu jeżistu; u l-frekwenza tal-aġġornamenti għall-informazzjoni reġistrata. 12-il Stat Membru ma jirregolawx it-trasparenza tal-attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi. Għalhekk, il-qafas leġiżlattiv huwa frammentat ħafna madwar l-Unjoni[2].

Din il-frammentazzjoni tikkawża ostakli fis-suq intern għal attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi, inkluż meta jitwettqu f’isem pajjiżi terzi, li jimminaw il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Id-diverġenzi fost l-Istati Membri joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi u jżidu l-kostijiet tal-konformità għall-entitajiet li jfittxu li jwettqu attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi transfruntiera. Il-kundizzjonijiet mhux ekwi jiggwidaw l-attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi transfruntiera lil hinn minn Stati Membri aktar regolati lejn dawk anqas regolati. Min-naħa tiegħu, hemm riskju ta’ għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni u ta’ arbitraġġ regolatorju, jiġifieri, l-isfruttament tad-differenzi fir-rekwiżiti regolatorji, minn entitajiet li jfittxu li jevadu r-regolamentazzjoni f’ċerti Stati Membri.

L-attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi qegħdin jintużaw dejjem aktar minn gvernijiet ta’ pajjiżi terzi flimkien ma’ kanali u ma’ proċessi diplomatiċi formali sabiex jippromwovu l-

[1] Analiżi komprensiva tal-oqfsa leġiżlattivi eżistenti fl-Istati Membri hija pprovduta fl-Anness 6 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta (SWD(2023) 663 final).

[2] Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja.

objettivi tal-politika tagħhom[3]. Din is-sitwazzjoni hija rikonoxxuta mill-Istati Membri bħala li tippreżenta opportunità għall-atturi ta' pajjiżi terzi sabiex jevitaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza u jinfluwenzaw bil-ħabi t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-proċessi demokratiċi fl-Unjoni. Għalhekk, xi Stati Membri qegħdin jikkunsidraw li jiżviluppaw regoli ġodda sabiex jindirizzaw l-influwenza barranija, inkluż billi jimponu obbligi ġenerali fuq entitajiet li jirċievu finanzjament barrani li fil-prattika japplikaw għall-forniment ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi. Għalhekk, il-frammentazzjoni deskritta x'aktarx li tiżdied speċifikament fir-rigward tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi. Dan ikun jesponi lill-entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi għal ostakli addizzjonali meta jipprovdu rappreżentanza tal-interessi għal pajjiżi terzi fis-suq intern.

Meta jiġu ppreżentati b'mod trasparenti, l-ideat minn pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għad-dibattitu pubbliku u huma parti mixtieqa mill-involviment internazzjonali. Madankollu, meta titwettaq bil-ħabi, ir-rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi hija suxxettibbli li tintuża bħala mezz ta' interferenza fid-demokraziji tal-Unjoni[4]. Billi ssawwar l-opinjoni pubblika, din min-naħa tagħha tista' tinfluwenza l-għażliet politiċi għad-detriment tal-ħajja politika fl-Istati Membri u fl-Unjoni kollha kemm hi.

Kif innotat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ("OECD"), "l-influwenza u l-lobbjar minn interessi barranin jista' jkollhom impatt trasformattiv fuq il-ħajja politika ta' pajjiż, mhux biss fuq il-politiki domestiċi iżda wkoll fuq il-politika barranija tiegħu, fuq is-sistema elettorali tiegħu, fuq l-interessi ekonomiċi u fuq il-kapaċità tiegħu li jipproteġi l-interessi nazzjonali u s-sigurtà nazzjonali tiegħu"[5]. Il-gvernijiet barranin jistgħu jagħmlu użu minn riżorsi pubbliċi sabiex iwettqu kampanji ta' influwenzar estensivi u sostnuti. Għalhekk, ir-riskji involuti fl-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi u ta' influwenza minn gvern barrani huma akbar mir-riskji maħluqin minn attivitajiet purament domestiċi[6].

Hemm ukoll nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi fis-suq intern. L-Istati Membri ma jiġbrux jew jikkondividu sistematikament informazzjoni dwar rappreżentanza tal-interessi bħal din. Dan jagħmilha diffiċli li jiġu identifikati u mmappjati l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi fl-Istati Membri u li dan isir b'mod koordinat u effiċjenti madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-finanzjament ta' ċerti attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi ma jippermettix liċ-ċittadini u lil dawk li jfasslu l-politika jidentifikaw is-sorsi ta' tali finanzjament. Dan in-nuqqas ta' informazzjoni huwa fattur ieħor li jista' jwassal sabiex l-Istati Membri jwieġbu għal dan il-fenomenu b'modi differenti. Hemm interess pubbliku f'informazzjoni bħal din, kemm bħala objettiv tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi diġà msemmija, iżda wkoll ta' atturi u ta' ċittadini interessati li ġeneralment ifittxu li jifhmu kif id-deċiżjonijiet pubbliċi huma influwenzati.

---

3 OECD (2021), Lobbying in the 21st Century: Transparency, Integrity and Access, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/c6d8eff8-en, il-paġna 43.

4 It-terminu "ndħil barrani" jintuża sabiex issir distinzjoni bejn l-attivitajiet ta' influwenzar li huma integrali għar-relazzjonijiet diplomatiċi minn ndħil barrani, jiġifieri, attivitajiet li jitwettqu minn attur barrani fil-livell statali, jew f'ismu, li huma koerċittivi, moħbijin, qarrieqa, jew jikkorrompu u li jmorru kontra s-sovranità, il-valuri, u l-interessi tal-Unjoni.

5 OECD (2021), Lobbying in the 21st Century: Transparency, Integrity and Access, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/c6d8eff8-en, il-paġna 44.

6 OECD (2021), Lobbying in the 21st Century: Transparency, Integrity and Access, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/c6d8eff8-en, il-paġna 45.

Dan in-nuqqas ta' informazzjoni u t-tfixkil li jirriżulta ta' sorveljanza effettiva mhux biss jaġixxu għad-detriment tal-funzjonament tas-suq intern iżda wkoll tad-demokrazija fl-Unjoni, peress li dan għandu impatt fuq il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-proċessi demokratiċi u f'dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u fuq il-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom. Ewrobarometru riċenti dwar iċ-Ċittadinanza u d-Demokrazija wera li madwar tmienja minn kull għaxar Ewropej iqisu li l-indħil barrani fis-sistemi demokratiċi tal-Unjoni hija problema serja li għandha tiġi indirizzata[7]. 84,5 % tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika jqisu li l-attivitajiet ta' lobbjar jew ta' relazzjonijiet pubbliċi remunerati jew ikkontrollati minn pajjiżi terzi huma assoċjati ma' riskju għoli ta' ndħil barrani moħbi. Il-Parlament Ewropew[8] u l-Kunsill[9] enfasizzaw l-importanza li tiġi indirizzata t-theddida għad-demokrazija kkawżata minn ndħil barrani. Dan it-tħassib intensifika mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

L-għan ewlieni ta' din il-proposta, li tikkomplementa l-miżuri eżistenti fil-livell tal-Unjoni, ikun li **tintroduċi standards komuni ta' trasparenza u ta' akkontabilità fis-suq intern għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi**. Billi tipprovdi rekwiżiti komuni ta' trasparenza għal attivitajiet bħal dawn, l-inizjattiva ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern ta' attivitajiet bħal dawn, toħloq kundizzjonijiet ekwi, tnaqqas il-kostijiet tal-konformità għall-entitajiet li jfittxu li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi bejn il-fruntieri, u tipprevjeni l-arbitraġġ regolatorju. Element ewlieni tal-proposta huwa l-istabbiliment ta' reġistri nazzjonali għal entitajiet li jwettqu attivitajiet bħal dawn.

Billi tipprovdi għal armonizzazzjoni sħiħa, id-Direttiva proposta tipprovdi għal rekwiżiti armonizzati proporzjonati ta' trasparenza u għal sistema komprensiva ta' salvagwardji, inklużi stħarriġ ġudizzjarju effettiv, reġim armonizzat ta' sanzjonijiet limitat għal multi amministrattivi, awtoritajiet superviżorji indipendenti, obbligi għall-prevenzjoni tal-istigmatizzazzjoni, u b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda konsegwenza negattiva li tkun soġġetta għar-regoli ta' trasparenza. Dan jipprevjeni b'mod effettiv il-gold-plating u l-istigmatizzazzjoni. L-Istati Membri, fil-qafas tar-regoli armonizzati, ikunu pprojbiti milli jitbiegħdu mir-regoli billi jistabbilixxu rekwiżiti ta' trasparenza aktar estensivi.

Dan l-intervent ikollu wkoll l-għan li jtejjeb l-integrità tal-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u l-fiduċja pubblika fihom billi jiżgura t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi, u billi jtejjeb l-għarfien dwar id-daqs, ix-xejriet u l-atturi wara attivitajiet bħal dawn. Barra minn hekk, approċċ koerenti u

---

[7] Ara l-Ewrobarometru Flash 528 dwar iċ-Ċittadinanza u d-Demokrazija.

[8] Mill-2019, il-Parlament Ewropew stabbilixxa żewġ Kumitati Speċjali INGE u INGE2 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inklużi d-diżinformazzjoni, u t-tisħiħ tal-integrità, tat-trasparenza u tal-akkontabilità fil-Parlament Ewropew li adottaw riżoluzzjonijiet f'dan il-qasam. Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni (2020/2268(INI)), ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Lulju 2023 dwar ir-rakkomandazzjonijiet għal riforma tar-regoli tal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, l-integrità, ir-responsabbiltà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni (2023/2034(INI)), ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni (2022/2075(INI)).

[9] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Sforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu", l-10 ta' Diċembru 2019, 14972/19; Il-Konklużjoni tal-Kunsill "Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel", it-28 ta' Settembru 2021, 12301/21; Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill "dwar il-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u l-Interferenza minn Barranin (FIMI)", it-18 ta' Lulju 2022, 11173/22.

proporzjonat tal-Unjoni li jiffoka fuq it-trasparenza u fuq ir-responsabbiltà demokratika sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mir-rappreżentanza tal-interessi f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi jista' jservi sabiex jiġu stabbiliti standards fil-livell globali. B'paragun ma' dan, l-approċċ frammentat kurrenti mill-Istati Membri x'aktarx li jkun ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-Unjoni, peress li ma għandux approċċ konsistenti u koerenti.

Azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa għall-prevenzjoni tal-feġġa ta' ostakoli ġodda u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Mingħajr azzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri jindirizzaw ir-riskji identifikati għad-demokrazija b'mod unilaterali, u b'hekk idgħajfu s-suq intern tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi. Għalhekk, l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri hija l-iskop primarju ta' din l-inizjattiva.

Din il-proposta tressaq miżuri speċifiċi u mmirati, b'mod proporzjonat, li jfittxu li jiżguraw li l-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi fis-suq intern ikunu jistgħu jagħmlu dan f'ambjent legali armonizzat, trasparenti u aktar prevedibbli, li jkun ta' benefiċċju għall-entitajiet involuti, għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-mira, u għaċ-ċittadini. Salvagwardji b'saħħithom jipprevjenu impatti negattivi potenzjali fuq l-entitajiet ikkonċernati, filwaqt li jiżguraw rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u għall-prinċipji u għall-valuri demokratiċi. Il-proposta ma tkoprix entitajiet li jirċievu appoġġ finanzjarju minn Stati Membri oħrajn, jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi għal finijiet mhux relatati mar-rappreżentanza tal-interessi.

Dan l-approċċ ivarja radikalment minn dawk osservati f'ċerti ġuriżdizzjonijiet oħrajn (ikkaratterizzati bħala liġijiet dwar "aġenti barranin")[10]. Dawk il-liġijiet spiss jinkludu miżuri li jirrestrinġu b'mod indebitu l-ispazju ċiviku billi jistigmatizzaw, jintimidaw u jrażżnu l-attivitajiet ta' ċerti organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ), tal-ġurnalisti jew tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. It-tikketta ta' "aġent barrani" taħt dawk il-liġijiet spiss ikollha l-għan li timmina kemm l-istabbiltà finanjarja kif ukoll il-kredibbiltà tal-organizzazzjonijiet fil-mira.

B'kuntrast ma' dawk il-"liġijiet dwar aġenti barranin", din il-proposta ma tittikkettax b'mod negattiv l-attivitajiet ta' entitajiet speċifiċi, inklużi l-OSĊ, u lanqas ma timmira li tillimita l-ispazju ċiviku. Minflok, tipprovdi għal rekwiżiti ta' trasparenza u akkontabilità applikabbli għall-entitajiet kollha li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom. Barra minn hekk, il-miżuri ma jipprojbixxu l-ebda tip ta' attività u lanqas ma jeħtieġu t-trasparenza ta' finanzjament barrani li ma jkunx relatat ma' attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi imwettqa f'isem pajjiżi terzi. Finalment, il-proposta tinkludi salvagwardji mmirati biex jiżguraw traspożizzjoni u infurzar proporzjonati u biex jiġu evitati r-riskji ta' stigmatizzazzjoni.

---

[10] L-Unjoni tikkundanna b'mod konsistenti kwalunkwe limitazzjoni indebita fuq il-libertajiet fundamentali u r-restrizzjonijiet tal-ispazju ċiviku u politiku bi ksur tal-liġijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-hekk imsejħa "liġijiet dwar aġenti barranin". Ara, pereżempju, "Russja: Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE fl-għaxar anniversarju tal-introduzzjoni tal-Liġi dwar l-Aġenti Barranin" disponibbli fuq: https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2022/07/20/russia-declaration-by-the-high-representative-on-behalf-of-the-eu-on-the-10th-anniversary-of-the-introduction-of-the-law-on-foreign-agents/, "Georgia: Statement by the High Representative on the adoption of the Georgian 'foreign influence' law" disponibbli fuq: https://www.eeas.europa.eu/eeas/georgia-statement-high-representative-adoption-%E2%80%9Cforeign-influence%E2%80%9D-law_en, u "EU in BiH on recent developments in the RS" disponibbli fuq: https://www.eeas.europa.eu/delegations/bosnia-and-herzegovina/eu-bih-recent-developments-rs_en?s=219

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tikkomplementa l-proposta għal **Regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku**[11]. Il-proposta dwar ir-reklamar politiku tfittex li tipprovdi livell għoli ta' trasparenza għas-servizzi ta' reklamar politiku fl-Unjoni irrispettivament mill-mezz użat, u li tipprovdi salvagwardji addizzjonali applikabbli għall-immirar tar-reklamar politiku fuq il-bażi tal-proċessar ta' *data* personali.

Din l-inizjattiva għandha kamp ta' applikazzjoni differenti mill-proposta dwar ir-reklamar politiku: tkopri l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem entità ta' pajjiż terz. Dan jinkludi attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi li jikkonsistu fl-organizzazzjoni ta' kampanji ta' komunikazzjoni jew ta' reklamar, li jistgħu jitqiesu wkoll bħala reklamar politiku. Madankollu, ir-rappreżentanza tal-interessi tkopri l-aktar attivitajiet li ma humiex ukoll "reklamar politiku" (eż. il-lobbjar direttament fost l-individwi). Barra minn hekk, il-proposta għal reklamar politiku tkopri attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha irrispettivament minn jekk jiġux ipprovduti f'isem pajjiż terz.

Skont il-proposta dwar ir-reklamar politiku, it-trasparenza hija żgurata b'mod partikolari billi għall-individwi titqiegħed għad-dispożizzjoni ċerta informazzjoni ma' kull reklam politiku. Barra minn hekk, il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li huma pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali[12] jkollhom jagħmlu l-informazzjoni inkluża fl-avviż ta' trasparenza disponibbli permezz tar-repożitorji tar-reklami pubblikati skont l-Artikolu 39 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. L-inizjattiva kurrenti tikkomplementa dan billi tipprovdi aċċess pubbliku għal informazzjoni komplementari fir-reġistri nazzjonali tal-Istati Membri relatati mal-fornituri tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi, b'mod partikolari indikazzjoni ċara dwar il-pajjiż terz li f'ismu titwettaq l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi, l-Istati Membri fejn titwettaq ir-rappreżentanza tal-interessi, u l-proposti leġiżlattivi, il-politiki jew l-inizjattivi fil-mira tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi.

Din il-proposta tikkomplementa wkoll l-**Att dwar is-Servizzi Diġitali**, li jirrikjedi li l-fornituri tal-pjattaformi online jagħmlu ċerta informazzjoni dwar ir-reklami li jippreżentaw disponibbli fuq l-interfaċċi online tagħhom. Barra minn hekk, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jirrikjedi li l-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna li jippreżentaw reklamar fuq l-interfaċċi online tagħhom jikkompilaw u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku f'taqsima speċifika tal-interfaċċa online tagħhom, permezz ta' għodda li tista' ssir tiftixa fiha u affidabbli, repożitorju li jkun fih informazzjoni dwar ir-reklamar. Jobbliga wkoll lil dawn il-fornituri jivvalutaw u jimmitigaw ir-riskji relatati mal-funzjonament, mad-disinn jew mal-użu tas-servizz tagħhom li jkollhom effetti negattivi attwali jew prevedibbli fuq serje ta' riskji tas-soċjetà inkluż fir-rigward tad-diskors ċiviku, tal-proċessi elettorali u tas-sigurtà pubblika.

Din l-inizjattiva għandha kamp ta' applikazzjoni differenti mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali, peress li tkopri attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinvolvu (eż. bħala parti mill-organizzazzjoni ta' kampanja ta' reklamar jew ta' komunikazzjoni) it-tqegħid ta' reklamar fuq l-interfaċċi online tal-pjattaformi online fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar is-Servizz Diġitali. Meta dan ikun il-każ, l-inizjattiva kurrenti tipprevedi li l-fornituri ta' servizzi ta' pjattaforma online għandhom jiġu inklużi mill-entità li

[11] Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku (COM(2021) 731 final).

[12] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

twettaq attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi fir-reġistrazzjoni tagħha, u l-kostijiet rilevanti attribwiti għas-servizzi tagħhom għandhom jiġu inklużi fl-ammont ta' remunerazzjoni ddikjarat minn dik l-entità. Madankollu, din l-inizjattiva f'sitwazzjonijiet bħal dawn ma tirregolax ir-responsabbiltajiet tal-intermedjarji online u ma timponi l-ebda rekwiżit direttament fuq il-fornituri ta' pjattaforma online nfushom.

Barra minn hekk, il-proposta tikkomplementa l-proposta għal **Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media**[13], li għandha l-għan li tindirizza l-approċċi regolatorji nazzjonali frammentati relatati mal-libertà u mal-pluraliżmu tal-media u mal-indipendenza editorjali sabiex tiżgura l-forniment liberu ta' servizzi tal-media fis-suq intern, filwaqt li tiżgura li l-Istati Membri jibqgħu kapaċi jadattaw il-politika dwar il-media għall-kuntest nazzjonali tagħhom, f'konformità mal-kompetenzi tagħhom. Dik il-proposta tiffoka wkoll fuq l-indipendenza u fuq il-finanzjament stabbli tal-media tas-servizz pubbliku kif ukoll fuq it-trasparenza tas-sjieda tal-media u tal-allokazzjoni tar-reklamar mill-istat. Il-fornituri ta' servizzi tal-media li jipprovdu kontenut ta' aħbarijiet u ta' affarijiet kurrenti jkunu meħtieġa minn dik il-proposta li jagħmlu aċċessibbli faċilment u direttament għar-riċevituri tas-servizzi tagħhom l-isem legali u l-ismijiet tas-sidien diretti, indiretti jew benefiċjarji tagħhom, li fil-prinċipju jistgħu jinkludu wkoll gvernijiet ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-fornituri ta' servizzi tal-media jkunu obbligati jieħdu miżuri li jqisu xierqa bl-għan li jiggarantixxu l-indipendenza ta' deċiżjonijiet editorjali individwali.

Id-**Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva**[14] għandha l-għan li toħloq u tiżgura l-funzjonament xieraq ta' suq uniku għas-servizzi tal-media awdjoviżiva, filwaqt li tikkontribwixxi għall-promozzjoni tad-diversità kulturali u tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni tal-konsumatur u tat-tfal. Huwa pjuttost improbabbli li l-kampanji ta' reklamar imwettqin bl-għan li jinfluwenzaw l-iżvilupp, il-formulazzjoni, jew l-implimentazzjoni ta' politika jew ta' leġiżlazzjoni, jew proċessi pubbliċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, fl-Unjoni koperti minn din il-proposta jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

Meta l-fornituri ta' servizzi tal-media jxerrdu r-reklami bħala servizz għal entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi, din il-proposta tipprovdi li tali fornituri ta' servizzi tal-media jeħtiġilhom jissemmew fir-reġistrazzjoni tal-entità, u l-kostijiet rilevanti jridu jiġu inklużi fl-ammont ta' remunerazzjoni ddikjarata. Madankollu, din il-proposta f'sitwazzjonijiet bħal dawn ma timponix rekwiżiti fuq il-fornituri nfushom.

Din il-proposta ma tkoprix attivitajiet regolati bir-Regolament (UE, Euratom) 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15], li jirregola l-istatut u l-finanzjament tal-**partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej**, inklużi donazzjonijiet minn awtorità pubblika ta' pajjiż terz, jew minn impriża li fuqha tali awtorità pubblika tista' teżerċita, direttament jew indirettament, influwenza dominanti.

---

[13] Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2022 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Midja) u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (COM(2022) 457 final).

[14] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/13/oj).

[15] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1141/oj).

Mill-2020, ir-**Rapporti annwali tal-Istat tad-Dritt**[16] jimmonitorjaw, taħt il-pilastru tagħhom kontra l-korruzzjoni, ir-regolamentazzjoni tar-rappreżentanza tal-interessi u tal-lobbjar fl-Istati Membri kollha fil-qafas tal-istandards Ewropej u internazzjonali eżistenti. Mill-2022, il-Kummissjoni ilha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri fil-kuntest tar-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt, inkluż dwar aspetti rilevanti għar-rappreżentanza tal-interessi. Pereżempju, fl-2022, ġie rrakkomandat li d-Danimarka u s-Slovakkja jintroduċu regoli dwar il-lobbjar, filwaqt li r-Rumanija ġiet mistiedna tintroduċi regoli dwar il-lobbjar għall-Membri tal-Parlament. Il-Belġju ntalab ilesti riforma leġiżlattiva dwar il-lobbjar li tistabbilixxi qafas li jinkludi reġistru tat-trasparenza u impronta leġiżlattiva u jkopri lill-membri kemm tal-Parlament kif ukoll tal-Gvern. Fl-istess sena, ġie rrakkomandat li Spanja tkompli bl-isforzi sabiex tressaq leġiżlazzjoni dwar il-lobbjar, inkluż l-istabbiliment ta' reġistru pubbliku obbligatorju tal-lobbisti[17].

Fl-2023, il-Kummissjoni nnotat fil-kuntest tar-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt li l-iżviluppi fil-qasam tal-lobbjar komplew, peress li xi Stati Membri kienu rrevedew ir-regoli tagħhom dwar it-trasparenza tal-lobbjar f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet mill-2022. Pereżempju, fil-Latvja, ġiet adottata liġi ġdida dwar il-lobbjar, li tipprevedi l-ħolqien ta' reġistru tal-lobbjar. Fl-Estonja, l-awtoritajiet komplew bl-isforzi sabiex jimplimentaw b'mod effettiv il-linji gwida dwar il-lobbjar. Ċipru adotta regolament ta' implimentazzjoni dwar il-lobbying, li ċċara l-proċedura għad-dikjarazzjoni, għar-reġistrazzjoni u għall-pubblikazzjoni ta' attivitajiet ta' lobbjar. Fil-Litwanja, ir-regoli kurrenti dwar il-lobbjar taw riżultati pożittivi f'termini ta' dikjarazzjonijiet sottomessi. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt kien fih ukoll rakkomandazzjonijiet ulterjuri għall-Istati Membri relatati mal-lobbjar u mar-rappreżentanza tal-interessi f'każijiet li fihom ir-rakkomandazzjonijiet mill-2022 ma kinux ġew indirizzati bis-sħiħ jew tfaċċaw sfidi ġodda[18].

Id-**Direttiva proposta dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni**[19] tfittex li tipproteġi d-demokrazija kif ukoll lis-soċjetà mill-impatt tal-korruzzjoni u tipproponi li jiġi aġġornat il-qafas legali kriminali tal-Unjoni sabiex jinkludi, minbarra r-reati ta' tixħim u ta' miżappropprjazzjoni, l-abbuż mill-influwenza, l-abbuż tal-uffiċċju, it-tfixkil tal-ġustizzja, u l-arrikkiment mill-korruzzjoni. Jekk jibqgħu ma jiġux indirizzati, l-influwenzar bil-moħbi u n-nuqqas ġenerali ta' trasparenza fir-rappreżentanza tal-interessi jistgħu jippermettu u jnisslu l-korruzzjoni. Meta reati bħal dawn jitwettqu għall-benefiċċju ta' pajjiż terz, id-Direttiva proposta tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw dan bħala ċirkostanza aggravanti. Din il-proposta tikkomplementa d-Direttiva proposta dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni peress li t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi hija ugwalment mistennija li tagħti kontribut pożittiv għall-prevenzjoni u għad-detezzjoni tal-korruzzjoni.

---

16 https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/rule-law/rule-law-mechanism_mt

17 Fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, aktar rakkomandazzjonijiet dwar il-lobbjar kienu jikkonċernaw lill-DE, EE, IE, FR, HR, IT, LV, LU, HU, NL u PL.

18 Aktar rakkomandazzjonijiet relatati mal-lobbjar jikkonċernaw lill-DE, CZ, DK, DE, IE, ES, FR, HR, IT, LV, LU, HU, NL, AT, PL, RO u SK.

19 Il-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2023) 234 final).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-trawwim, il-protezzjoni u t-tisħiħ tad-demokrazija fl-Unjoni jinsabu fil-qalba tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni kif stabbiliti fil-Linji Gwida Politiċi maħruġin mill-President von der Leyen[20]. Fl-2020, taħt l-ambizzjoni l-kbira "Spinta ġdida għad-Demokrazija Ewropea", il-Kummissjoni preżentat il-**Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea**[21], bl-għan li tipproteġi u ssaħħaħ id-demokraziji tal-Unjoni billi tissalvagwardja l-integrità tal-elezzjonijiet, tippromwovi elezzjonijiet liberi u ġusti, issaħħaħ il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, u tiġġieled kontra d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani.

Fid-diskors tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni[22], il-President von der Leyen ħabbret pakkett ta' miżuri sabiex tiddefendi d-demokrazija minn influwenza barranija bil-moħbi. Il-pakkett se jikkomplementa l-azzjonijiet li diġà ttieħdu fil-livell tal-Unjoni fl-ambitu tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea. Minbarra din l-inizjattiva, il-pakkett jinkludi miżuri speċifiċi dwar kwistjonijiet elettorali qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u miżuri sabiex jitrawwem spazju ċiviku abilitanti u jiġi promoss involviment inklużiv u effettiv mill-awtoritajiet pubbliċi mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u maċ-ċittadini[23]. Dawn il-miżuri kollha għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza demokratika minn ġewwa.

Din l-inizjattiva temenda d-**Direttiva dwar l-Informaturi**[24] sabiex tiżgura li l-informaturi jkunu jistgħu jwissu lill-awtoritajiet superviżorji li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri dwar ksur attwali jew potenzjali tar-rekwiżiti tal-proposta.

Din l-inizjattiva ma taffettwa bl-ebda mod l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u l-Artikolu 215 tat-TFUE. Dawn il-miżuri huma għodda essenzjali tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni li permezz tagħha l-Unjoni tista' tintervjeni meta jkun neċessarju sabiex tipprevjeni kunflitt jew twieġeb għal kriżijiet emerġenti jew kurrenti fl-isfera internazzjonali, u sabiex tippromwovi l-paċi, id-demokrazija, ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali. B'mod partikolari, din il-proposta ma taffettwax il-projbizzjoni li jiġu magħmulin disponibbli, direttament jew indirettament, fondi jew riżorsi ekonomiċi lil jew għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom li huma elenkati fil-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Din l-inizjattiva se jkollha rabta mal-proposta għal Direttiva dwar l- **attivitajiet transfruntiera tal-assoċjazzjonijiet (ECBAs)**[25]. Filwaqt li dik il-proposta toħloq forma ġuridika addizzjonali ta' assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ u tiffaċilita l-attivitajiet transfruntiera tagħhom u tagħtihom ċerti drittijiet, din l-inizjattiva leġiżlattiva tintroduċi standards komuni ta' trasparenza u ta' akkontabilità għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi li jfittxu li jinfluwenzaw il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Unjoni u mwettqin

[20] https://commission.europa.eu/document/aa3bc4a8-50b7-425a-a81c-e7360e01a24d_mt

[21] https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/new-push-european-democracy/european-democracy-action-plan_mt

[22] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/speech_22_5493

[23] COM(2023) 630 final, C(2023) 8626 final u C(2023) 8627 final.

[24] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj).

[25] Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjonijiet transfruntiera Ewropej (COM(2023)516 final), li tindirizza l-frammentazzjoni tar-regoli nazzjonali għall-assoċjazzjonijiet u għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ madwar l-Unjoni u tiffaċilita l-attivitajiet tagħhom bejn il-fruntieri fis-suq intern.

f'isem pajjiżi terzi. Fil-prattika, l-ECBAs ikollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' trasparenza mmirati skont din il-proposta biss jekk iwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi.

Din l-inizjattiva ma taffettwax il-prerogattivi tal-Kummissjoni li tibda u twettaq investigazzjonijiet dwar sussidji barranin distortivi skont ir-**Regolament dwar is-Sussidji Barranin**[26] jew li toħroġ opinjonijiet skont ir-**Regolament dwar l-Iskrinjar tal-Investimenti Diretti Barranin**[27].

Fl-aħħar nett, xi entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-**Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD)**[28]. Dawn il-każijiet ikunu limitati u ristretti għas-sitwazzjoni li fiha l-azzjonijiet ta' kumpanija kbira jkunu attribwiti lil pajjiż terz.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 114 tat-TFUE, li jipprovdi għall-adozzjoni ta' miżuri sabiex jiżguraw l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Din id-dispożizzjoni tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Dan huwa l-bażi ġuridika xierqa għal intervent li jkopri l-forniment tas-servizzi fis-suq intern u li jindirizza d-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri li jxekklu l-libertajiet fundamentali u li għandhom effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern.

Fil-liġijiet nazzjonali jeżistu u qegħdin jiżdiedu d-differenzi, minħabba li xi Stati Membri lleġiżlaw jew għandhom l-intenzjoni li jilleġiżlaw dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza applikabbli għar-rappreżentanza tal-interessi. Din is-sitwazzjoni toħloq frammentazzjoni regolatorja billi r-regoli li jindirizzaw it-trasparenza tal-entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi fir-rigward ta' pajjiżi terzi jvarjaw fir-rigward tal-elementi speċifiċi tat-trasparenza li jeħtieġu (l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata, il-frekwenza tal-aġġornament tagħhom) u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom (it-tipi ta' attivitajiet koperti jew eżentati).

Frammentazzjoni bħal din toħloq ostakli għall-forniment transfruntier ta' rappreżentanza tal-interessi u x'aktarx li tiżdied speċifikament fir-rigward tal-forniment ta' tali attivitajiet imwettqin f'isem pajjiżi terzi. Il-miżuri armonizzati ta' trasparenza għandhom l-għan li joħolqu kundizzjonijiet ekwi, inaqqsu l-kostijiet tal-konformità u l-arbitraġġ regolatorju

[26] Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2560/oj), li għandu l-għan li jistabbilixxi qafas armonizzat sabiex jindirizza d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern ikkawżati, direttament jew indirettament, minn sussidji barranin.

[27] Ir-Regolament (UE) 2019/452 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj) jipprovdi qafas tal-Unjoni għall-iskrinjar tal-investimenti diretti minn pajjiżi terzi għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku.

[28] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj). Tapplika għall-Kumpaniji kollha b'Responsabbiltà Limitata (LLC) li ma humiex SMEs kif iddefiniti mid-direttiva dwar il-kontabilità, u għall-kumpaniji LLC kollha kkwotati f'suq regolat (inklużi SMEs ikkwotati) iżda esklużi l-mikrointrapriżi.

eżistenti kif ukoll il-feġġa ta' ostakli addizzjonali fis-suq intern għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi, li jirriżultaw mill-iżvilupp inkonsistenti ta' liġijiet nazzjonali. Mingħajr azzjoni fil-livell tal-Unjoni, din il-varjetà tkompli tiġi aggravata bl-adozzjoni ta' inizjattivi ġodda f'xi Stati Membri li jindirizzaw, b'mod partikolari, ir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi, filwaqt li fi Stati Membri oħrajn it-trasparenza tas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi tibqa' mhux indirizzata.

F'konformità mal-objettiv tagħha tas-suq intern, din il-proposta tipprovdi li l-entitajiet ikollhom bżonn jirreġistraw fl-Istat Membru tas-sede prinċipali tagħhom, irrispettivament mill-Istat(i) Membru/i fejn ifittxu li jwettqu l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi tagħhom. Barra minn hekk, il-proposta tipprevedi li f'każijiet speċifiċi u b'mod proporzjonat, awtorità superviżorja tkun tista' titlob informazzjoni li tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet superviżorji ta' Stati Membri oħrajn.

F'konformità mal-Artikolu 2 tat-TUE[29], din l-inizjattiva għandha wkoll l-għan li ttejjeb l-integrità tal-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u l-fiduċja fihom billi tiżgura t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi, u billi ttejjeb l-għarfien dwar id-daqs, ix-xejriet u l-atturi tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Filwaqt li l-objettiv li tiġi żgurata t-trasparenza tal-attivitajiet li bihom pajjiżi terzi jfittxu li jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi fl-Unjoni huwa fattur importanti fl-għażliet involuti fil-miżuri ta' armonizzazzjoni li jinsabu f'din il-proposta, il-proposta għandha bħala l-objettiv ewlieni tagħha t-titjib tal-kundizzjonijiet għall-funzjonament tas-suq intern.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-armonizzazzjoni sħiħa fil-livell tal-Unjoni hija neċessarja u l-Artikolu 114 tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika rilevanti għal din l-inizjattiva[30].

- **Sussidjarjetà**

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà (l-Artikolu 5(3) tat-TUE), għandha tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni biss meta l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, u li għaldaqstant, minħabba l-iskala jew l-effetti, ikunu jistgħu jinkisbu aħjar mill-Unjoni.

Peress li r-regoli tal-Istati Membri li jaffettwaw ir-rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi jvarjaw fil-kamp ta' applikazzjoni, fil-kontenut u fl-effett tagħhom, qiegħed ifeġġ qafas mhux uniformi ta' regoli nazzjonali u qegħdin jiżdiedu r-riskji, speċjalment fir-rigward tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Dan jimmina s-suq intern billi joħloq kundizzjonijiet mhux ekwi u kostijiet żejda għall-entitajiet li jfittxu li jwettqu attivitajiet transfruntiera ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi. Jistieden l-arbitraġġ regolatorju sabiex jiġu evitati l-miżuri ta' trasparenza li min-naħa tiegħu jħalli impatt fuq il-kunfidenza u fuq il-fiduċja taċ-ċittadini fl-effettività tar-regolamentazzjoni.

Huwa biss intervent fil-livell tal-Unjoni li jista' jsolvi dawn il-problemi, peress li r-regolamentazzjoni fil-livell nazzjonali diġà tirriżulta fil-ħolqien ta' ostakli għall-attivitajiet transfruntiera ta' rappreżentanza tal-interessi fis-suq intern. B'kuntrast ma' dan, l-effetti ta' kwalunkwe azzjoni meħuda skont il-liġi nazzjonali jkunu limitati għal Stat Membru wieħed u

[29] Ara s-sentenza tas-16 ta' Frar 2022, *L-Ungerija vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill,* il-Kawża C-156/21, ECLI:EU:C:2022:97, li fiha l-Qorti ddikjarat li l-Unjoni Ewropea trid tkun tista' tiddefendi l-valuri tagħha fil-limiti tas-setgħat tagħha kif stabbiliti mit-Trattati.

[30] Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2002, *British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco*, C-491/01, ECLI:EU:C:2002:741, il-punt 75.

jirriskjaw li jiġu evitati jew li jkunu diffiċli li jiġu ssorveljati fir-rigward ta' entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi minn Stati Membri oħrajn. Barra minn hekk, bħalissa xi Stati Membri qegħdin jikkunsidraw inizjattivi leġiżlattivi fil-qasam tal-influwenza barranija li jaf ma jkunux allinjati mal-approċċ proporzjonat u mmirat ta' din l-inizjattiva u li jistgħu ma jipprovdux sistema komprensiva ta' salvagwardji. Hija biss l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni li tista' tindirizza dan b'mod konsistenti fis-suq intern kollu. L-introduzzjoni ta' standards komuni u proporzjonati għat-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi fil-livell tal-Unjoni hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li miżuri bħal dawn jiġu stabbiliti b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha fir-rigward tad-drittijiet fundamentali kollha u b'mod partikolari soġġetti għal salvagwardji komprensivi li jinkludu l-aċċess għall-qrati.

Fl-aħħar nett, l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi huma kwistjoni tranżnazzjonali b'implikazzjonijiet transfruntiera li jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. L-influwenzar tad-deċiżjonijiet ta' politika u tal-proċessi politiċi fi Stat Membru wieħed jista' jkollu impatt lil hinn mill-fruntieri ta' dak l-Istat Membru, fi Stat Membru ieħor jew fil-livell Ewropew. In-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni jista' jwassal sabiex xi Stati Membri jkunu anqas konxji minn oħrajn dwar l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Jidher improbabbli li l-Istati Membri jikkonverġu fuq standards allinjati dwar kif tinġabar *data* komparabbli dwar l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi, jew jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kooperazzjoni sistematiku madwar l-Unjoni kollha sabiex jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin u mal-Kummissjoni.

- **Proporzjonalità**

Fir-rigward tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni proposta ma jeċċedux dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li jkun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Il-proposta tibni fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni u hija proporzjonata u neċessarja sabiex tilħaq l-objettivi tagħha. Il-miżuri previsti huma limitati għal dak li huwa nċessarju sabiex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni kurrenti u mistennija tal-qafas regolatorju rilevanti.

Il-proposta hija limitata għar-rekwiżiti ta' trasparenza indirizzati biss lil entitajiet li qegħdin iwettqu servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi. Il-proporzjonalità tal-obbligi ta' trasparenza ġiet meqjusa bir-reqqa u hija riflessa fir-rekwiżiti limitati imposti (rekwiżiti ta' informazzjoni limitati b'mod ċar, obbligi limitati f'termini ta' żamma tar-rekords, eċċ.). Il-proposta ma għandhiex l-għan li tillimita l-forniment ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi, iżda pjuttost li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern u tiffaċilita l-forniment transfruntier tagħhom billi tagħmilhom aktar trasparenti b'mod koerenti madwar l-Unjoni.

Il-proposta tinkludi s-salvagwardji neċessarji mmirati lejn l-iżgurar ta' traspożizzjoni u ta' infurzar proporzjonati u l-evitar tar-riskji ta' stigmatizzazzjoni. Il-proposta ma għandhiex l-għan li tipprevjeni lil pajjiżi terzi milli jippromwovu l-fehmiet tagħhom, iżda għandha l-għan li tiżgura li dan iseħħ b'mod trasparenti u responsabbli. Din ma timponix rekwiżiti fuq l-entitajiet sempliċiment minħabba li jirċievu finanzjament minn barra l-pajjiż, iżda minflok tiffoka fuq l-iżgurar ta' trasparenza akbar meta jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi li jfittxu li jinfluwenzaw l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' politika jew ta' leġiżlazzjoni, jew ta' proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Unjoni. Għal din ir-raġuni, il-kontribuzzjonijiet għall-finanzjament ewlieni ta' organizzazzjoni jew appoġġ finanzjarju simili, pereżempju pprovdut fil-qafas ta' skema ta' għotjiet minn donaturi minn pajjiżi terzi lil organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, ma għandhomx jitqiesu bħala remunerazzjoni għal servizz ta' rappreżentanza tal-interessi meta ma jkunux relatati ma' attività ta' rappreżentanza tal-interessi, jiġifieri, meta l-entità tirċievi

finanzjament bħal dan irrispettivament minn jekk twettaqx attivitajiet speċifiċi ta' rappreżentanza tal-interessi għall-pajjiż terz li jipprovdi finanzjament bħal dan.

Barra minn hekk, il-proposta tinkludi rekwiżit speċifiku li l-informazzjoni fir-reġistri nazzjonali tal-Istati Membri tiġi ppreżentata b'mod newtrali u fattwali u b'tali mod li ma twassalx għal stigmatizzazzjoni tal-entitajiet reġistrati. B'mod partikolari, l-informazzjoni ma għandhiex tiġi ppreżentata ma' dikjarazzjonijiet jew ma' dispożizzjonijiet, jew tkun akkumpanjata minn tali dikjarazzjonijiet jew dispożizzjonijiet, li jistgħu joħolqu klima ta' sfiduċja fir-rigward tal-entitajiet reġistrati jew li jkunu adatti sabiex jiskoraġġixxu lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi milli jinvolvu rwieħhom magħhom jew jipprovdulhom appoġġ finanzjarju.

Is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji li jitolbu informazzjoni mingħand entitajiet fl-ambitu tal-inizjattiva huma mfasslin bir-reqqa sabiex jiżguraw li l-entitajiet ikkonċernati ma jkunux soġġetti għal talbiet mhux neċessarji jew eċċessivi. Dak it-tfassil huwa doppju: l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jirrikjedu biss informazzjoni limitata li tkun addizzjonali għal dik inkluża fir-reġistru nazzjonali u f'ċirkostanzi limitati biss.

Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità tas-sanzjonijiet, il-proposta tipprevedi li l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jimponu biss sanzjonijiet limitati għal multi amministrattivi taħt ċerta limitu massimu fuq il-bażi tal-kapaċità ekonomika ta' entità għal ksur tal-obbligi proposti. Is-sanzjonijiet kriminali huma esklużi espliċitament. L-Istati Membri huma responsabbli sabiex jiżguraw li jkun ipprojbit li jipparteċipaw f'attivitajiet li jevitaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 114 tat-TFUE jagħti lil-leġiżlatur is-setgħa li jadotta regolamenti u direttivi.

Direttiva li tipprevedi armonizzazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti ta' trasparenza applikabbli għall-entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi mwettqa bl-objettiv li jinfluwenzaw l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' politika jew ta' leġiżlazzjoni, jew ta' proċessi pubbliċi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fis-suq intern, hija xierqa.

Billi timponi l-armonizzazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti ta' trasparenza u ta' akkontabilità, l-inizjattiva tipprevjeni wkoll il-gold-plating. B'mod partikolari, fi ħdan il-qafas tar-regoli armonizzati, l-Istati Membri jkunu pprojbiti milli jimponu rekwiżiti ta' trasparenza aktar estensivi. L-Istati Membri jżommu diskrezzjoni limitata fl-ambitu tal-miżuri kompletament armonizzati, u kif definita b'mod espliċitu mill-inizjattiva legali. Pereżempju, l-Istati Membri jkunu liberi li jipprovdu għal reġistru nazzjonali wieħed jew aktar u għal awtorità superviżorja waħda jew aktar fit-territorju tagħhom (eż. diversi awtoritajiet inkarigati minn partijiet differenti tat-territorju).

Il-kompetenza tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli b'rispett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni għall-aspetti mhux koperti mir-regoli armonizzati ma hijiex affettwata, pereżempju, li jistabbilixxu regoli għall-uffiċjali pubbliċi tagħhom li jikkuntattjaw lill-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija r-riżultat ta' konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati, li matulhom il-Kummissjoni applikat il-prinċipji u l-istandards ġenerali għall-konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Strateġija ta' konsultazzjoni identifikat il-partijiet ikkonċernati

rilevanti ewlenin. Il-Kummissjoni wettqet l-ewwel serje ta' konsultazzjonijiet wisgħin mal-partijiet ikkonċernati bejn Ottubru 2022 u Mejju 2023. Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet addizzjonali mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, mal-entitajiet kummerċjali u mal-OSĊ inkluż dwar għażliet ta' politika potenzjali matul Awwissu u Settembru 2023.

Il-Kummissjoni kkuntrattat studju estern b'appoġġ għat-tħejjija ta' din il-proposta[31]. Bħala parti minn dan l-istudju ta' appoġġ, il-kuntrattur wettaq sensiela ta' konsultazzjonijiet individwali mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.

Fis-16 ta' Frar 2023 ġiet pubblikata konsultazzjoni pubblika, akkumpanjata minn feedback dwar id-dokument tas-Sejħa għall-Evidenza[32], u baqgħet għaddejja sal-14 ta' April 2023. Il-feedback u l-kontribuzzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati pprovdew b'mod partikolari informazzjoni sabiex jiġu żviluppati d-definizzjoni tal-problema u l-għażliet ta' politika. Il-konsultazzjoni pubblika ġiet promossa permezz ta' kampanja tal-media soċjali kif ukoll permezz tas-sit web tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni wettqet żewġ stħarriġiet tal-Ewrobarometru Flash, dwar id-Demokrazija u dwar iċ-Ċittadinanza u d-Demokrazija rispettivament. L-ewwel wieħed wera li aktar minn wieħed minn kull ħames Ewropej iqisu li l-propaganda u l-informazzjoni falza jew qarrieqa minn sors barrani mhux demokratiku u l-indħil barrani moħbi fil-politiki u fl-ekonomija ta' pajjiżhom, inkluż permezz tal-finanzjament ta' atturi domestiċi, huma fost l-aktar theddidiet serji għad-demokrazija[33]. It-tieni wieħed wera li madwar tmienja minn kull għaxar Ewropej jaqblu li l-indħil barrani fis-sistemi demokratiċi Ewropej huwa problema serja li għandha tiġi indirizzata[34].

Barra minn hekk, tħejjiet Valutazzjoni tal-Impatt li ppreżentat ir-raġunament, l-analiżi u l-evidenza disponibbli sabiex jiġi indirizzat is-suġġett inkwistjoni[35]. Il-Valutazzjoni tal-Impatt fiha preżentazzjoni dettaljata u analiżi tal-istrateġija ta' konsultazzjoni u r-riżultati tagħha.

Il-Kummissjoni organizzat diversi laqgħat tal-grupp fokali mal-partijiet ikkonċernati ewlenin sabiex tiġbor evidenza u *data* addizzjonali dwar il-problemi speċifiċi indirizzati mill-inizjattiva, kif ukoll dwar l-approċċ ta' politika u l-impatt tagħha. Dawn il-laqgħat tal-gruppi fokali laqqgħu lill-partijiet ikkonċernati involuti fir-relazzjonijiet pubbliċi u fil-lobbjar bħall-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-setturi rilevanti taċ-ċrieki kummerċjali, id-ditti tal-lobbjar, tal-konsulenza u tar-relazzjonijiet pubbliċi, l-OSĊ u l-professjonisti legali li jipprovdu servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi. Il-gruppi fokali ġabru wkoll esperti tas-suġġett f'oqsma rilevanti, bħall-akkademja, l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inkluż fil-livell lokali, kif ukoll l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-korpi li jistabbilixxu l-istandards. Saru laqgħat addizzjonali, inkluż f'livell għoli, mal-OSĊ u mal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni analizzat ukoll pożizzjonijiet u dokumenti u studji analitiċi, li waslu fil-kuntest tat-tħejjija dwar il-proposta. Fl-aħħar, din wettqet ukoll konsultazzjonijiet bilaterali mal-partijiet ikkonċernati fuq inizjattiva tagħhom stess.

B'mod ġenerali, il-parteċipanti fil-gruppi fokali esprimew l-appoġġ tagħhom għal inizjattiva li tindirizza regoli komuni ta' trasparenza għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Huma enfasizzaw l-isfidi li jirriżultaw mill-ħtieġa ta' konformità

31 L-istudju se jsir disponibbli taħt https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/eu-citizenship/democracy-and-electoral-rights/studies_mt

32 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13744-Transparency-of-covert-interference-by-third-countries_mt.

33 L-Ewrobarometru Flash 522 dwar id-Demokrazija.

34 L-Ewrobarometru Flash 528 dwar iċ-Ċittadinanza u d-Demokrazija.

35 Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt li Takkumpanja.

ma' sistemi u ma' regoli differenti madwar l-Istati Membri u kienu favur regoli armonizzati fil-livell tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-konsultazzjoni pubblika wriet li kien hemm ftehim ġenerali fost il-partijiet ikkonċernati li l-azzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa sabiex tiżdied it-trasparenza fir-rigward tal-lobbjar, tal-attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi u kwalunkwe attività oħra li, meta titwettaq f'isem pajjiżi terzi, kellha impatt sinifikanti fuq l-isfera demokratika.

B'mod partikolari, il-maġġoranza l-kbira tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika ddikjaraw li l-attivitajiet ta' lobbjar u ta' relazzjonijiet pubbliċi f'isem pajjiżi terzi jwasslu għal riskju għoli li pajjiżi terzi jinterferixxu bil-moħbi fl-ispazju demokratiku u fid-dibattitu pubbliku tal-Unjoni u kienu jagħtu lok għall-korruzzjoni.

Iċ-ċittadini tal-Unjoni huma mħassbin dwar l-impatti tal-indħil barrani fuq id-demokraziji tal-Unjoni. Il-maġġoranza l-kbira tagħhom talbu aktar trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi, u rispons koordinat fil-livell tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni rċeviet 29 tweġiba għall-konsultazzjonijiet addizzjonali mal-partijiet ikkonċernati mwettqin matul Awwissu u Settembru 2023: 11-il tweġiba mill-OSĊ, 15-il tweġiba mill-Istati Membri, u tliet tweġibiet minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-industrija tar-rappreżentanza tal-interessi.

Fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju, l-Istati Membri qablu b'mod ġenerali li s-soċjetà għandha interess fundamentali li tiġi infurmata dwar l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Ħames Stati Membri esprimew speċifikament il-fehma li huwa neċessarju li jiġu stabbiliti miżuri armonizzati li jsaħħu t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi li jfittxu li jinfluwenzaw il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Żewġ Stati Membri enfasizzaw li l-proposta leġiżlattiva għandha titfassal b'kunsiderazzjoni xierqa tad-drittijiet fundamentali. Seba' Stati Membri esprimew li l-awtoritajiet superviżorji għandhom jitħallew jitolbu informazzjoni speċifika mingħand entitajiet reġistrati, soġġetti għal salvagwardji.

Fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju, disa' OSĊ esprimew il-fehma li l-intervent leġiżlattiv għandu jkopri t-tipi kollha ta' attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi u ma jkunx limitat għal dawk imwettqin f'isem pajjiżi terzi. Tliet OSĊ esprimew il-ħtieġa li tiġi pprovduta definizzjoni ċara tal-kunċett ta' rappreżentanza tal-interessi. Tmien OSĊ enfasizzaw il-kwistjoni li tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni, u jispjegaw li r-reġistrazzjoni ma għandhiex twassal għal stigmatizzazzjoni iżda għan-normalizzazzjoni tar-rappreżentanza tal-interessi, peress li l-leġittimità tar-rappreżentanza tal-interessi ma tiddependix fuq ta' min ikun l-interess irrappreżentat, iżda dwar l-istandards etiċi li jiġu applikati meta jitwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi. Tliet OSĊ irreferew speċifikament għall-ħtieġa li jiġu żgurati salvagwardji meħtieġa mid-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust. Erba' OSĊ talbu eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' reġistrazzjoni għal entitajiet iżgħar.

Ir-rappreżentanti kollha tal-industrija li wieġbu għall-kwestjonarju huma favur li r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni u ta' trasparenza jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Żewġ rappreżentanti tal-industrija rrakkomandaw li l-Kummissjoni tqis il-forom kollha ta' attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi u mhux tarmonizza biss dawk imwettqin f'isem pajjiżi terzi. Ir-rappreżentanti kollha tal-industrija qablu li l-ebda entità speċifika ma għandha tibbenefika minn eżenzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza, sabiex jiġu evitati riskji ta' ċirkomvenzjoni.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni bbażat fuq firxa wiesgħa ta' għarfien espert sabiex tħejji din il-proposta.

Il-bażi tal-evidenza hija meħuda minn riċerka interna u esterna, minn attivitajiet estensivi ta' konsultazzjoni, minn laqgħat bilaterali mal-partijiet ikkonċernati, u kienet appoġġata minn studju estern.

Il-ħidma rilevanti fil-Parlament Ewropew (inkluż il-Kumitat Speċjali għall-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni, inkluża d-diżinformazzjoni[36]) u fil-Kunsill[37] ikkostitwiet kontribut ulterjuri għall-proċess analitiku tal-Kummissjoni.

Minbarra l-konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni impenjat ruħha b'mod partikolari f'diversi laqgħat tal-grupp fokali mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mistoqsijiet imfasslin speċifikament għal kull kategorija.

Tqieset ukoll gwida minn korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards, inkluż il-Kunsill tal-Ewropa jew l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)[38]. Dawn irrakkomandaw b'mod partikolari r-regolamentazzjoni legali tal-attivitajiet ta' lobbjar fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, kif ukoll it-trasparenza u l-integrità fil-lobbjar u fil-finanzjament barrani, filwaqt li fakkru fl-importanza li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

L-istudju li fuqu hija msejsa l-inizjattiva jinkludi rieżami tal-letteratura li jikkonferma l-prevalenza tal-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi, li hija mifruxa u żdiedet maż-żmien.

- **Valutazzjoni tal-Impatt**

Bi qbil mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt għal din il-proposta[39].

Il-Kummissjoni eżaminat għażliet ta' politika differenti sabiex jintlaħqu l-objettivi ġenerali tal-proposta. Ġew ivvalutati tliet għażliet ta' politika bi gradi differenti ta' intensità regolatorja:

L-ewwel għażla kkunsidrat intervent mhux leġiżlattiv. Din l-għażla ta' politika kienet tkun tikkonsisti fir-rakkomandazzjoni lill-Istati Membri ta' sett ta' miżuri li għandhom jiġu applikati għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. L-Istati Membri kienu jkunu mħeġġin jipprovdu għal miżuri ta' trasparenza simili u proporzjonati mmirati sabiex jiffaċilitaw l-akkontabilità u s-sorveljanza u jindirizzaw l-isfidi għall-proċessi demokratiċi assoċjati ma' attivitajiet bħal dawn. Jitwettaq monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet. Rapport jivvaluta l-effetti tar-Rakkomandazzjoni u jqis miżuri oħrajn inkluża leġiżlazzjoni futura possibbli. Din l-għażla twarrbet minħabba li intervent li jibbaża biss fuq miżuri mhux leġiżlattivi ma kienx jipprevjeni l-iżvilupp ta' ostakli ulterjuri fil-funzjonament tas-suq intern għal attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi

---

36 Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluż id-diżinformazzjoni (2020/2268(INI)).

37 Ara, pereżempju, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2019 dwar sforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu (14972/19), il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2021 dwar Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel (12301/21), il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022 dwar il-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u l-Interferenza minn Barranin (FIMI) (11429/22) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; Ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE (7388/23).

38 Bħall-prinċipji tal-OECD għat-Trasparenza u l-Integrità fl-Illobbjar, jew ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar ir-regolamentazzjoni legali tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, CM/Rec(2017)2.

39 SWD(2023) 663 final.

mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' reġistrazzjoni applikabbli madwar l-Unjoni, din l-għażla kienet timplika kostijiet tal-konformità ogħla. Din l-għażla ta' politika kienet tħalli wkoll diskrezzjoni wiesgħa ħafna fil-livell nazzjonali sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti ta' trasparenza u b'mod partikolari ma kinitx tiżgura l-implimentazzjoni tas-salvagwardji pprovduti mill-għażla miżmuma.

It-tieni għażla kkunsidrata u fl-aħħar mill-aħħar dik miżmuma, hija intervent leġiżlattiv immirat li jiffoka fuq it-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. F'dan ix-xenarju, l-istrument leġiżlattiv jiddefinixxi r-rekwiżiti ta' trasparenza u ta' akkontabilità applikabbli għall-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi. Dan ikun jeħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jżommu rekords limitati u jipprovdu, b'mod armonizzat, informazzjoni limitata lir-reġistri nazzjonali stabbiliti mill-Istati Membri dwarhom infushom, dwar l-attivitajiet li jwettqu, u dwar l-entitajiet ta' pajjiżi terzi li jaġixxu f'isimhom. Din l-għażla tinkludi salvagwardji mmirati lejn l-iżgurar ta' traspożizzjoni u ta' infurzar proporzjonati u lejn l-evitar tar-riskji ta' stigmatizzazzjoni.

It-tielet għażla kkunsidrata kienet tkun tikkonsisti f'intervent leġiżlattiv estensiv li jinkludi rekwiżiti ta' rapportar imtejbin kif ukoll il-ħolqien ta' awtorizzazzjoni minn qabel jew sistema ta' liċenzjar li biha l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrifjutaw li jagħtu liċenzja fuq il-bażi ta' tħassib dwar is-sigurtà pubblika. Sistema bħal din kienet toħloq obbligu għall-entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi fis-suq intern sabiex jiksbu liċenzja bl-għan li jkunu jistgħu jipprovdu servizzi bħal dawn għal pajjiżi terzi. Dan tqies li x'aktarx iqajjem kwistjonijiet ta' proporzjonalità u seta' jwassal għal impatti negattivi għan-negozju, b'mod partikolari għal atturi ekonomiċi iżgħar affettwati u għal organizzazzjonijiet mhux kummerċjali. Din l-għażla seta' jkollha impatt sproporzjonat fuq id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni u fuq il-libertà ta' espressjoni. Barra minn hekk, awtorizzazzjoni minn qabel jew liċenzjar kienu jirriskjaw li jkunu ta' detriment għall-interessi ġeopolitiċi tal-Unjoni: kien joħloq riskju ta' miżuri ta' ritaljazzjoni minn pajjiżi li bħalissa qed jinvolvu rwieħhom f'attivitajiet ta' influwenza fl-Unjoni jekk l-attivitajiet tagħhom jiġu rrifjutati. B'mod simili, billi din l-għażla setgħet inkludiet restrizzjonijiet sproporzjonati għad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni, ir-reputazzjoni tal-Unjoni setgħet tiġi affettwata b'mod negattiv ukoll.

L-għażla ta' politika miżmuma tindirizza b'mod xieraq il-lakuni u d-differenzi regolatorji bejn l-Istati Membri filwaqt li tiżgura konformità sħiħa mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà. Dan l-approċċ wera wkoll li huwa l-aktar ta' benefiċċju f'termini ta' impatti.

L-ewwel nett, l-impatti ekonomiċi huma mistennijin ikunu limitati ħafna, bi ftit kostijiet tal-konformità għar-rekwiżiti meħtieġa għaż-żamma tar-rekords u għar-reġistrazzjoni (allinjati kemm jista' jkun mal-proċess tan-negozju eżistenti) u numru limitat ta' entitajiet ikkonċernati fis-suq intern, stmat bejn 712 u 1068 skont xenarji differenti, kif ukoll kostijiet limitati ta' infurzar għall-amministrazzjonijiet nazzjonali. Ir-reġistri pubbliċi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri jkunu appoġġati minn għodod tal-IT aċċessibbli għall-pubbliku, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali tal-2030 u l-ħtieġa li jiġi promoss it-tfassil ta' politika "diġitali b'mod awtomatiku" fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-kostijiet imġarrbin huma mistennijin jiġu paċuti bit-tnaqqis u bl-evitar tal-frammentazzjoni fis-suq intern kollu.

It-tieni, filwaqt li titqies in-natura mfassla tar-rekwiżiti u tas-salvagwardji importanti inkorporati fil-proposta, l-impatti soċjali ta' din il-proposta huma mistennijin ikunu pożittivi, peress li l-inizjattiva se ttejjeb it-trasparenza u l-akkontabilità tal-atturi rilevanti tas-suq u ttejjeb l-għarfien dwar id-daqs, ix-xejriet u l-atturi tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-

interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Huwa antiċipat ukoll li l-inizjattiva ssaħħaħ il-kunfidenza u l-fiduċja pubbliċi fit-teħid ta' deċiżjonijiet u n-natura tas-servizzi regolati, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 16 li "Jiġu promossi soċjetajiet paċifiċi u inklużivi għall-iżvilupp sostenibbli, l-aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd u jinbnew istituzzjonijiet effettivi, akkontabbli u inklużivi fil-livelli kollha".

L-għażliet speċifiċi dwar l-ambitu tal-intervent ġew skartati mill-bidu nett. Il-kopertura tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem ċerti pajjiżi terzi biss ġiet skartata minħabba d-diffikultajiet operazzjonali fl-istabbiliment u fil-qbil dwar il-kriterji ta' differenzjazzjoni rilevanti, u r-riskju akbar ta' stigmatizzazzjoni għall-entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem dawk il-pajjiżi. Il-kopertura tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi li jfittxu li jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Unjoni mwettqin f'isem kwalunkwe entità ġiet skartata peress li ma tkunx immirata biżżejjed fid-dawl tal-għan segwit tal-inizjattiva (trasparenza tal-influwenza moħbija minn amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi), u tkun sproporzjonata.

Fl-aħħar nett, l-inizjattiva hija mistennija li ma jkollha l-ebda impatt ambjentali, u għalhekk tirrispetta l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u hija konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika, mal-miri intermedji tagħha u mal-objettivi ta' adattament kif stabbiliti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Fis-17 ta' Novembru 2023, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ "opinjoni pożittiva b'riżervi" dwar l-abbozz tal-Valutazzjoni tal-Impatt[40]. Il-kummenti tiegħu kienu ffokati fuq in-narrattiva li fuqha hija bbażata l-inizjattiva kif ukoll fuq il-preżentazzjoni tal-għażliet ta' politika u tal-impatti tagħhom (b'enfasi fuq l-istruttura ta' governanza proposta u fuq ir-rwol tal-Kummissjoni fiha). Spjegazzjoni dwar kif ġie implimentat il-kumment hija inkluża fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżuri huma mfasslin b'rispett sħiħ tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni, id-dritt għall-vot, id-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal-libertà ta' intrapriża.

Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jistgħu jiġu ristretti biss meta dan ikun iġġustifikat mill-kisba ta' interess pubbliku leġittimu bil-kundizzjoni li r-restrizzjoni tkun proporzjonata għall-objettiv segwit. Il-garanzija tat-trasparenza, tal-ġustizzja, tal-imparzjalità u tar-responsabbiltà demokratika fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi u tal-amministrazzjoni pubblika, u l-prevenzjoni ta' interferenza mhux xierqa moħbija f'tali teħid ta' deċiżjonijiet u amministrazzjoni huma raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku.

Il-proposta timponi restrizzjonijiet limitati għad-drittijiet fundamentali li ġejjin, stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "il-Karta"): id-dritt għall-ħajja privata (l-Artikolu 7), id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali (l-Artikolu 8), il-libertà ta' assoċjazzjoni (l-Artikolu 12), il-libertà tal-arti u tax-xjenzi (l-Artikolu 13), il-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni (l-Artikolu 11) u l-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16).

Filwaqt li dawn id-drittijiet ma humiex assoluti u jistgħu jiġu introdotti limitazzjonijiet, kwalunkwe restrizzjoni trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, inkluż li tkun limitata għal dak li jkun neċessarju u tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità.

---

[40] SEC(2023) 637.

Id-dritt għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali

Il-proposta timponi restrizzjonijiet limitati fuq id-**dritt għall-ħajja privata** (garantit kemm skont l-Artikolu 7 tal-Karta kif ukoll skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("KEDB")) u d-**dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali** (l-Artikolu 8 tal-Karta), billi teħtieġ li l-entitajiet iżommu u jipprovdu ċerta informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali u jipprevedi l-iskambju ta' tali informazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll l-aċċess pubbliku għal parti minn dik l-informazzjoni.

Kif innotat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet li jimponu jew jippermettu l-komunikazzjoni ta' *data* personali bħall-isem, il-post ta' residenza, jew ir-riżorsi finanzjarji ta' persuni fiżiċi lil awtorità pubblika jridu jkunu kkaratterizzati bħala interferenza fil-ħajja privata tagħhom u, għalhekk, bħala limitazzjoni fuq id-dritt garantit fl-Artikolu 7 tal-Karta, mingħajr preġudizzju għall-ġustifikazzjoni potenzjali ta' tali dispożizzjonijiet. L-istess jgħodd għad-dispożizzjonijiet li jipprevedu d-disseminazzjoni ta' *data* bħal din lill-pubbliku[41]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-disponibbiltà ta' *data* personali għall-pubbliku b'mod li tali *data* tkun aċċessibbli għal numru potenzjalment bla limitu ta' persuni tikkostitwixxi interferenza serja fid-drittijiet fundamentali minquxa fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta[42]. Fl-istess ħin, kif imtenni mill-Qorti tal-Ġustizzja, id-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta ma humiex drittijiet assoluti, u jridu jitqiesu fir-rigward tal-funzjoni tagħhom fis-soċjetà. Dawn id-drittijiet jistgħu jkunu ristretti jekk tali restrizzjoni tkun ipprovduta mil-liġi, tirrispetta l-essenza ta' dawn id-drittijiet u jekk tkun strettament neċessarja u proporzjonata fir-rigward tal-objettiv ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 8(2) tal-Karta jirrikjedi li d-*data* personali trid tiġi pproċessata għal skopijiet speċifiċi u fuq il-bażi ta' kunsens jew ta' xi interess leġittimu ieħor stabbilit mil-liġi[43].

Billi tipprovdi għall-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni dwar entitajiet attivi fis-suq intern li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi, kif ukoll l-entitajiet ta' pajjiżi terzi li jirrappreżentaw, il-proposta tfittex li tiżgura li ċ-ċittadini, l-uffiċjali pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati bħall-ġurnalisti u l-OSĊ jistgħu jeżerċitaw skrutinju demokratiku fuq l-amministrazzjoni pubblika u fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi sabiex jiżguraw li dan isir b'mod ġust, imparzjali u trasparenti, b'mod partikolari billi jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni dwar l-entitajiet li għandhom aċċess għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, bħall-uffiċjali u r-rappreżentanti eletti. Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom ukoll interess speċjali li jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni dwar l-entitajiet li jfittxu li jinfluwenzawhom. Bħala votanti, anke ċ-ċittadini huma persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet importanti fihom infushom, u jistgħu jkunu fil-mira ta' ċerti servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi.

Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-integrità tal-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u l-fiduċja pubblika fihom billi tiżgura t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi, u billi ttejjeb l-informazzjoni disponibbli u l-għarfien pubbliku dwar id-daqs, ix-xejriet u l-atturi tal-attivitajiet ta'

[41] Ara, għal dak l-għan, is-sentenzi tal-20 ta' Mejju 2003*, Österreichischer Rundfunk u Oħrajn*, C-465/00, C-138/01 u C-139/01, EU:C:2003:294, il-punti 73 sa 75 u 87 sa 89; tad-9 ta' Novembru 2010, *Volker und Markus Schecke u Eifert*, C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, il-punti 56 sa 58 u 64; u tat-2 ta' Ottubru 2018, *Ministerio Fiscal*, C-207/16, EU:C:2018:788, il-punti 48 u 51).

[42] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2022, *Luxembourg Business Registers*, il-Kawżi Magħquda C-37/20 u C-601/20, EU:C:2022:912, il-punti 42 sa 44.

[43] Is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2022, *Luxembourg Business Registers*, il-Kawżi Magħquda C-37/20 u C-601/2, EU:C:2022:912, il-punti 45-63 u l-ġurisprudenza ċċitata.

rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi[44]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-objettiv li tiżdied it-trasparenza huwa raġuni prevalenti fl-interess pubbliku[45]. Għalhekk, l-għan segwit minn din il-proposta jikkostitwixxi objettiv ta' interess ġenerali li huwa kapaċi jiġġustifika interferenza mad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

L-aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi huwa xieraq sabiex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ta' interess ġenerali segwit, peress li n-natura pubblika ta' dak l-aċċess u ż-żieda fit-trasparenza li tirriżulta minnu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent ta' skrutinju u ta' responsabbiltà demokratiċi.

Il-proposta tiżgura wkoll li l-interferenza mad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li tirriżulta mill-aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi tkun proporzjonata u limitata għal dak li huwa strettament neċessarju. L-ewwel nett, is-sett ta' *data* li għandu jsir disponibbli għall-pubbliku huwa limitat, definit b'mod ċar u eżawrjenti u armonizzat bis-sħiħ madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, id-*data* personali magħmula disponibbli għall-pubbliku hija limitata għall-minimu meħtieġ sabiex iċ-ċittadini jiġu informati dwar l-entità li twettaq rappreżentanza tal-interessi u l-attività mwettqa f'isem pajjiżi terzi. Informazzjoni ta' rilevanza biss għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet affettwati u għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jissorveljaw u jimmonitorjaw il-konformità mal-proposta, ma tkunx disponibbli għall-pubbliku, bħala salvagwardja kontra r-riskji ta' abbuż tal-informazzjoni pprovduta.

It-tieni, bħala salvagwardja addizzjonali sabiex jiġu evitati żvantaġġi sproporzjonati f'każijiet individwali, jista' jkun hemm deroga mill-prinċipju li l-pubbliku għandu jkollu aċċess għal informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi. Il-proposta tipprovdi li l-entitajiet reġistrati jistgħu jitolbu li l-informazzjoni pprovduta kollha jew parti minnha ma tkunx disponibbli għall-pubbliku meta jkun hemm interessi prevalenti li jiġġustifikaw in-nuqqas ta' pubblikazzjoni.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, irid jiġi konkluż li l-limitazzjonijiet fuq id-dritt għall-ħajja privata u fuq id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali previsti mill-proposta jirrispettaw l-essenza ta' dawk id-drittijiet, ġenwinament jissodisfaw interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni, u huma proporzjonati u limitati għall-minimu neċessarju.

<u>Libertà ta' assoċjazzjoni</u>

Id-dritt fundamentali għal-**libertà ta' assoċjazzjoni** huwa garantit kemm skont l-Artikolu 12 tal-Karta kif ukoll skont l-Artikolu 11 tal-KEDB lill-assoċjazzjonijiet kollha, inklużi l-OSĊ, il-gruppi ta' interess, it-trade unions u l-partiti politiċi. Il-libertà ta' assoċjazzjoni tikkostitwixxi wieħed mill-pilastri essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista, peress li tippermetti liċ-ċittadini jaġixxu kollettivament f'oqsma ta' interess reċiproku u tikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tal-ħajja pubblika[46].

44 Kif iddikjarat mill-Kummissjoni ta' Venezja, "*l-attivitajiet ta' lobbjar jaqgħu (...) bejn l-attivitajiet tal-partiti politiċi u l-attivitajiet ordinarji tal-NGOs. (...) Il-pubbliku għandu interess ċar li jkun jaf l-atturi tal-lobbjar li jkollhom aċċess għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-gvern għall-finijiet ta' influwenza, inklużi s-sorsi finanzjarji tagħhom kemm jekk domestiċi kif ukoll jekk barranin*". Ir-Rapport tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-Finanzjament tal-Assoċjazzjonijiet CDL-AD(2019)002, il-paragrafu 105.

45 Ara b'analoġija s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva)*, C-78/18, EU:C:2020:476, il-punt 79.

46 Is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva)*, C-78/18, EU:C:2020:476, il-punt 112.

L-assoċjazzjonijiet iridu jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom u joperaw mingħajr interferenza mhux ġustifikata. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-leġiżlazzjoni li tagħmel ferm aktar diffiċli l-azzjoni jew l-operazzjonijiet tal-assoċjazzjonijiet, kemm jekk billi ssaħħaħ ir-rekwiżiti fir-rigward tar-reġistrazzjoni tagħhom, billi tillimita l-kapaċità tagħhom li jirċievu riżorsi finanzjarji, bl-impożizzjoni ta' obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' pubblikazzjonijiet sabiex tinħoloq immaġni negattiva tagħhom jew billi tesponihom għat-theddida ta' penali, b'mod partikolari ta' xoljiment, għandha tiġi kklassifikata bħala limitazzjoni għal-libertà ta' assoċjazzjoni[47].

Il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa tqis li projbizzjoni diretta fuq il-finanzjament barrani jew il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet għar-riċevuta jew għall-użu ta' tali fondi, ma hijiex ġustifikata[48].

Il-proposta ma tipprojbixxix il-finanzjament barrani jew tittikketta b'mod negattiv l-attivitajiet tal-OSĊ, u lanqas ma toħloq sistema ta' liċenzjar jew ta' awtorizzazzjoni minn qabel, li tirrikjedi li l-OSĊ jew assoċjazzjonijiet oħrajn japplikaw fil-livell tal-Unjoni għal liċenzja sabiex iwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem entità ta' pajjiż terz.

Il-proposta hija limitata għall-għoti ta' standards komuni ta' trasparenza u ta' akkontabilità fir-rigward tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi u li jfittxu li jinfluwenzaw il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Unjoni.

Filwaqt li jimponu obbligi ta' trasparenza, li jista' jitqies li għandhom impatt limitat fuq it-tgawdija effettiva tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni billi l-organizzazzjonijiet ikkonċernati jkollhom jikkonformaw mal-obbligi ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar u jħallsu l-kostijiet relatati – il-proposta ma taffettwax l-essenza ta' dak id-dritt.

L-istandards komuni ta' trasparenza u ta' akkontabilità għandhom isaħħu d-demokrazija billi jżidu l-fiduċja fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u fl-istituzzjonijiet pubbliċi billi jiżguraw it-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi, u billi jtejbu l-informazzjoni disponibbli dwar id-daqs, ix-xejriet u l-atturi tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi u l-għarfien pubbliku dwarhom. Il-Qorti rrikonoxxiet li l-objettiv li tiżdied it-trasparenza huwa raġuni prevalenti fl-interess pubbliku[49]. Il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa indikat li "l-attivitajiet ta' lobbjar jaqgħu (…) bejn l-attivitajiet tal-partiti politiċi u l-attivitajiet ordinarji tal-NGOs. (…). Il-pubbliku għandu interess ċar li jkun jaf l-atturi tal-lobbjar li jkollhom aċċess għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-gvern għall-finijiet ta' influwenza, inklużi s-sorsi finanzjarji tagħhom kemm jekk domestiċi kif ukoll jekk barranin"[50].

Il-proposta tissodisfa objettiv ta' interess ġenerali, fid-dawl tal-prinċipji ta' aċċess miftuħ u ta' trasparenza, li jridu jiggwidaw il-ħajja demokratika tal-Unjoni f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 u mal-Artikolu 10(3) tat-TUE u f'konformità mal-valuri demokratiċi kondiviżi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 2 tat-TUE.

***Salvagwardji speċifiċi***

---

47 Is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva)*, C-78/18, EU:C:2020:476, il-punt 114.

48 Ir-Rapport tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-Finanzjament tal-Assoċjazzjonijiet CDL-AD(2019)002, il-paragrafu 147.

49 Is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva)*, C-78/18, EU:C:2020:476, il-punt 79.

50 Ir-Rapport tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-Finanzjament tal-Assoċjazzjonijiet CDL-AD(2019)002, il-paragrafu 105.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-proporzjonalità tal-limitazzjoni, il-proposta hija limitata għal dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, u ġew introdotti **salvagwardji speċifiċi**. Ma tapplikax b'mod mhux diskriminatorju għal kwalunkwe entità li tirċievi appoġġ finanzjarju minn barra l-pajjiż. L-ewwel nett, il-proposta tiffoka fuq attivitajiet speċifiċi ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin għal pajjiżi terzi u ma tkoprix il-finanzjament mogħti minn entità ta' pajjiż terz (bħal għotja strutturali, donazzjoni, eċċ.) li ma jkunx relatat ma' tali attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi[51]. It-tieni, tkopri biss ir-rappreżentanza tal-interessi għal atturi speċifiċi ta' pajjiżi terzi: gvernijiet u entitajiet ta' pajjiżi terzi li l-azzjoni tagħhom tista' tiġi attribwita lilhom. Billi tiffoka fuq tip speċifiku ta' attivitajiet imwettqin f'isem tip speċifiku ta' atturi, il-proposta timmira biss attivitajiet li huma ġenwinament probabbli li jkollhom influwenza sinifikanti fuq il-ħajja pubblika u fuq id-dibattitu pubbliku, l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' trasparenza li fuqhom jistgħu jiġu ġġustifikati mill-interess pubbliku prevalenti ddikjarat.

Il-proposta hija mfassla bir-reqqa sabiex tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni tal-OSĊ jew ta' assoċjazzjonijiet oħrajn mingħajr skop ta' qligħ. Tirregola tip speċifiku ta' attività – ir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa fis-suq intern f'isem gvernijiet ta' pajjiżi terzi – indipendentement min-natura tal-entità li twettaq dik l-attività. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza japplikaw bl-istess mod għal kwalunkwe organizzazzjoni.

Barra minn hekk, il-proposta fiha salvagwardji b'saħħithom sabiex tkompli tillimita l-possibbiltà ta' stigmatizzazzjoni. L-ewwel nett, ir-reġistri pubbliċi nazzjonali jkollhom jiġu ppreżentati b'mod newtrali u fattwali u b'mod li ma jwassalx għall-istigmatizzazzjoni tal-entitajiet inklużi fir-reġistru nazzjonali. It-tieni, l-Istati Membri jkollhom jiżguraw li meta jwettqu l-kompiti tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali jiżguraw li ma tirriżulta l-ebda konsegwenza negattiva mis-sempliċi fatt li entità tkun reġistrata. It-tielet, billi timponi l-armonizzazzjoni sħiħa ta' dawn ir-rekwiżiti ta' trasparenza, il-proposta tipprevjeni l-gold-plating tagħhom u tiżgura li l-entitajiet reġistrati ma jkunux jistgħu jintalbu jippreżentaw lilhom infushom pubblikament fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet li jkollhom l-effett li jistigmatizzawhom[52]. Fl-aħħar nett, l-entitajiet reġistrati jkunu jistgħu jitolbu li l-informazzjoni kollha jew parti minnha ma tkunx disponibbli għall-pubbliku meta jkun hemm interessi prevalenti li jiġġustifikaw in-nuqqas ta' pubblikazzjoni.

Barra minn hekk, ir-rekwiżiti huma proporzjonati u limitati għal rekwiżiti sempliċi ta' żamma tar-rekords u ta' reġistrazzjoni. L-Istati Membri jkunu meħtieġa jittrasponu u jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti b'mod li jkun proporzjonat u ma jgħabbix b'piż żejjed lill-entitajiet ikkonċernati.

- F'termini ta' żamma ta' rekords, l-entitajiet ikkonċernati jkunu meħtieġa jżommu, għal perjodu limitat, informazzjoni dwar l-identità tal-entità ta' pajjiż terz li f'isimha titwettaq l-attività, deskrizzjoni tal-iskop tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi, il-kuntratti u l-iskambji ewlenin mal-entità tal-pajjiż terz sal-punt li jkunu essenzjali sabiex wieħed jifhem in-natura u l-iskop tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa kif ukoll informazzjoni jew materjal li jikkostitwixxi komponenti ewlenin tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi.

51 Fil-proposta hemm inkluża klawżola kontra ċ-ċirkomvenzjoni sabiex jiġu evitati l-abbużi (pereżempju remunerazzjoni moħbija għal servizz ta' rappreżentanza, l-istabbiliment ta' kumpaniji bl-għan li jiħbew rabtiet ma' gvernijiet ta' pajjiżi terzi, jew id-distribuzzjoni artifiċjali tal-attivitajiet f'diversi entitajiet bl-għan li jaqgħu taħt il-limiti stabbiliti mid-Direttiva).

52 Mar-reġistrazzjoni, dawn l-entitajiet ikunu meħtieġa biss li jipprovdu n-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom fil-kuntatti tagħhom ma' uffiċjali pubbliċi, mhux mal-pubbliku ġenerali.

- F'termini ta' reġistrazzjoni, l-entitajiet ikkonċernati jkunu meħtieġa biss li jipprovdu informazzjoni limitata dwarhom infushom, l-attivitajiet imwettqin, u l-entitajiet ta' pajjiżi terzi li jwettqu l-attivitajiet għalihom. Ir-reġistrazzjoni tkun tinkludi approssimazzjoni[53] tal-ammonti annwali riċevuti li jkopru l-kompiti kollha mwettqin bl-objettiv ta' influwenzar tal-iżvilupp, tal-formulazzjoni jew tal-implimentazzjoni tal-istess proposta, politika jew inizjattiva. L-informazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni u għas-sorveljanza tad-Direttiva biss ikollha tiġi aġġornata regolarment. Informazzjoni oħra jkollha tiġi aġġornata biss kull sena.
- Minbarra l-każijiet li fihom ikun neċessarju li jiġi eżaminat in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni, l-entitajiet reġistrati jistgħu jintalbu biss li jaqsmu r-rekords tagħhom mal-awtorità superviżorja meta, fuq il-bażi ta' fatturi oġġettivi, ikunu partikolarment probabbli li jkollhom influwenza sinifikanti fuq il-ħajja pubblika u fuq id-dibattitu pubbliku.

Fl-aħħar nett, il-proposta fiha sistema komprensiva ta' salvagwardji. Is-superviżjoni tiġi fdata lil awtoritajiet superviżorji indipendenti b'setgħat stabbiliti b'mod ċar, li t-talbiet tagħhom għal aktar informazzjoni jkollhom ikunu mmotivati u soġġetti għal rimedju ġudizzjarju effettiv. Is-sanzjonijiet ikunu mfasslin b'mod li jevitaw effett dissważiv fuq l-entitajiet ikkonċernati u jkunu soġġetti għal salvagwardji xierqa, inkluż id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv. Dawn ikunu armonizzati bis-sħiħ u limitati għal multi amministrattivi taħt limitu speċifiku bbażat fuq il-kapaċità ekonomika tal-entità. Għalhekk, il-proposta tiżgura li l-OSĊ u assoċjazzjonijiet oħrajn mingħajr skop ta' qligħ ma jkunux esposti għat-theddida ta' pieni kriminali jew ta' xoljiment. Barra minn hekk, is-sanzjonijiet jiġu imposti biss wara twissija bikrija minn qabel, ħlief meta tali ksur jammonta għal ksur tal-projbizzjoni ta' ċirkomvenzjoni.

Mill-elementi ta' hawn fuq jirriżulta li filwaqt li l-proposta tista' timponi restrizzjonijiet limitati fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni, dawn ir-restrizzjonijiet isegwu l-għan leġittimu li jtejbu t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi u jkunu strettament limitati għall-miżuri li huma neċessarji sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

<u>Libertà tal-arti u tax-xjenzi</u>

Il-**libertà tal-arti u tax-xjenzi** hija garantita skont l-Artikolu 13 tal-Karta. Dan jipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika, inkluża l-libertà akkademika. Tiżgura l-libertà tal-persunal akkademiku u tal-istudenti li jwettqu riċerka, tagħlim, apprendiment u komunikazzjoni fis-soċjetà u magħha mingħajr interferenza jew biża' ta' rappreżalja. Il-libertà tar-riċerka xjentifika tinkludi d-dritt li jiġu ddefiniti b'mod liberu l-mistoqsijiet tar-riċerka, li jintgħażlu u jiġu żviluppati t-teoriji, li jinġabar materjal empiriku u li jintużaw metodi ta' riċerka akkademika, li wieħed jistaqsi l-għarfien aċċettat u li jitressqu ideat ġodda. Tinvolvi d-dritt li jiġu kondiviżi, iddisseminati u ppubblikati r-riżultati tagħha, inkluż permezz tat-taħriġ u t-tagħlim. Hija l-libertà tar-riċerkaturi li jesprimu l-opinjoni tagħhom mingħajr ma jkunu żvantaġġati mill-istituzzjoni jew mis-sistema li fiha jaħdmu jew minn ċensura governattiva jew istituzzjonali. Hija wkoll il-libertà ta' assoċjazzjoni f'korpi akkademiċi professjonali jew

[53] Matul ir-reġistrazzjoni, l-ammont preċiż ma jintalabx. L-entitajiet ikkonċernati jkollhom jindikaw f'liema faxxa (eż.: EUR 25 000 sa <50 000; jew EUR 50 000 sa <100 000) jaqa' l-ammont annwali. L-informazzjoni dwar l-ammonti annwali ddikjarati ssir pubblika bl-użu ta' faxex usa', li jikkorrispondu għal-livell ta' dettall neċessarju għall-fini li ċ-ċittadini, ir-rappreżentanti tagħhom u partijiet interessati oħrajn jiġu infurmati.

rappreżentattivi[54]. Din il-proposta ma tirregolax il-libertà li jiġu ddefiniti kwistjonijiet ta' riċerka, u lanqas id-dritt li r-riżultat jiġi ddisseminat u ppubblikat. Il-proposta ma fiha l-ebda projbizzjoni fuq il-kollaborazzjoni internazzjonali, inkluż dwar l-attivitajiet ta' tagħlim, ta' riċerka u ta' edukazzjoni. Ma jaffettwax l-awtonomija istituzzjonali tal-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja tal-Unjoni sabiex jieħdu deċiżjonijiet indipendenti dwar il-governanza interna tagħhom, inkluż dwar kwistjonijiet finanzjarji, tal-persunal (kapaċità ta' reklutaġġ indipendenti) u akkademiċi.

Għalhekk, l-ebda waħda mill-miżuri proposti ma taffettwa l-essenza tad-dritt.

Libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni

Fir-rigward tal-**libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni** (l-Artikolu 11 tal-Karta u l-Artikolu 10 tal-KEDB), il-proposta tikkontribwixxi b'mod pożittiv għad-dritt tal-individwi li jirċievu u jaqsmu informazzjoni u ideat mingħajr interferenza mill-awtorità pubblika. Iċ-ċittadini jiksbu aċċess ġust għall-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin għal pajjiżi terzi li jaffettwaw it-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, sabiex jappoġġaw il-fehim tagħhom ta' tali attivitajiet, isaħħu l-fiduċja tagħhom fl-integrità tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi u jiskoraġġixxu l-indħil barrani manipulattiv, fuq il-bażi ta' salvagwardji għad-drittijiet għal *data* personali ta' persuni fiżiċi li jipprovdu informazzjoni lir-reġistri nazzjonali, kif ukoll f'sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom l-organizzazzjonijiet reġistrati jkollhom interess prevalenti li jiġġustifika l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni li għandha tinżamm b'mod eċċezzjonali. F'dan ir-rigward, il-miżuri leġiżlattivi fil-proposta jtejbu t-trasparenza u l-akkontabilità tal-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi u l-għarfien dwar id-daqs, ix-xejriet u l-atturi ta' tali attivitajiet. Id-dritt fundamentali li tiġi riċevuta informazzjoni jissaħħaħ peress li ċ-ċittadini jiksbu informazzjoni utli sabiex jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom u jżommu lill-uffiċjali pubbliċi tagħhom akkontabbli.

Il-miżuri proposti ma jirregolawx il-kontenut jew is-suġġett tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi koperti. Ma teħtieġx trasparenza f'termini ta' finanzjament tan-nefqa operatorja mhux relatata ma' attività ta' rappreżentanza tal-interessi, bħal għotjiet strutturali jew donazzjonijiet.

L-għoti ta' miżuri ta' trasparenza jista' jkollu effett dissważiv fuq id-deċiżjoni li jitwettqu l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi koperti u jista' jirrestrinġi l-libertà ta' espressjoni ta' entitajiet li l-azzjoni tagħhom tista' tiġi attribwita lil gvern ta' pajjiż terz (bħal entità privata kkontrollata minn pajjiż terz). Kif spjegat fir-rigward tad-dritt għall-ħajja privata, tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali u għal-libertà ta' assoċjazzjoni, dawn il-miżuri jsegwu objettiv fl-interess ġenerali li kapaċi jiġġustifika interferenza ma' din il-libertà. Kif innotat, jingħataw salvagwardji sabiex jiġi żgurat li l-interferenza tkun proporzjonata u neċessarja fil-każijiet kollha.

Libertà ta' intrapriża

L-Artikolu 16 tal-Karta jirrikonoxxi l-libertà ta' intrapriża f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġijiet u mal-prattiki nazzjonali. Ir-rekwiżiti armonizzati jiffaċilitaw u jnaqqsu l-ostakli għall-forniment reċiproku ta' servizzi minn entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi, li jappoġġaw lil tali entitajiet fl-eżerċizzju tal-libertà tagħhom li jwettqu negozju.

---

[54] Id-Dikjarazzjoni ta' Bonn dwar il-Libertà tar-Riċerka Xjentifika tal-20 ta' Ottubru 2020.

Minħabba l-formulazzjoni tal-Artikolu 16 tal-Karta, il-libertà ta' intrapriża hija differenti mil-libertajiet fundamentali l-oħrajn stabbiliti fit-Titolu II tal-Karta, bħal-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni u l-libertà tal-arti u tax-xjenzi, u tista' tkun soġġetta għal firxa usa' ta' interventi min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi sabiex jillimitaw l-eżerċizzju ta' attività ekonomika fl-interess pubbliku[55].

Il-proposta timponi restrizzjonijiet limitati fuq l-attivitajiet ekonomiċi, sa fejn timponi fuq l-entitajiet l-obbligu li jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti meta jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi. Il-miżuri ta' trasparenza għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi huma miżuri li jsegwu objettiv fl-interess ġenerali li kapaċi jiġġustifikaw interferenza ma' din il-libertà.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta għandha implikazzjonijiet f'termini ta' kostijiet u ta' piż amministrattiv għall-Kummissjoni b'rabta ma' żewġ kategoriji ta' nfiq. Il-kostijiet rikorrenti tal-persunal fi ħdan il-Kummissjoni fil-prinċipju jkunu koperti taħt l-intestatura "Nefqa amministrattiva" filwaqt li l-kostijiet għall-estensjoni neċessarja tas-sistema ta' IMI jkunu koperti taħt il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri.

L-impatti finanzjarji u baġitarji huma spjegati fid-dettall fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva annessa ma' din il-proposta.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-implimentazzjoni tal-inizjattiva mhux aktar tard minn sena wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva. Mhux aktar tard minn erba' snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni tad-Direttiva, inkluż tal-effettività u tal-proporzjonalità tagħha. Din l-evalwazzjoni tesplora b'mod partikolari l-ħtieġa għal bidliet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni**

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, huma meħtieġa dokumenti ta' spjegazzjoni fil-forma ta' tabelli ta' korrelazzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali, inklużi s-suġġett u l-iskop tad-Direttiva (l-Artikolu 1), id-definizzjonijiet tat-termini ewlenin użati (l-Artikolu 2), il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (l-Artikolu 3) u l-livell ta' armonizzazzjoni (l-Artikolu 4).

Il-Kapitolu II fih dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' trasparenza u ta' reġistrazzjoni applikabbli għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi. B'mod partikolari, jipprovdi għal possibbiltà li jiġu identifikati entitajiet ta' pajjiżi terzi li f'isimhom jitwettaq is-servizz ta' rappreżentanza tal-interessi (l-Artikolu 5), dispożizzjoni dwar is-sottokuntrattar (l-Artikolu 6), obbligu li jinżammu rekords rilevanti (l-Artikolu 7), u l-obbligu fuq entitajiet mhux stabbiliti fl-Unjoni li jaħtru rappreżentant legali (l-Artikolu 8).

[55] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Jannar 2013, *Sky Österreich GmbH vs Österreichischer Rundfunk,* C-283/11, EU:C:2013:28, il-punt 46.

Barra minn hekk, dan il-Kapitolu jipprevedi wkoll l-istabbiliment u ż-żamma tar-reġistri nazzjonali li għandhom jintużaw għar-reġistrazzjonijiet fl-ambitu tad-Direttiva (l-Artikolu 9). L-Artikolu 10 jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, inkluża l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta (bil-lista dettaljata inkluża fl-Anness I). L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-proċedura ta' wara r-reġistrazzjoni. F'dan il-kuntest, l-entitajiet reġistrati għandhom jiġu pprovduti b'Numru Ewropew ta' rappreżentanza tal-interessi ("EIRN") uniku (li l-format tiegħu huwa stabbilit fl-Anness II), u l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħrajn ikkonċernati għandhom jiġu nnotifikati bir-reġistrazzjoni. L-Artikolu 12 jistabbilixxi liema partijiet mill-informazzjoni pprovduta mill-entitajiet reġistrati għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku (bid-daqsijiet tal-faxex għall-pubblikazzjoni tal-ammonti annwali inklużi fl-Anness III), kif ukoll mekkaniżmu li jippermetti lill-entitajiet reġistrati jitolbu li l-informazzjoni kollha pprovduta jew parti minnha ma ssirx disponibbli għall-pubbliku meta jkun hemm interessi leġittimi prevalenti li jipprevjenu l-pubblikazzjoni. L-Artikolu 13 jistabbilixxi pubblikazzjoni annwali tad-*data* mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. L-Artikolu 14 jistabbilixxi l-obbligu li l-entitajiet reġistrati kif ukoll is-sottokuntratturi tagħhom iridu jipprovdu l-EIRN tagħhom meta jkunu f'kuntatt dirett ma' uffiċjali pubbliċi.

Il-Kapitolu III jistabbilixxi regoli dwar is-superviżjoni u l-infurzar. L-Artikolu 15 jipprovdi informazzjoni dwar l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-finijiet tad-Direttiva u l-kriterji ta' indipendenza tal-awtorità superviżorja. L-Artikolu 16 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-talbiet għal informazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji u s-salvagwardji ta' akkumpanjament, inklużi l-limiti applikabbli. L-Artikolu 17 jistabbilixxi regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-Artikolu 18 jistabbilixxi regoli dwar talbiet għal informazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet superviżorji. L-Artikolu 19 jistabbilixxi grupp konsultattiv ta' rappreżentanti tal-awtoritajiet superviżorji li jassisti lill-Kummissjoni f'ċerti kompiti.

Dan il-kapitolu fih ukoll projbizzjoni tal-attivitajiet maħsubin sabiex jevitaw l-obbligi ta' trasparenza fid-Direttiva (l-Artikolu 20) u jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw l-applikabbiltà tad-Direttiva (UE) 2019/1937[56] għar-rapportar ta' ksur tad-Direttiva u l-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur bħal dan (l-Artikolu 21). Fl-aħħar, dan il-Kapitolu jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għat-traspożizzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva (l-Artikolu 22).

Il-Kapitolu IV fih dispożizzjonijiet finali, bħal regoli dwar l-adozzjoni ta' atti delegati (l-Artikolu 23), emendi għad-Direttiva (UE) 2019/1937 rigward il-lista ta' oqsma koperti mill-protezzjoni tal-informaturi (l-Artikolu 24), u l-klawżola ta' rapportar u ta' rieżami (l-Artikolu 25). Fl-aħħar, id-dispożizzjonijiet li jifdal f'dan il-Kapitolu jikkonċernaw it-traspożizzjoni tad-Direttiva (l-Artikolu 26) u d-dħul fis-seħħ tagħha (l-Artikolu 27).

56 Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj).

2023/0463 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-rappreżentanza tal-interessi fl-Unjoni hija attività li qiegħda tikber u li qiegħda ssir dejjem aktar transfruntiera. Meta jitwettqu bil-livell neċessarju ta' trasparenza, dawn l-attivitajiet jippermettu l-kondiviżjoni tal-esperjenzi u tal-fehmiet dwar il-problemi u s-soluzzjonijiet, l-appoġġ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet pubbliċi sabiex jifhmu l-għażliet u l-kompromessi ta' approċċi differenti.

(2) Ir-rappreżentanza tal-interessi ma titwettaqx biss f'isem il-partijiet ikkonċernati domestiċi iżda qiegħda ssir dejjem aktar f'isem pajjiżi terzi wkoll. L-ideat minn pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għad-dibattitu pubbliku u huma parti mixtieqa mill-involviment internazzjonali. Madankollu, mhux dejjem ikun faċli għall-uffiċjali pubbliċi jew għall-individwi li jirrikonoxxu l-involviment ta' pajjiżi terzi f'attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi fil-kuntest tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom, jew li jifhmu d-daqs, ix-xejriet u l-atturi wara tali attivitajiet. Jenħtieġ li pajjiżi terzi jinftiehmu bħala pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni jew taż-Żona Ekonomika Ewropea.

(3) Billi normalment tiġi pprovduta bi ħlas, ir-rappreżentanza tal-interessi, inkluża r-rappreżentanza tal-interessi pprovduta lil pajjiżi terzi, tikkostitwixxi servizz skont it-tifsira tal-Artikolu 57 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Is-suq għar-rappreżentanza tal-interessi jinkludi wkoll attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin minn entitajiet ta' pajjiżi terzi nfushom b'mod li jkun

1 ĠU C […], […], p. […].
2 ĠU C […], […], p. […].

komparabbli mas-servizzi u li jkunu marbutin ma' attivitajiet ta' natura ekonomika jew jissostitwixxuhom. Jenħtieġ li dawn l-attivitajiet jiġu ttrattati bl-istess mod bħas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi.

(4) Xi Stati Membri adottaw miżuri speċifiċi li jeħtieġu trasparenza fl-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi, spiss fil-qafas tar-reġistri ta' trasparenza marbutin ma' korp pubbliku. Dawn il-miżuri nazzjonali spiss jinkludu l-obbligu għall-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi li jirreġistraw lilhom infushom jew l-attivitajiet tagħhom jew li jiksbu u jżommu informazzjoni speċifika, pereżempju dwar il-klijenti tagħhom u s-servizzi li jipprovdu.

(5) Il-miżuri tal-Istati Membri li jirregolaw it-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi huma diverġenti ħafna, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti taż-żamma tar-rekords u tar-reġistrazzjoni li japplikaw għall-entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi. Xi Stati Membri stabbilew reġistri obbligatorji li għandhom l-għan, b'mod partikolari, li jiżguraw it-trasparenza. Oħrajn stabbilew reġistri volontarji, filwaqt li xi Stati Membri ma għandhom l-ebda reġistru għar-rappreżentanza tal-interessi. Hemm ukoll varjazzjonijiet konsiderevoli fir-rigward tal-granularità tal-informazzjoni pprovduta għal finijiet ta' trasparenza, inkluż it-tip ta' informazzjoni meħtieġa, pereżempju dwar l-interessi rrappreżentati jew dwar il-klijent. F'xi Stati Membri, l-informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-interessi trid tiġi aġġornata fuq bażi regolari filwaqt li f'oħrajn l-informazzjoni trid tiġi aġġornata kull darba li ssir bidla fl-ambitu tal-attività tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa.

(6) Diverġenzi bħal dawn joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi u jżidu l-kostijiet tal-konformità għall-entitajiet li jfittxu li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'aktar minn Stat Membru wieħed, li jistgħu jiskoraġġixxu l-iżvilupp u l-forniment ta' attivitajiet ġodda ta' rappreżentanza tal-interessi fis-suq intern. Il-pajjiżi terzi x'aktarx ifittxu rappreżentanza tal-interessi f'aktar minn Stat Membru wieħed sabiex jiżguraw politika pożittiva ġenerali favurihom madwar l-Unjoni. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom impatt negattiv fuq l-operaturi ekonomiċi u jikkostitwixxu ostakli għall-forniment ta' rappreżentanza tal-interessi transfruntier fis-suq intern. Dan il-kundizzjonijiet mhux ekwi jiddeterieġi wkoll l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi transfruntiera lil hinn minn Stati Membri aktar regolati lejn dawk anqas regolati jew fejn l-infurzar ikun limitat. Arbitraġġ regolatorju bħal dan jippreżenta wkoll opportunità għal atturi ta' pajjiżi terzi li jfittxu li jevitaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza.

(7) Fil-kuntest ta' għarfien akbar dwar it-tentattivi minn ċerti pajjiżi terzi sabiex jinfluwenzaw il-proċessi demokratiċi fl-Unjoni, xi Stati Membri x'aktarx jiżviluppaw regoli ġodda sabiex jiżguraw it-trasparenza tal-influwenza barranija eżerċitata permezz tar-rappreżentanza tal-interessi. Għalhekk, l-ostakli għall-forniment ta' tali servizzi f'aktar minn Stat Membru wieħed maħluqin mill-frammentazzjoni tas-suq intern għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi x'aktarx li jiżdiedu.

(8) Id-diverġenzi nazzjonali eżistenti fil-miżuri li jirregolaw it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi, li jaffettwaw b'mod speċjali r-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi, u l-kuntest kurrenti ta' għarfien akbar dwar ir-riskji ta' indħil barrani fil-proċessi demokratiċi, jenfasizzaw il-ħtieġa ta' aġir fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi rregolat il-forniment ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi u jitwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi madwar l-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' trasparenza ta' tali attivitajiet.

(9) Sabiex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha l-Istati Membri jfittxu li jindirizzaw b'mod unilaterali t-tħassib tagħhom rigward it-trasparenza tal-influwenza barranija eżerċitata permezz tar-rappreżentanza tal-interessi u għall-prevenzjoni tal-feġġa ta' ostakli addizzjonali għall-forniment ta' attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi transfruntiera mwettqin f'isem pajjiżi terzi li jirriżultaw minn differenzi u mill-iżvilupp inkonsistenti ta' liġijiet nazzjonali, huwa neċessarju li jiġu previsti miżuri armonizzati fil-livell tal-Unjoni.

(10) Billi tipprovdi rekwiżiti armonizzati ta' trasparenza applikabbli fis-suq intern kollu, din id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi qafas koerenti u sistematiku sabiex tiżgura t-trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi bl-objettiv li jiġi influwenzat l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' politika jew ta' leġiżlazzjoni, jew proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, fl-Unjoni.

(11) Il-provvista ta' standards komuni ta' trasparenza u ta' akkontabilità u ta' standards komuni ta' rapportar jappoġġaw ukoll ir-responsabbiltà demokratika u għarfien komuni aħjar dwar l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin bl-objettiv li jiġi influwenzat l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' politika jew ta' leġiżlazzjoni, jew proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, fl-Unjoni, li jindirizzaw il-ħtieġa għal *data* affidabbli u konsistenti. Il-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi hija għan pubbliku leġittimu, fid-dawl tal-prinċipji ta' aċċess miftuħ u ta' trasparenza li jridu jiggwidaw il-ħajja demokratika tal-Unjoni f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 u mal-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), f'konformità mal-valuri kondiviżi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 2 tat-TUE, li jappoġġaw ukoll l-eżerċizzju tad-drittijiet taċ-ċittadinanza.

(12) L-attivitajiet bil-moħbi ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi jistgħu jaffettwaw l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-politiki interni u esterni tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-interessi ekonomiċi u ta' sigurtà tagħha. B'mod aktar ġenerali dan jaffettwa d-demokrazija, li hija valur komuni tal-Unjoni, u huwa ta' importanza fundamentali għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li din tiġi żgurata. L-istabbiliment ta' livell armonizzat ta' trasparenza madwar l-Unjoni fir-rigward ta' tali attivitajiet għandu jikkontribwixxi biex titjieb il-fiduċja pubblika fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

(13) Filwaqt li regoli dwar l-aċċess miftuħ u t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi jeżistu f'ċerti pajjiżi terzi, dawn ir-regoli ma jkopru attivitajiet immirati biex jinfluwenzaw l-iżvilupp, il-formolazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' politika jew leġiżlazzjoni, jew proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, fl-Unjoni. Dawn ir-regoli b'hekk ma humiex adegwati biex jiżguraw it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi bil-għan li jiġi influwenzat it-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Unjoni.

(14) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva huma proporzjonati u limitati għal dak li huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata t-trasparenza ta' sett speċifiku ta' attivitajiet, jiġifieri l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Huma jimponu rekwiżiti relatati ma' dawk l-attivitajiet, u ma jimponux rekwiżiti fuq l-entitajiet sempliċiment minħabba li jirċievu finanzjament minn barra l-pajjiż. Din id-Direttiva tiffoka fuq iż-żieda tat-trasparenza meta l-entitajiet iwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi fis-suq intern. B'mod partikolari, din id-Direttiva timponi obbligi sabiex jiġi żgurat li d-*data* magħmula disponibbli għall-pubbliku tiġi ppreżentata b'mod fattwali u newtrali u sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet

nazzjonali kompetenti jaġixxu b'mod li l-ebda konsegwenza negattiva, bħall-istigmatizzazzjoni, ma tirriżulta mill-fatt li entità tkun irreġistrat f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Tipprovdi għal sistema komprensiva ta' salvagwardji, inkluż stħarriġ ġudizzjarju effettiv sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-miżuri armonizzati. Il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva huma f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), inklużi l-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika, inkluża l-libertà akkademika, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, id-dritt għal rimedju effettiv u l-libertà ta' intrapriża. Bil-kisba ta' livell komuni ta' trasparenza fir-rigward tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiż terz, il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva jsaħħu d-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini kif imsemmi fil-Karta.

(15) Jenħtieġ li r-rekwiżiti armonizzati ta' trasparenza ta' din id-Direttiva ma jaffettwawx ir-regoli nazzjonali dwar l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi għal entitajiet għajr entitajiet ta' pajjiżi terzi, u lanqas ma jenħtieġ li jaffettwaw il-kontenut sostantiv ta' attivitajiet bħal dawn u lanqas ir-regoli sostantivi applikabbli għall-uffiċjali pubbliċi meta jinteraġixxu ma' entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi. Jenħtieġ li ma jaffettwawx ir-regoli applikabbli għall-attivitajiet kriminali u d-detezzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, is-superviżjoni u s-sanzjonar tagħhom kif stabbilit fid-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni, bħal dawk relatati mal-korruzzjoni.

(16) Sabiex jiġu armonizzati r-rekwiżiti ta' trasparenza, huwa meħtieġ li tiġi prevista definizzjoni komuni ta' rappreżentanza tal-interessi. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-rekwiżiti ta' trasparenza armonizzati, il-kunċett ta' attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi jenħtieġ li jkollu tifsira wiesgħa. Jenħtieġ li jkopri l-attivitajiet imwettqin bl-objettiv li jiġu influwenzati l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-politika jew tal-leġiżlazzjoni, jew il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, inkluż permezz ta' impatt fuq l-opinjoni pubblika, fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali.

(17) Jenħtieġ li tkun teżisti rabta ċara u sostanzjali bejn l-attività u l-probabbiltà li din tinfluwenza l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' politika jew ta' leġiżlazzjoni, jew il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, fl-Unjoni. Sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' rabta bħal din, jenħtieġ li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha, bħall-kontenut tal-attività, il-kuntest li fih titwettaq, l-objettiv tagħha, il-mezzi li bihom titwettaq, jew jekk l-attività tkunx parti minn kampanja sistematika jew sostnuta. L-attivitajiet ikoperti jenħtieġ li ma jkunux limitati għal attivitajiet bl-objettiv li jippromwovu bidla f'politika, f'leġiżlazzjoni jew fi proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi partikolari, iżda jenħtieġ li jkopru wkoll attivitajiet li jkollhom l-għan li jżommu l-istatus quo.

(18) Ir-rappreżentanza tal-interessi tista' titwettaq, b'mod partikolari, permezz ta' attivitajiet bħall-organizzazzjoni jew il-parteċipazzjoni f'laqgħat, f'konferenzi jew f'avvenimenti, il-kontribut jew il-parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet, f'seduti parlamentari jew f'inizjattivi simili oħrajn, l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' komunikazzjoni jew ta' reklamar inkluż permezz tal-media, pjattaformi, l-użu ta' influwenzaturi tal-media soċjali, networks u inizjattivi fil-livell taċ-ċittadini, it-tħejjija ta' dokumenti ta' politika u ta' pożizzjoni, emendi leġiżlattivi, sondaġġi tal-opinjoni u stħarriġiet, ittri miftuħin u materjal ieħor ta' komunikazzjoni jew ta' informazzjoni.

(19) Ir-rappreżentanza tal-interessi tista’ tkopri wkoll attivitajiet imwettqin f’isem pajjiż terz fil-kuntest tar-riċerka u tal-edukazzjoni, bħad-disseminazzjoni minn gruppi ta’ riflessjoni ta’ dokumenti li jirrakkomandaw jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta’ politika pubblika speċifika. F’konformità mal-prinċipju tal-libertà akkademika u tal-libertà tar-riċerka xjentifika, minqux fl-Artikolu 13 tal-Karta, jenħtieġ li r-rappreżentanza tal-interessi ma tkoprix ir-riċerka mwettqa mir-riċerkaturi f’suġġett tal-għażla tagħhom, id-disseminazzjoni tas-sejbiet ta’ dik ir-riċerka, jew l-attivitajiet ta’ tagħlim u edukazzjoni li jitwettqu f’konformità mal-prinċipju ta’ libertà akkademika u awtonomija istituzzjonali, ħlief meta l-iskop ċar ta’ dawn l-attivitajiet ikun li jinfluwenzaw l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni ta’ politika jew ta’ leġiżlazzjoni, jew il-proċessi tat-teħid ta’ deċiżjonijiet pubbliċi fl-Unjoni u jitwettqu f’isem entità ta’ pajjiż terz. Meta dan ma jkunx il-każ, jenħtieġ li t-twettiq ta’ tali attivitajiet ma jwassalx għal rekwiżiti ta’ reġistrazzjoni skont din id-Direttiva.

(20) L-attivitajiet imwettqin minn uffiċjali ta’ gvernijiet ta’ pajjiżi terzi li huma konnessi mal-eżerċizzju ta’ awtorità uffiċjali, inklużi attivitajiet relatati mal-eżerċizzju ta’ relazzjonijiet diplomatiċi bejn Stati jew organizzazzjonijiet internazzjonali, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva. Jenħtieġ li din id-Direttiva lanqas ma tkopri attivitajiet imwettqin minn avukati li jikkonsistu fl-għoti ta’ pariri legali jew fir-rappreżentanza fi proċedimenti legali, ta’ konċiljazzjoni jew ta’ medjazzjoni ta’ entitajiet ta’ pajjiżi terzi u fis-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tagħhom, bħad-dritt li jinstemgħu, id-dritt ta’ proċess ġust, u d-dritt tad-difiża. Jenħtieġ li parir professjonali li ma jkunx parir legali wkoll ikun barra mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, bħall-kisba ta’ studju professjonali jew espert sabiex iservi bħala evidenza b’appoġġ għall-argumenti fil-qorti; l-għoti ta’ pariri tekniċi jew xjentifiċi dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni teknika jew l-użu ta’ servizzi ta’ medjazzjoni ta’ professjonist bħala medjaturi li mhux neċessarjament ikunu avukati ċċertifikati. Jenħtieġ li attivitajiet anċillari bħall-catering, il-forniment ta’ post, l-istampar ta’ fuljetti jew ta’ dokumenti ta’ politika, jew il-forniment ta’ servizzi intermedjarji online skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/2065[3], bħas-servizzi ta’ pjattaformi online, ma jkunux koperti minn din id-Direttiva.

(21) Sabiex jiġu armonizzati r-rekwiżiti ta’ trasparenza, huwa neċessarju li tiġi prevista definizzjoni komuni ta’ fornituri ta’ servizzi ta’ rappreżentanza tal-interessi. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ rappreżentanza tal-interessi jistgħu jkunu persuni ġuridiċi rregolati bil-liġi privata, persuni fiżiċi li individwalment iwettqu attività professjonali ta’ lobbjar, kif ukoll persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn li l-okkupazzjoni prinċipali jew okkażjonali tagħhom tkun li jinfluwenzaw il-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet pubbliċi, inklużi kumpaniji tal-lobbjar u tar-relazzjonijiet pubbliċi, gruppi ta’ riflessjoni, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, istituti privati tar-riċerka, istituti pubbliċi tar-riċerka li joffru servizzi ta’ riċerka, riċerkaturi individwali u konsulenti.

(22) Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, jenħtieġ li l-uffiċjali pubbliċi jinftiehmu bħala uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u uffiċjali tal-Istati Membri li jkollhom kariga leġiżlattiva, eżekuttiva, amministrattiva jew ġudizzjarja fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

(23) Il-gvern jew l-awtoritajiet ta' pajjiż terz jistgħu jkunu wara d-deċiżjoni ta' entità li tfittex rappreżentanza tal-interessi. Dan jista' jkun bħala riżultat ta' kontroll eżerċitat mill-gvern jew mill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiż terz fuq l-entità, b'mod partikolari meta jkollha influwenza deċiżiva fuq dik l-entità permezz ta' drittijiet ekonomiċi, arranġamenti kuntrattwali, jew kwalunkwe mezz ieħor. Jista' jirriżulta wkoll minn sitwazzjonijiet li fihom gvern jew awtoritajiet ta' pajjiż terz kienu wara d-deċiżjoni tal-entità, b'mod partikolari billi jingħataw struzzjonijiet jew direttivi. Sabiex jiġu koperti każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-kunċett ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi jinftiehem li jkopri mhux biss il-gvern ċentrali u l-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi iżda wkoll entitajiet pubbliċi jew privati, inklużi ċittadini tal-Unjoni u persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, li l-azzjonijiet tagħhom fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jiġu attribwiti lil dak il-pajjiż terz. Jekk l-azzjonijiet ta' entità pubblika jew privata għandhomx jiġu attribwiti lil gvern jew awtorità ta' pajjiż terz jenħtieġ li jiġi determinat fuq bażi ta' każ b'każ b'kunsiderazzjoni xierqa ta' elementi bħall-karatteristiċi tal-entità rilevanti u l-ambjent legali u ekonomiku prevalenti fil-pajjiż terz li fih topera l-entità, inkluż ir-rwol tal-gvern fl-ekonomija ta' dak il-pajjiż.

(24) Jenħtieġ li attività ta' rappreżentanza tal-interessi taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jekk titwettaq f'isem entità ta' pajjiż terz. Dan ifisser li jenħtieġ li tkopri s-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi pprovduti lil entitajiet ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, peress li gvern ta' pajjiż terz jista' jibbaża fuq entitajiet li l-azzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu attribwiti lilu sabiex iwettaq attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi ta' natura ekonomika u, għalhekk, komparabbli ma' servizz ta' rappreżentanza tal-interessi, jenħtieġ li d-Direttiva tkopri wkoll attivitajiet bħal dawn. Għalhekk, tista' tkopri wkoll ir-rappreżentanza interna tal-interessi minn entitajiet ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi diretti lejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew imwettqin jew miġjubin fid-dominju pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar.

(25) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tkoprix attivitajiet li jappoġġaw jew li huma allinjati mal-interessi ta' pajjiż terz iżda mingħajr ebda rabta ma' dak il-pajjiż terz. Dan jinkludi attivitajiet li jikkostitwixxu manifestazzjoni tal-libertà ta' espressjoni u tal-libertà li jiġu pprovduti u riċevuti informazzjoni u ideat, jew manifestazzjoni tal-libertà akkademika, bħal attivitajiet imwettqin minn persuni fiżiċi li jaġixxu f'kapaċità personali, jew ġurnalisti li jaħdmu għal media ta' pajjiżi terzi li l-azzjonijiet tagħhom ma jistgħux jiġu attribwiti lil pajjiż terz jew li ma jikkwalifikawx bħala rappreżentanza tal-interessi kif iddefinita minn din id-Direttiva. Il-forniment ta' servizzi tal-media kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u l-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] mhux se jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Madankollu, se jkunu koperti l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi skont it-tifsira ta' din id-Direttiva mill-fornituri ta' servizzi tal-media.

---

4 Ir-Regolament (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' XXXX li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (ĠU L XX, XX.XX.XXXX, p. XX, ELI: XXX).

5 Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/13/oj).

(26) Għall-finijiet tas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi pprovduti lil entità ta' pajjiż terz, jenħtieġ li kwalunkwe korrispettiv riċevut bi skambju għas-servizz ta' rappreżentanza tal-interessi inkwistjoni jitqies bħala remunerazzjoni għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Dan jista' jkopri l-kontribuzzjonijiet finanzjarji, bħal self, injezzjoni ta' kapital, maħfra ta' dejn, inċentivi fiskali jew eżenzjoni mit-taxxa, riċevuti bi skambju għal attività ta' rappreżentanza tal-interessi. Ir-remunerazzjoni tista' tinkludi wkoll benefiċċji *in natura*, bħall-forniment, il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' spazju tal-uffiċċju bi skambju għal servizz ta' rappreżentanza tal-interessi. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-fornitur ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi jkun responsabbli sabiex jistma l-valur tal-benefiċċju riċevut, pereżempju billi juża r-rata tas-suq.

(27) Il-Qorti ddikjarat li l-karatteristika essenzjali tar-remunerazzjoni tinsab fil-fatt li din tkun magħmula minn korrispettiv għas-servizzi inkwistjoni. Il-kontribuzzjonijiet għall-finanzjament ewlieni ta' organizzazzjoni jew appoġġ finanzjarju simili, pereżempju pprovdut fil-qafas ta' skema ta' għotjiet minn donaturi minn pajjiżi terzi, ma għandhomx jitqiesu bħala remunerazzjoni għal servizz ta' rappreżentanza tal-interessi meta ma jkunux relatati ma' attività ta' rappreżentanza tal-interessi, jiġifieri, meta l-entità tirċievi finanzjament bħal dan irrispettivament minn jekk twettaqx attivitajiet speċifiċi ta' rappreżentanza tal-interessi.

(28) Sabiex tiġi żgurata ħarsa ġenerali komprensiva u trasparenti lejn l-ammonti użati għal attività ta' rappreżentanza tal-interessi b'mod ġenerali, jenħtieġ li l-ammonti annwali, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jinkludu r-remunerazzjoni annwali totali riċevuta mill-entità ta' pajjiż terz għall-forniment ta' servizz ta' rappreżentanza tal-interessi, u meta ma tiġi riċevuta l-ebda remunerazzjoni, jitwettaq l-estimu tal-kostijiet annwali relatati mal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi. Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li dawn l-ammonti jinkludu l-kostijiet għas-sottokuntratturi u għall-attivitajiet anċillari.

(29) Is-sottokuntratturi jistgħu jikkwalifikaw bħala entità li twettaq rappreżentanza tal-interessi f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi u b'hekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġi evitat l-għadd doppju tar-remunerazzjoni, kif ukoll sabiex tiġi żgurata l-informazzjoni tul katina ta' kuntratti, jenħtieġ li l-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi jiżguraw li l-arranġamenti kuntrattwali tagħhom mas-sottokuntratturi jinkludu informazzjoni li l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi titwettaq f'isem entità ta' pajjiż terz, kif ukoll obbligu li tingħadda dik l-informazzjoni f'każijiet li fihom l-attività tiġi ssottokuntrattata ulterjorment. Fuq dik il-bażi, jenħtieġ li s-sottokuntratturi jiġu eżentati mill-obbligu li jirreġistraw u jżommu rekords, u meta applikabbli, jaħtru rappreżentant legali, stabbilit f'din id-Direttiva.

(30) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi jkunu intitolati jitolbu lill-entità li f'isimha jiġi pprovdut is-servizz sabiex tiddikjara jekk tkunx entità ta' pajjiż terz. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi jagħmlu l-aħjar użu possibbli minn dan id-dritt sabiex jagħmlu għażla infurmata li tippermettilhom jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva meta jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom.

(31) Sabiex tiġi appoġġata r-responsabbiltà u tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni dwar l-interessi tal-pajjiżi terzi li jirrappreżentaw, jenħtieġ li l-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem entità ta' pajjiż terz ikunu meħtieġa jżommu ċerti rekords. Jenħtieġ li dawn ir-rekords jinkludu deskrizzjoni tal-għan tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi, b'mod partikolari l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li

tfittex li tinfluwenza u r-riżultat li tfittex li tikseb. Jenħtieġ li r-rekords jinkludu wkoll l-identità tal-entità ta' pajjiż terz, li f'każijiet li fihom l-entità tkun persuna fiżika jenħtieġ li tinftiehem bħala l-isem sħiħ tal-persuna fiżika. Jenħtieġ li dawn jinkludu wkoll kopji ta' kuntratti u ta' skambji ewlenin essenzjali sabiex wieħed jifhem in-natura, u l-iskop tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi, u l-arranġamenti finanzjarji wara din, kif ukoll informazzjoni jew materjal li jikkostitwixxi komponent ewlieni tal-attività, bħal dokumenti ta' pożizzjoni kondiviżi mal-uffiċjali pubbliċi.

(32) Jenħtieġ li l-entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi ma jkunux meħtieġa jżommu d-*data* personali li tinsab f'dawk ir-rekords għal aktar milli jkun neċessarju sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti superviżorji u ta' infurzar tagħhom. Kwalunkwe rekord bħal dan jenħtieġ li jinżamm għal biżżejjed żmien sabiex jippermetti lill-awtoritajiet superviżorji jiksbu, f'każijiet ġustifikati, ir-rekords miżmumin fuq l-entità ta' pajjiż terz u l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi kif ukoll ir-rekords aggregati ta' kull sena.

(33) Sabiex tkun tista' ssir sorveljanza effettiva, jenħtieġ li l-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem entità ta' pajjiż terz li ma jkollhiex post ta' stabbiliment fl-Unjoni jintalbu jaħtru rappreżentant legali stabbilit fl-Unjoni u jiżguraw li r-rappreżentant legali maħtur tagħhom ikollu s-setgħat u r-riżorsi neċessarji sabiex jikkoopera mal-awtoritajiet rilevanti.

(34) Sabiex jiġu previsti rekwiżiti armonizzati ta' trasparenza fis-suq intern kollu, jenħtieġ li l-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem entità ta' pajjiż terz ikunu meħtieġa jirreġistraw fir-reġistri nazzjonali fil-post ta' stabbiliment tagħhom. Aġġornamenti sussegwenti għal reġistrazzjoni eżistenti jenħtieġ li jsiru wkoll f'dak ir-reġistru nazzjonali. Jenħtieġ li dawn ir-reġistri jiġu stabbiliti, operati u mantnuti mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mir-reġistri nazzjonali eżistenti tagħhom għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dment li tinżamm il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Sabiex jiġu rrispettati d-diviżjonijiet ta' kompetenza nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu intitolati jistabbilixxu aktar minn reġistru wieħed bħal dawn. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli li jindikaw f'liema reġistru nazzjonali jenħtieġ li jirreġistraw l-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi. Jenħtieġ li r-reġistrazzjonijiet ta' attivitajiet ta' proċessar ta' *data* personali fi ħdan ir-reġistri nazzjonali ma jibqgħux aktar milli neċessarju sabiex tiġi mmonitorjata l-legalità tal-aċċess għal *data* personali u, għalhekk, jenħtieġ li jkunu limitati għal sena.

(35) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], l-informazzjoni dwar l-obbligi u l-formalitajiet ta' reġistrazzjoni stabbiliti minn din id-Direttiva hija disponibbli permezz tal-Gateway Diġitali Unika li, permezz tal-portal tal-web Your Europe, tistabbilixxi punt uniku ta' servizz li jipprovdi lin-negozji u liċ-ċittadini b'informazzjoni dwar ir-regoli u l-proċeduri fis-Suq Uniku, fil-livelli kollha tal-gvern u aċċess dirett, ċentralizzat u ggwidat għall-assistenza u għas-servizzi ta' soluzzjoni tal-problemi kif ukoll għal firxa wiesgħa ta' proċeduri amministrattivi kompletament diġitalizzati. Barra minn hekk, il-proċedura għar-reġistrazzjoni hija

[6] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1724/oj)

kompletament online u organizzata f'konformità mal-prinċipju ta' "darba biss" sabiex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tad-*data*.

(36) Meta l-entità li twettaq attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem entità ta' pajjiż terz tkun stabbilita f'diversi Stati Membri, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni sseħħ biss fl-Istat Membru fejn l-entità jkollha l-istabbiliment ewlieni tagħha. L-istabbiliment ewlieni tal-entità jenħtieġ li jinftiehem bħala l-post fejn l-entità għandha l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat tagħha li fih jiġu eżerċitati l-attivitajiet ekonomiċi prinċipali u l-kontroll operazzjonali.

(37) L-informazzjoni li għandha tiġi inkluża għall-fini ta' din id-Direttiva fir-reġistrazzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal dak li huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi u l-infurzar effettiv ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li tali informazzjoni tinkludi *data* dwar l-entità li twettaq attività ta' rappreżentanza tal-interessi hija stess, il-pajjiż terz li f'ismu titwettaq l-attività, l-identità tas-sottokuntratturi kif definiti f'din id-Direttiva li jwettqu l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi, u informazzjoni dwar l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi speċifika mwettqa. Meta applikabbli, jenħtieġ li tinkludi wkoll referenza għall-fornituri ta' servizzi tal-media jew għall-pjattaformi online fejn ir-reklamar jitqiegħed bħala parti mill-attività ta' rappreżentanza tal-interessi. Jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ma tikkonċernax informazzjoni dwar l-ammonti jew l-oriġini ta' appoġġ finanzjarju riċevut li ma jkunx relatat ma' attività ta' rappreżentanza tal-interessi.

(38) Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tkompli tippermetti lill-awtoritajiet responsabbli għar-reġistri nazzjonali jidentifikaw b'mod korrett u preċiż il-pajjiżi terzi li f'isimhom tkun qiegħda titwettaq ir-rappreżentanza tal-interessi u kemm ikun qed jintefaq fuq dawk l-attivitajiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jadattaw is-sett standard ta' informazzjoni.

(39) L-entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi, irreġistrati f'reġistru nazzjonali, jenħtieġ li jaġġornaw l-informazzjoni fir-reġistru nazzjonali tal-anqas darba fis-sena. Madankollu, fid-dawl tal-importanza tal-akkuratezza tal-informazzjoni miżmuma f'tali reġistri nazzjonali għall-applikazzjoni u għas-sorveljanza tad-Direttiva, kwalunkwe bidla jew żieda fl-informazzjoni ta' kuntatt tal-entità reġistrata jenħtieġ li ssir aktar malajr, u fi kwalunkwe każ f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

(40) Jenħtieġ li l-awtorità responsabbli għal kull reġistru nazzjonali tiżgura li l-informazzjoni pprovduta tkun kompluta u ma jkunx fiha żbalji manifesti. Jenħtieġ li dak ma jinvolvix evalwazzjoni fil-fond tal-akkuratezza jew tal-verità tal-informazzjoni pprovduta u jenħtieġ li ma tinftehimx bħala approvazzjoni uffiċjali tal-akkuratezza tal-informazzjoni inkluża fir-reġistru nazzjonali. Jenħtieġ li rifjut ta' entità milli tiġi inkluża fir-reġistru minħabba informazzjoni inkompluta jew manifestament skorretta ma jipprevjenix lil dik l-entità milli tippreżenta talba għal reġistrazzjoni ġdida.

(41) L-entitajiet li jwettqu attività ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi jenħtieġ li jkunu jistgħu juru li huma kkonformaw mar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni. Ladarba tkun reġistrata, jenħtieġ li entità tiġi pprovduta b'kopja tal-informazzjoni inkluża f'reġistru nazzjonali u b'Numru Ewropew ta' rappreżentanza tal-interessi ("EIRN") uniku. Jenħtieġ li l-EIRN iservi bħala mezz li jiffaċilita l-identifikazzjoni madwar l-Unjoni kollha tal-entitajiet reġistrati skont din id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li l-kompożizzjoni tal-EIRN tippermetti l-identifikazzjoni tal-Istat Membru

tar-reġistrazzjoni u tar-reġistru nazzjonali speċifiku li fih tkun saret ir-reġistrazzjoni. L-għażla tal-kodiċi li jidentifika r-reġistru nazzjonali tar-reġistrazzjoni jenħtieġ li tidher loġika għall-persuni familjari mal-organizzazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

(42) Ladarba jkunu rreġistrati fl-Istat Membru tal-post ta' stabbiliment tagħhom, jenħtieġ li l-entitajiet reġistrati ma jkunux meħtieġa jirreġistraw fi Stati Membri oħrajn, inkluż meta jniedu attività ta' rappreżentanza tal-interessi hemmhekk. Madankollu, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-uffiċjali pubbliċi għal informazzjoni dwar entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi li magħhom jistgħu jinteraġixxu, Stati Membri oħrajn fejn tali attivitajiet se jitwettqu jenħtieġ li jinkludu, fir-reġistri nazzjonali tagħhom stess, l-ismijiet tal-entitajiet reġistrati kkonċernati, l-EIRN tagħhom, u l-link għall-informazzjoni li tinsab fir-reġistru nazzjonali tar-reġistrazzjoni magħmula disponibbli b'mod pubbliku.

(43) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżit tar-reġistrazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji, meta jkollhom informazzjoni affidabbli li entità tkun naqset milli tirreġistra, pereżempju fuq il-bażi ta' rapport minn informatur, tkun tista' titlob lill-entità tipprovdi l-informazzjoni strettament neċessarja sabiex tistabbilixxi jekk din taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li tali informazzjoni tipikament ma testendix lil hinn mill-informazzjoni li tkun direttament kapaċi turi jekk taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Tista' tikkonsisti fl-informazzjoni tat-tip kopert mill-obbligu ta' żamma tar-rekords, inkluż kwalunkwe dikjarazzjoni miksuba dwar jekk entità li f'isimha jiġi pprovdut servizz ta' rappreżentanza tal-interessi hijiex entità ta' pajjiż terz. Meta possibbli, jenħtieġ li t-talba tkun limitata għal informazzjoni li jenħtieġ li tkun fil-pussess tal-entità. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji, meta jkollhom informazzjoni affidabbli dwar nuqqas possibbli ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw mir-reġistrazzjoni, ikunu jistgħu jitolbu lil entità tipprovdi l-informazzjoni neċessarja sabiex tinvestiga tali nuqqas ta' konformità possibbli. Jenħtieġ li tali informazzjoni tipikament ma testendix lil hinn mill-informazzjoni li tkun direttament kapaċi turi l-kompletezza jew l-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta bħala parti mir-rekwiżit ta' reġistrazzjoni u ta' aġġornament. Meta possibbli, jenħtieġ li t-talba tkun limitata għal informazzjoni li jenħtieġ li tkun fil-pussess tal-entità reġistrata. Kwalunkwe talba bħal din jenħtieġ li jkun fiha dikjarazzjoni tar-raġunijiet, l-informazzjoni mitluba u r-raġunijiet għar-rilevanza tagħha, u l-informazzjoni dwar il-proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju disponibbli. Talbiet bħal dawn jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali li jinvestigaw kwalunkwe mġiba li tista' tikkostitwixxi reat kriminali kif previst fid-dritt nazzjonali u fid-dritt tal-Unjoni.

(44) Ir-responsabbiltà demokratika hija pilastru ta' demokraziji li jaħdmu tajjeb. Billi tipprovdi għall-aċċess taċ-ċittadini għall-informazzjoni dwar entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi attivi fis-suq intern, kif ukoll l-entitajiet ta' pajjiżi terzi li jirrappreżentaw, din id-Direttiva tippermetti liċ-ċittadini u lil partijiet interessati oħrajn jeżerċitaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet demokratiċi tagħhom, inkluża l-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw skrutinju demokratiku b'għarfien sħiħ dwar ta' min ikun l-interess li qiegħed jinqeda mill-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi li għalihom huma, jew ir-rappreżentanti eletti tagħhom, jistgħu jkunu esposti. L-iskrutinju pubbliku miċ-ċittadini u mill-partijiet ikkonċernati interessati dwar kwistjonijiet li jaffettwaw l-isfera demokratika jappoġġa l-kontrokontrolli demokratiċi. Ir-responsabbiltà demokratika tappoġġa wkoll l-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini, u tippermettilhom jesprimu u jeżerċitaw l-għażliet demokratiċi tagħhom, inkluż meta jivvutaw. Bħala votanti, iċ-ċittadini huma persuni li

jieħdu d-deċiżjonijiet importanti fihom infushom, u bħala tali, jistgħu jkunu l-mira għal ċerti servizzi ta’ rappreżentanza tal-interessi.

(45) Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta d-*data* personali titqiegħed għad-dispożizzjoni b’mod pubbliku, jenħtieġ li din tkun limitata għal dik li tkun strettament neċessarja sabiex iċ-ċittadini, ir-rappreżentanti tagħhom u partijiet interessati oħrajn jiġu infurmati dwar l-attivitajiet ta’ rappreżentanza tal-interessi mwettqin f’isem pajjiżi terzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-ammonti annwali ddikjarati titqiegħed għad-dispożizzjoni b’mod pubbliku bl-użu ta’ meded aktar ġenerali minn dawk użati għas-sottomissjoni ta’ informazzjoni lir-reġistri nazzjonali, sabiex jiġi żgurat il-livell ta’ dettall neċessarju għall-fini ta’ informar liċ-ċittadini, lir-rappreżentanti tagħhom u lil partijiet interessati oħrajn. Informazzjoni li tkun ta’ rilevanza għall-awtoritajiet superviżorji biss, bħad-dettalji ta’ kuntatt tal-persuni responsabbli għal entità rreġistrata, jenħtieġ li ma titqiegħedx għad-dispożizzjoni b’mod pubbliku.

(46) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess miċ-ċittadini, jenħtieġ li l-informazzjoni tiġi ppreżentata f’format li jkun faċilment aċċessibbli u li jinqara mill-magni, viżibbli b’mod ċar u faċli sabiex jintuża, inkluż bl-użu ta’ lingwaġġ sempliċi. Jenħtieġ li l-informazzjoni titqies li tinqara minn magna jekk tiġi pprovduta f’format li l-applikazzjonijiet ta’ software jkunu jistgħu jipproċessaw awtomatikament, mingħajr intervent uman, b’mod partikolari għall-fini tal-identifikazzjoni, tar-rikonoxximent u tal-estrazzjoni ta’ *data* speċifika minnha. Jenħtieġ li l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni f’konformità mar-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà skont id-dritt tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b’diżabilità, u b’mod partikolari, permezz ta’ aktar minn kanal sensorjali wieħed meta jkun teknikament fattibbli. Ir-reġistrazzjoni tista’ ssir fi Stat Membru differenti minn dak li fih titwettaq attività ta’ rappreżentanza tal-interessi. L-aċċessibbiltà tal-informazzjoni għaċ-ċittadini madwar l-Unjoni tittejjeb sostanzjalment meta dik l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni f’tal-anqas lingwa uffiċjali waħda tal-Unjoni li tinftiehem b’mod mifrux mill-akbar numru possibbli ta’ ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħeġġu jużaw soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu li kemm jista’ jkun mill-informazzjoni tiġi tradotta f’lingwa bħal din. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jittraduċu l-informazzjoni pprovduta mill-entitajiet irreġistrati.

(47) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta’ individwi li, minħabba l-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni speċifika, jistgħu jiġu esposti għal ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, bħal ritaljazzjonijiet kontra individwi li jaħdmu għal entità reġistrata li topera f’pajjiż terz, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu, fuq talba, jillimitaw il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni kollha mdaħħla fir-reġistru nazzjonali jew ta’ parti mit-tali informazzjoni. Jenħtieġ li l-entità reġistrata turi li, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każijiet individwali, jenħtieġ li l-pubblikazzjoni tkun ristretta minħabba interessi leġittimi bħal riskju serju li l-pubblikazzjoni tesponi lil individwu għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu b’mod partikolari kif protetti mill-Artikoli 1 (Id-dritt għad-dinjità tal-bniedem), 2 (Id-dritt għall-ħajja), 3 (Id-dritt għall-integrità tal-persuna), 4 (Il-projbizzjoni tat-tortura jew tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti) jew 6 (Id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-Karta, bħal ħtif, rikatt, estorsjoni, fastidju, vjolenza jew intimidazzjoni), jew bħas-sigrieti tal-mestier. Jenħtieġ li l-analiżi tqis ir-riskji għall-integrità fiżika tal-impjegati, jew ta’ kwalunkwe individwu li jaħdem jew li jkun affiljat ma’ entità reġistrata. L-interessi leġittimi jenħtieġ li jkopru wkoll ir-riskji għall-individwi li jibbenefikaw mill-attivitajiet tal-entità reġistrata. Kwalunkwe deċiżjoni mill-awtorità

superviżorja jenħtieġ li tqis l-objettivi ta' din id-Direttiva u jenħtieġ li tkun soġġetta għal proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Id-deċiżjonijiet mill-awtorità superviżorja u, meta applikabbli, mill-ġuriżdizzjoni ġudizzjarja, jenħtieġ li jittieħdu minnufih. Sabiex il-pubbliku jkun jista' jsir jaf li l-entità reġistrata tkun ikkonformat mar-rekwiżit ta' reġistrazzjoni stabbilit minn din id-Direttiva meta tingħata restrizzjoni fuq il-pubblikazzjoni, jenħtieġ li l-kamp tad-*data* fir-reġistru nazzjonali jiġi ssostitwit b'referenza li tindika li l-pubblikazzjoni ġiet limitata għal raġunijiet ta' interess leġittimu.

(48) Sabiex tiġi appoġġata l-identifikazzjoni mill-uffiċjali pubbliċi tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-entitajiet reġistrati u s-sottokuntratturi tagħhom jipprovdu l-EIRN fil-kuntatti diretti tagħhom ma' persuni bħal dawn. L-EIRN jenħtieġ li jiġi ppreżentat b'mod proattiv f'kull kuntatt mal-uffiċjali pubbliċi.

(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru awtorità waħda jew aktar jew korp wieħed jew aktar inkarigat mill-istabbiliment u miż-żamma tar-reġistri nazzjonali u mill-ipproċessar ta' talbiet għar-reġistrazzjoni sottomessi minn entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi. Jenħtieġ li jaħtru wkoll awtorità superviżorja waħda jew aktar inkarigata mis-superviżjoni tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva u mill-infurzar tagħhom kif ukoll mill-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni. Sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji demokratiċi u tinżamm il-fiduċja pubblika fis-sorveljanza ta' dawn l-entitajiet, huwa neċessarju li dawn l-awtoritajiet superviżorji jkunu imparzjali u indipendenti minn intervent estern jew minn pressjoni politika u jkollhom is-setgħa u r-riżorsi xierqa sabiex jimmonitorjaw u jieħdu l-miżuri neċessarji b'mod effettiv sabiex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva.

(50) Sabiex tiġi evitata l-stigmatizzazzjoni tal-entità reġistrata, jenħtieġ li d-*data* mqiegħda għad-dispożizzjoni għall-pubbliku tiġi ppreżentata b'mod fattwali u newtrali. Barra minn hekk, meta jwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiżguraw li ma tirriżulta l-ebda konsegwenza negattiva mis-sempliċi fatt li entità tkun entità reġistrata. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-pubblikazzjoni ma tiġix ippreżentata ma' dikjarazzjonijiet jew ma' dispożizzjonijiet, jew tkun akkumpanjata minn tali dikjarazzjonijiet jew dispożizzjonijiet, li jistgħu joħolqu klima ta' sfiduċja fir-rigward tal-entitajiet reġistrati, adatti sabiex jiskoraġġixxu lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi milli jinvolvu rwieħhom magħhom jew jipprovdulhom appoġġ finanzjarju. Eżempji ta' azzjonijiet ta' stigmatizzazzjoni bħal dawn jinkludu t-tikkettar negattiv tal-entitajiet reġistrati jew li jsiru dikjarazzjonijiet ta' malafama li jfittxu li jimminaw il-kredibbiltà u l-leġittimità tal-entitajiet reġistrati billi jimplikaw li l-entitajiet reġistrati qegħdin ifittxu li jinfluwenzaw b'mod illegali l-proċessi demokratiċi.

(51) Meta pajjiż terz jonfoq ammonti partikolarment kbar fuq ir-rappreżentanza tal-interessi, jew meta entità tirċievi ammonti partikolarment kbar ta' remunerazzjoni minn entità waħda jew minn diversi entitajiet ta' pajjiżi terzi, hemm probabbiltà akbar li l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi imwettqin jinfluwenzaw b'suċċess l-għażliet politiċi ta' Stat Membru jew tal-Unjoni kollha kemm hi. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali mingħand entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem dawn il-pajjiżi terzi sabiex jeżerċitaw skrutinju akbar.

(52) Sabiex tiġi żgurata sorveljanza proporzjonata ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jitolbu lil entità li twettaq attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi sabiex tipprovdi r-rekords neċessarji sabiex tinvestiga nuqqas ta' konformità possibbli mar-rekwiżit ta' reġistrazzjoni stabbilit f'din id-Direttiva. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jaġixxu fuq inizjattiva tagħhom stess jew abbażi ta' rapport minn informatur jew mill-awtorità superviżorja ta' Stat Membru ieħor.

(53) Jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jikkooperaw kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni. Din il-kooperazzjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-iskambju rapidu u sigur tal-informazzjoni. Għall-finijiet tal-eżerċitar tal-kompiti superviżorji tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jitolbu, mingħand l-awtorità superviżorja fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, informazzjoni pprovduta fir-reġistrazzjoni, inkluża dik li ma tkunx pubblika, u f'każijiet speċifiċi, ir-rekords miżmumin mill-entità, kif ukoll l-analiżijiet imwettqin. Jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji u l-Kummissjoni jikkooperaw sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Sabiex wieħed jifhem aħjar id-daqs u d-distribuzzjoni tal-attivitajiet ġenerali ta' rappreżentanza tal-interessi li jitwettqu f'isem pajjiżi terzi fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob, mingħand l-awtoritajiet superviżorji, *data* aggregata bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta minn entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi fir-reġistrazzjoni tagħhom. Sabiex jiġu mmonitorjati b'mod komprensiv il-modalitajiet u l-karatteristiċi tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi li jitwettqu fl-Unjoni, tali *data* aggregata tista' tinkludi informazzjoni li ma tkunx disponibbli għall-pubbliku fir-reġistri inkluża *data* personali sa fejn ikun neċessarju sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv.

(54) Sabiex ikompli jiġi limitat il-piż amministrattiv, il-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll l-awtoritajiet superviżorji u l-Kummissjoni jseħħu permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("sistema IMI") stabbilit bir-Regolament (UE) 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'oqsma ta' politika relatati mas-Suq Uniku. L-interoperabbiltà tas-sistema IMI u r-reġistri nazzjonali għandha tiġi żgurata skont il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà.

(55) Għall-finijiet ta' assistenza lill-Kummissjoni fil-kompitu tagħha li tiżgura kooperazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit grupp konsultattiv. Jenħtieġ li l-grupp konsultattiv jinkludi rappreżentant mill-awtoritajiet superviżorji ta' kull Stat Membru. Jenħtieġ li l-grupp konsultattiv jagħti pariri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva, inkluż dwar ir-rekwiżit li jiġi evitat li jirriżultaw konsegwenzi negattivi mis-sempliċi fatt li entità tkun reġistrata skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li jadotta opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew rapporti li jenħtieġ li jiġu ppubblikati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ddeżinjati mill-Istati Membri. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-entitajiet li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, jenħtieġ li l-grupp konsultattiv,

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1024/oj).

b'mod partikolari, jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar gwida possibbli fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, fuq il-kunċett ta' entità ta' pajjiż terz, u fuq attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jevitaw l-obbligi f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni tiġi żgurata kif xieraq man-network tal-UE kontra l-korruzzjoni.

(56) L-informaturi jistgħu jġibu informazzjoni ġdida għall-attenzjoni tal-awtoritajiet superviżorji li tista' tgħinhom jidentifikaw ksur ta' din id-Direttiva, inklużi tentattivi sabiex jiġu evitati l-obbligi tagħha. Sabiex jiġi żgurat li l-informaturi jkunu jistgħu jwissu lill-awtoritajiet superviżorji dwar ksur attwali jew potenzjali ta' din id-Direttiva u sabiex jipproteġu lill-informaturi minn ritaljazzjoni, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] tkun applikabbli għar-rapportar ta' ksur ta' din id-Direttiva u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw tali ksur.

(57) Ir-rapportar ta' ksur minn informaturi jista' jkun kruċjali sabiex jipprevjeni, jiskoraġġixxi jew jiġi identifikat ksur tar-regoli fil-qasam tat-trasparenza u tas-superviżjoni tal-forniment ta' servizzi pprovduti fis-suq intern b'rilevanza għat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, bħas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi. Minħabba l-interess pubbliku ta' protezzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi minn tali ksur, u l-ħsara possibbli għall-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi li tista' tiġi kkawżata minn ksur bħal dan, u fid-dawl tal-fatt li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma jaqgħux fi ħdan l-oqsma ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva (UE) 2019/1937, huwa neċessarju li dawk l-oqsma jiġu adattati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 2 u l-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/1937 jiġu emendati kif xieraq.

(58) Il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jevitaw l-obbligi f'din id-Direttiva, b'mod partikolari r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni, jenħtieġ li tiġi pprojbita. Attivitajiet bħal dawn jinkludu r-remunerazzjoni moħbija għal servizz ta' rappreżentanza, l-istabbiliment ta' kumpaniji bil-ħsieb li jinħbew ir-rabtiet ma' gvernijiet ta' pajjiżi terzi, jew id-distribuzzjoni artifiċjali ta' attivitajiet bejn diversi entitajiet bil-ħsieb li jaqgħu taħt il-limiti stabbiliti minn din id-Direttiva.

(59) Sabiex jiġi skoraġġut in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u sabiex jiġi ssanzjonat l-istess nuqqas, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe ksur tal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva jkun akkumpanjat minn multi amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi. Jenħtieġ li s-sanzjonijiet ma jkunux ta' natura kriminali. Jenħtieġ li s-sanzjonijiet iqisu n-natura, ir-rikorrenza u d-durata tal-ksur fid-dawl tal-interess pubbliku inkwistjoni, tal-kamp ta' applikazzjoni u tat-tip ta' attivitajiet imwettqin, u tal-kapaċità ekonomika tal-entità li twettaq attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi. F'kull każ individwali, jenħtieġ li s-sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, b'rispett xieraq għad-drittijiet fundamentali li jinkludu l-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni, il-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika, is-salvagwardji u l-aċċess għal rimedji effettivi, inkluż id-dritt li wieħed jinstema'. Jenħtieġ li jsegwu twissija bikrija minn qabel maħruġa minn awtorità superviżorja, ħlief meta ksur bħal dan ikun ifisser ksur tal-projbizzjoni ta' ċirkomvenzjoni.

---

[8] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj).

(60) Sabiex jiġu emendati l-limiti għat-talba għal aktar informazzjoni, sabiex tiġi mmodifikata l-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta meta tiġi sottomessa talba għar-reġistrazzjoni, u sabiex tiġi mmodifikata l-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapporti ppubblikati mill-Istati Membri, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[9]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(61) Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tagħha f'intervalli regolari, fejn rilevanti b'rabta ma' rapporti dwar leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni. F'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta din id-Direttiva sabiex tivvaluta l-effetti tagħha u l-ħtieġa għal kwalunkwe azzjoni ulterjuri.

(62) Billi l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kontribut għall-funzjonament xieraq tas-suq intern għal attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u minflok jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(63) B'mod partikolari, sistema fil-livell tal-Unjoni tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħhom u lil partijiet ikkonċernati oħrajn sabiex jeżerċitaw ir-rwol tagħhom fil-proċess demokratiku u żżid ir-reżiljenza ġenerali tad-demokraziji fl-Unjoni kontra l-interferenza minn pajjiżi terzi. Hemm valur miżjud mill-indirizzar tat-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi sabiex jinfluwenzaw fil-livell tal-Unjoni, billi n-natura transfruntiera probabbli ta' tali attivitajiet teħtieġ approċċ koordinat f'diversi livelli u setturi. Billi jikkollaboraw u jikkondividu l-informazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jiksbu fehim aħjar tal-firxa tal-fenomenu, li jgħin sabiex jiġi evitat li pajjiżi terzi jkunu jistgħu jisfruttaw id-differenzi jew il-lakuni regolatorji.

(64) Meta jimplimentaw din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jfittxu li jimminimizzaw il-piż amministrattiv fuq l-entitajiet ikkonċernati, u b'mod partikolari fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

---

9 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj

10 Id-Direttiva (UE) 2013/34 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li

(65) Ir-Regolamenti (UE) 2016/679[11] u (UE) 2018/1725[12] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplikaw għall-proċessar ta' *data* personali mwettaq fil-kuntest ta' din id-Direttiva, inkluż il-proċessar ta' *data* personali sabiex jinżamm ir-reġistru jew ir-reġistri nazzjonali dwar entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem entitajiet ta' pajjiżi terzi, għall-aċċess ta' *data* personali fit-tali reġistru jew reġistri nazzjonali u għall-iskambju ta' *data* personali fil-kuntest tal-kooperazzjoni amministrattiva u tal-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri skont din id-Direttiva, inkluż l-użu tal-IMI, u ż-żamma ta' rekords f'konformità mal-obbligi ta' żamma ta' rekords ta' din id-Direttiva. Kwalunkwe proċessar ta' *data* personali għal dawn il-finijiet jenħtieġ li, fost l-oħrajn, jikkonforma mal-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-*data*, tal-preċiżjoni tad-*data* u tal-limitazzjoni tal-ħżin u jissodisfa r-rekwiżiti tal-integrità u tal-kunfidenzjalità tad-*data*. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-miżuri li jiżguraw proċessar legali u sigur fir-rigward tal-proċessar ta' *data* personali li tinsab fir-reġistru jew fir-reġistri nazzjonali tagħhom, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali.

(66) Din id-Direttiva ma taffettwa bl-ebda mod l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 29 tat-TUE u l-Artikolu 215 tat-TFUE. B'mod partikolari, ma taffettwax il-projbizzjoni li jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, fondi jew riżorsi ekonomiċi għal jew għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ta' entitajiet jew ta' korpi, jew ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ta' entitajiet jew ta' korpi assoċjati magħhom li huma elenkati fil-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

(67) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax l-prerogattivi tal-Kummissjoni li tniedi u teżegwixxi investigazzjonijiet dwar sussidji barranin distorsivi skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13].

(68) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[14], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom tkun akkumpanjata minn dokument wieħed jew iktar, fejn tiġi spjegata l-korrelazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija ġustifikata.

(69) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 u ta opinjoni fil-XXXX[15],

---

tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).

11 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

12 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

13 Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2560/oj).

14 ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

15 XXXX.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# KAPITOLU I – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

*Għan u skop*

Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem entità ta' pajjiż terz, bil-ħsieb li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi tikseb livell komuni ta' trasparenza madwar l-Unjoni.

L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tikseb dik it-trasparenza b'tali mod li jevita l-ħolqien ta' klima ta' sfiduċja li twassal sabiex persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi jiġu skoraġġuti milli jinvolvu rwieħhom ma' entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem ta' entità ta' pajjiż terz jew milli jipprovdulhom appoġġ finanzjarju.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "**attività ta' rappreżentanza tal-interessi**" tfisser attività mwettqa bl-għan ta' influwenzar tal-iżvilupp, tal-formulazzjoni jew tal-implimentazzjoni ta' politika jew ta' leġiżlazzjoni, jew ta' proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, fl-Unjoni, li tista' titwettaq b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjoni jew il-parteċipazzjoni f'laqgħat, f'konferenzi jew f'avvenimenti, permezz ta' kontribut għal konsultazzjonijiet jew seduti parlamentari jew parteċipazzjoni fihom, permezz tal-organizzazzjoni ta' kampanji ta' komunikazzjoni jew ta' reklamar, permezz tal-organizzazzjoni ta' networks u ta' inizjattivi fil-livell lokali, permezz tat-tħejjija ta' dokumenti ta' politika u ta' pożizzjoni, ta' emendi leġiżlattivi, ta' sondaġġi tal-opinjoni, ta' stħarriġiet jew ta' ittri miftuħin, jew permezz ta' attivitajiet fil-kuntest tar-riċerka u tal-edukazzjoni, meta jitwettqu speċifikament b'dak l-objettiv;

(2) "**servizz ta' rappreżentanza tal-interessi**" tfisser attività ta' rappreżentanza tal-interessi normalment ipprovduta għal remunerazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 57 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(3) "**fornitur ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi**" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizz ta' rappreżentanza tal-interessi;

(4) "**entità ta' pajjiż terz**" tfisser:

   (a) il-gvern ċentrali u l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli l-oħrajn kollha ta' pajjiż terz, bl-eċċezzjoni tal-membri taż-Żona Ekonomika Ewropea;

   (b) entità pubblika jew privata li l-azzjonijiet tagħha jistgħu jiġu attribwiti lil entità msemmija fil-punt (a), filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha;

(5) "**attività ančillari**" tfisser attività li tappoġġa l-provvista ta' attività ta' rappreżentanza tal-interessi iżda li ma għandha l-ebda influwenza diretta fuq il-kontenut tagħha;

(6) "**ammont annwali**" tfisser:

(a) ir-remunerazzjoni annwali totali riċevuta minn entità ta' pajjiż terz għall-forniment ta' servizz ta' rappreżentanza tal-interessi, li tikkonsisti, meta r-remunerazzjoni ma tkunx pekunarja, fil-valur stmat tagħha; jew

(b) meta ma tiġi riċevuta l-ebda remunerazzjoni, jitwettaq l-estimu tal-kostijiet annwali relatati mal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi;

b'kont meħud tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi b'mod ġenerali, inkluż, meta titwettaq minn fornitur ta' servizz fuq il-bażi ta' arranġamenti kuntrattwali, il-kostijiet għas-sottokuntratturi u attivitajiet anċillari;

(7) "**sottokuntrattur**" tfisser fornitur ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi li miegħu kuntrattur ewlieni, jew wieħed mis-sottokuntratturi tiegħu, jikkonkludi kuntratt li permezz tiegħu jiġi miftiehem li s-sottokuntrattur iwettaq xi parti jew il-partijiet kollha ta' attività ta' rappreżentanza tal-interessi li l-kuntrattur ewlieni jkun ħa impenn li jwettaq;

(8) "**entitajiet reġistrati**" tfisser entitajiet reġistrati f'reġistru nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 9 skont l-Artikolu 10;

(9) "**awtorità responsabbli għar-reġistru nazzjonali**" tfisser l-awtorità pubblika jew il-korp pubbliku responsabbli għaż-żamma ta' reġistru nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 9 u l-proċessar tar-reġistrazzjonijiet sottomessi skont din id-Direttiva;

(10) "**awtorità superviżorja**" tfisser l-awtorità pubblika indipendenti responsabbli għas-superviżjoni tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva u għall-infurzar tagħhom;

(11) "**uffiċjal pubbliku**" tfisser:

(a) uffiċjal tal-Unjoni jew uffiċjal ta' Stat Membru;

(b) kwalunkwe persuna oħra assenjata u li teżerċita funzjoni ta' servizz pubbliku fl-Istati Membri;

(12) "**uffiċjal tal-Unjoni**" tfisser persuna li hija:

(a) uffiċjal jew impjegat ieħor skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[16];

(b) sekondata lill-Unjoni minn Stat Membru jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat, li twettaq funzjonijiet ekwivalenti għal dawk imwettqin minn uffiċjali jew minn aġenti oħrajn tal-Unjoni;

Il-membri ta' istituzzjoni, ta' korp, ta' uffiċċju jew ta' aġenzija tal-Unjoni u l-persunal ta' tali korpi għandhom jiġu assimilati mal-uffiċjali tal-Unjoni, sa fejn ir-Regolamenti tal-Persunal ma japplikawx għalihom.

(13) "**uffiċjal ta' Stat Membru**" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha kariga eżekuttiva, amministrattiva, jew ġudizzjarja fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, kemm jekk maħtur jew elett, kemm jekk permanenti kif ukoll jekk temporanju, kemm jekk imħallas jew mhux imħallas, irrispettivament mill-anzjanità ta' dik il-persuna u ta'

[16] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj).

kwalunkwe persuna li jkollha kariga leġiżlattiva fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

*Artikolu 3*

*Kamp ta' applikazzjoni*

1. Din id-Direttiva tapplika għall-entitajiet, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tagħhom, li jwettqu l-attivitajiet li ġejjin:

   (a) servizz ta' rappreżentanza tal-interessi provdut lil entità ta' pajjiż terz;

   (b) attività ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqa minn entità ta' pajjiż terz imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt (b), li hija marbuta ma' attivitajiet ta' natura ekonomika jew tissostitwihom u, għalhekk, hija komparabbli ma' servizz ta' rappreżentanza tal-interessi kif imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

2. Minkejja l-paragrafu 1, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-attivitajiet li ġejjin:

   (a) attivitajiet imwettqin direttament minn entità ta' pajjiż terz imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-punt(a), li huma marbutin mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali, inklużi attivitajiet relatati mal-eżerċizzju ta' relazzjonijiet diplomatiċi jew konsulari bejn Stati jew organizzazzjonijiet internazzjonali;

   (b) l-għoti ta' pariri legali u professjonali oħrajn fil-każijiet li ġejjin:

      (i) parir lil entità ta' pajjiż terz sabiex tingħata għajnuna fl-iżgurar li l-attivitajiet tagħha jikkonformaw mar-rekwiżiti legali eżistenti;

      (ii) rappreżentanza ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi fil-kuntest ta' proċedura ta' konċiljazzjoni jew medjazzjoni li jkollha l-għan li tipprevjeni t-tressiq ta' tilwima quddiem korp ġudizzjarju jew amministrattiv, jew tiġi aġġudikata minnu;

      (iii) rappreżentanza ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi fi proċedimenti legali;

   (c) attivitajiet anċillari.

*Artikolu 4*

*Livell ta' armonizzazzjoni*

L-Istati Membri ma għandhomx iżommu jew jintroduċu, għal attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, dispożizzjonijiet diverġenti minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, inklużi dispożizzjonijiet aktar jew anqas stretti sabiex jiżguraw livell differenti ta' trasparenza ta' dawk l-attivitajiet.

# KAPITOLU II – TRASPARENZA U REĠISTRAZZJONI

*Artikolu 5*

*Identifikazzjoni tar-riċevitur tas-servizz*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi jkollhom il-possibbiltà li jitolbu lill-entità li f'isimha jiġi pprovdut is-servizz sabiex tiddikjara jekk tkunx entità ta' pajjiż terz.

*Artikolu 6*

*Sottokuntrattar*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) jinkludu, fl-arranġamenti kuntrattwali tagħhom mas-sottokuntratturi, l-informazzjoni li l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1), kif ukoll l-obbligu li tgħaddi tali informazzjoni lil kwalunkwe sottokuntrattur ieħor. Is-sottokuntratturi li jkunu ġew informati b'dan il-mod ma għandux ikollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7, tal-Artikolu 8, tal-Artikolu 10 u tal-Artikolu 11 fir-rigward tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqa skont il-kuntratt li jkun fih dik l-informazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta s-sottokuntrattur jagħti b'sottokuntratt is-servizz ta' rappreżentanza tal-interessi, huwa għandu jinforma lill-kuntrattur ewlieni jew, meta applikabbli, lis-sottokuntrattur li mingħandu jkun irċieva l-kuntratt sabiex iwettaq l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi, bil-fatt li l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi ġiet issottokuntrattata ulterjorment u jiżgura li l-arranġamenti kuntrattwali jinkludu l-informazzjoni li l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sottokuntrattur jipprovdi lill-kuntrattur ewlieni jew, meta applikabbli, lis-sottokuntrattur bl-informazzjoni neċessarja sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10.

*Artikolu 7*

*Żamma ta' rekords*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) iżommu, għal kull attività ta' rappreżentanza tal-interessi li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Artikolu, rekords ta' dawn li ġejjin:

   (a) l-identità jew l-isem tal-entità ta' pajjiż terz li f'isimha titwettaq l-attività, kif ukoll l-isem tal-pajjiż terz li l-interessi tiegħu jkunu rrappreżentati;

   (b) deskrizzjoni tal-iskop tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi;

   (c) il-kuntratti u l-iskambji ewlenin mal-entità ta' pajjiż terz li huma essenzjali sabiex jinftiehmu n-natura u l-iskop tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi, inklużi, meta applikabbli, ir-rekords tal-mezzi u tal-firxa ta' kwalunkwe remunerazzjoni;

(d) informazzjoni jew materjal li jikkostitwixxi komponent ewlieni tal-attività ta' rappreżentanza tal-interessi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) iżommu r-rekords imsemmijin fil-paragrafu 1 għal erba' snin wara li l-attività ta' rappreżentanza tal-interessi inkwistjoni tkun intemmet.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) jistabbilixxu fuq bażi annwali u jżommu rekords tal-informazzjoni li ġejja:

(a) lista tal-entitajiet kollha ta' pajjiżi terzi li f'isimhom ikunu wettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi fis-sena finanzjarja preċedenti;

(b) lista tal-ammont annwali aggregat riċevut fir-rigward tal-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull pajjiż terz.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) iżommu rekords tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għal erba' snin.

*Artikolu 8*

*Rappreżentant legali*

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) li ma jkunux stabbiliti fl-Unjoni jiddeżinjaw, bil-miktub, persuna fiżika jew ġuridika bħala r-rappreżentant legali tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri fejn iwettqu l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentant legali jkun responsabbli sabiex jiżgura l-konformità mill-entità rreġistrata mal-obbligi tagħha skont din id-Direttiva u jkun id-destinatarju tal-komunikazzjonijiet kollha mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mal-entità rilevanti skont l-Artikolu 15. Kwalunkwe komunikazzjoni lil dak ir-rappreżentant legali għandha titqies bħala komunikazzjoni lill-entità rappreżentata.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentant legali jista' jinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont din id-Direttiva mill-entità li huwa jirrappreżenta, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà u għall-azzjonijiet legali li jistgħu jittieħdu kontra dik l-entità. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) jipprovdu lir-rappreżentant legali tagħhom bis-setgħat neċessarji u b'riżorsi suffiċjenti sabiex jiggarantixxi kooperazzjoni effiċjenti u f'waqtha mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u sabiex jiżgura l-konformità mad-deċiżjonijiet tagħhom.

*Artikolu 9*

*Reġistri nazzjonali*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm reġistru nazzjonali wieħed jew aktar bl-għan li jiżgura t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin mill-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1). L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mir-reġistri nazzjonali eżistenti meta jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 10, fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 12.

2. Ir-reġistru jew, kif rilevanti, ir-reġistri nazzjonali għandhom jinżammu mill-awtoritajiet responsabbli għar-reġistri nazzjonali. Għall-proċessar ta' *data* personali, dawn l-awtoritajiet għandhom jaġixxu bħala kontrolluri skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/679.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri nazzjonali msemmijin fil-paragrafu 1 jiġu stabbiliti u jinżammu b'tali mod li tiġi żgurata preżentazzjoni newtrali, fattwali u oġġettiva tal-informazzjoni li tinsab fihom.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet responsabbli għar-reġistri nazzjonali jżommu reġistri ta' operazzjonijiet ta' proċessar ta' *data* personali fi ħdan ir-reġistru nazzjonali. Dawk ir-rekords għandhom jitħassru wara perjodu ta' sena u jistgħu jintużaw biss għall-monitoraġġ tal-legalità tal-aċċess għad-*data* personali u għall-iżgurar tal-integrità u tas-sigurtà ta' din id-*data*.

*Artikolu 10*

*Reġistrazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li entità msemmija fl-Artikolu 3(1) stabbilita fit-territorju tagħhom tirreġistra f'reġistru nazzjonali mhux aktar tard minn meta jinbdew l-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi.

L-Istati Membri li joperaw diversi reġistri nazzjonali għandhom jiżguraw li l-ambitu rispettiv ta' kull reġistru nazzjonali jkun definit b'mod ċar, li tali reġistri jkopru l-entitajiet kollha li huma meħtieġa jirreġistraw skont l-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu u li l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) jistgħu jiksbu informazzjoni dwar liema mir-reġistri nazzjonali jkunu meħtieġa jirreġistraw fihom.

2. Jekk entità msemmija fl-Artikolu 3(1) tkun stabbilita f'aktar minn Stat Membru wieħed, hija għandha tirreġistra fl-Istat Membru tas-sede prinċipali tagħha.

3. Jekk entità msemmija fl-Artikolu 3(1) ma tkunx stabbilita fl-Unjoni, hija għandha tirreġistra fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit ir-rappreżentant legali tagħha deżinjat skont l-Artikolu 8 jew, fin-nuqqas ta' post ta' stabbiliment, fejn ikollu l-indirizz permanenti tiegħu jew fejn jirrisjedi normalment.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet ta' reġistrazzjoni, entità tkun meħtieġa tissottometti biss l-informazzjoni stabbilita fl-Anness I.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel ma jissottomettu l-informazzjoni skont il-paragrafu 4, l-entitajiet jiġu informati li l-informazzjoni se tiġi ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 12 u li jistgħu jitolbu li l-informazzjoni ma tiġix ippubblikata f'konformità mal-Artikolu 12(3).

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet reġistrati jissottomettu l-informazzjoni li ġejja:

   (a) f'perjodu ta' żmien raġonevoli, bidliet jew żidiet għad-*data* pprovduta skont l-Anness I, il-punt 1, il-punti (a), (b), (f)(i) u (f)(ii);

   (b) kull sena, bidliet jew żidiet fid-*data* pprovduta skont il-paragrafu 4 mhux koperti mill-punt (a).

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet reġistrati li ma jibqgħux jikkwalifikaw bħala l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) ikunu jistgħu jinnotifikaw dak il-fatt lill-awtorità responsabbli għar-reġistru nazzjonali rilevanti li

fih ikunu rreġistrati u jitolbu li jitneħħew minn dak ir-reġistru. Meta entità msemmija fl-Artikolu 3(1) tkun meħtieġa, skont il-paragrafu 2 jew 3, tirreġistra f'reġistru nazzjonali għajr dak li fih tkun irreġistrata, hija għandha tinnotifika dak il-fatt lill-awtorità responsabbli għar-reġistru nazzjonali rilevanti u titlob li titneħħa minn dak ir-reġistru.

Dik l-awtorità għandha tipproċessa t-talba fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol u tneħħi lill-entità rreġistrata mir-reġistru nazzjonali jekk tqis li l-entità ma tibqax tikkwalifika bħala entità msemmija fl-Artikolu 3(1) jew, skont il-każ, jenħtieġ li ma tibqax irreġistrata fir-reġistru li għalih hija responsabbli. Id-deċiżjoni tal-awtorità responsabbli għar-reġistru nazzjonali rilevanti għandha tkun soġġetta għal rimedju amministrattiv u ġudizzjarju fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistrazzjoni, l-aġġornamenti, it-talbiet li għandhom jitneħħew mir-reġistru u t-talbiet skont l-Artikolu 12(3) jistgħu jsiru b'mezzi elettroniċi u jkunu mingħajr ħlas.

9. Meta jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tkompli tippermetti lill-awtoritajiet responsabbli għar-reġistri nazzjonali jidentifikaw b'mod korrett u preċiż il-pajjiżi terzi li f'isimhom tkun qiegħda titwettaq ir-rappreżentanza tal-interessi u kemm ikun qiegħed jintefaq fuq dawk l-attivitajiet, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 sabiex temenda l-Anness I billi timmodifika l-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-fini ta' reġistrazzjoni fid-dawl tal-iżviluppi fis-suq għas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi, għall-opinjonijiet, għar-rakkomandazzjonijiet u għar-rapporti maħruġin mill-grupp konsultattiv stabbilit skont l-Artikolu 19, jew, meta disponibbli, l-istandards u l-prattiki internazzjonali u Ewropej rilevanti. Il-kampi tad-*data* personali stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu mmodifikati biss meta jkun neċessarju sabiex tiġi żgurata identifikazzjoni xierqa tal-entitajiet u tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi msemmijin fl-Artikolu 3(1).

*Artikolu 11*

*Il-proċedura ta' reġistrazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità responsabbli għar-reġistru nazzjonali tiżgura li għal kull reġistrazzjoni sottomessa skont l-Artikolu 10(4), ikunu ġew ipprovduti l-elementi kollha stabbiliti fl-Anness I u li dawn ma jkunx fihom żbalji manifesti.

Entrata korrispondenti għandha tiġi inkluża mill-awtorità responsabbli fir-reġistru nazzjonali tagħha fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mis-sottomissjoni tar-reġistrazzjoni sakemm ma tkunx saret talba skont il-paragrafu 2.

2. Meta l-informazzjoni pprovduta għall-finijiet ta' reġistrazzjoni ma tkunx kompluta jew ikun fiha żbalji manifesti, l-awtorità responsabbli għar-reġistru nazzjonali għandha titlob lill-entità tlesti jew tirrettifika s-sottomissjoni tagħha. Fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi tweġiba mill-entità inkwistjoni, l-awtorità responsabbli għar-reġistru nazzjonali għandha jew tinkludi entrata korrispondenti fir-reġistru nazzjonali tagħha, jew tirrifjuta li tagħmel entrata bħal din u tinforma lill-entità inkwistjoni għaliex is-sottomissjoni għadha mhix kompluta jew fiha informazzjoni manifestament skorretta.

3. Ladarba entrata tiġi inkluża fir-reġistru nazzjonali, l-entità reġistrata għandha immedjatament u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol tirċievi konferma tar-reġistrazzjoni mill-awtorità responsabbli għar-reġistru nazzjonali u għandha tinħareġ b'EIRN uniku, u b'kopja diġitali tal-informazzjoni inkluża fir-reġistru nazzjonali. L-EIRN għandu jkun fil-format stabbilit fl-Anness II.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull reġistrazzjoni ġdida tiġi nnotifikata mill-awtorità responsabbli għar-reġistru nazzjonali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali deżinjati skont l-Artikolu 15(1) tal-Istati Membri indikati fir-reġistrazzjoni skont l-Anness I, il-punt 2(e) immedjatament u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol mid-dħul fir-reġistru nazzjonali. Notifika bħal din għandha sseħħ ukoll meta, skont l-Artikolu 10(6), entità reġistrata tippreżenta bidla jew żieda mal-informazzjoni msemmija fl-Anness I, il-punt 2(e). In-notifika għandu jkun fiha l-isem tal-entità rreġistrata, l-EIRN tagħha u link għar-reġistri nazzjonali fejn tkun saret ir-reġistrazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet responsabbli għaż-żamma tar-reġistri nazzjonali fl-Istat Membru li jirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 4 jinkludu, fir-reġistru rilevanti, l-informazzjoni stabbilita f'dik in-notifika minnufih u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol. L-informazzjoni dwar l-entità rreġistrata ma titqiegħed għad-dispożizzjoni b'mod pubbliku jekk, fir-reġistru nazzjonali rilevanti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, dik l-informazzjoni tkun soġġetta għal deroga mill-pubblikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 12(3).

6. L-entitajiet reġistrati ma għandhomx ikunu soġġetti għal kwalunkwe rekwiżit ta' reġistrazzjoni ulterjuri fi kwalunkwe Stat Membru ieħor għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1).

7. L-atti meħudin mill-awtoritajiet responsabbli għar-reġistri nazzjonali skont il-paragrafi 1 sa 5, inklużi rifjuti ta' inklużjoni fir-reġistru jew li jinħareġ EIRN, għandhom ikunu soġġetti għal rimedju amministrattiv u ġudizzjarju. Dan għandu japplika wkoll għal nuqqasijiet ta' azzjoni f'konformità ma' dawn il-paragrafi.

8. Meta awtorità superviżorja jkollha informazzjoni affidabbli li entità tkun naqset milli tirreġistra skont il-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 10 f'reġistru li għalih ikollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 15(3), hija tista' titlob lil dik l-entità tipprovdi l-informazzjoni strettament neċessarja sabiex jiġi stabbilit jekk l-entità taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1).

9. Meta awtorità superviżorja jkollha informazzjoni affidabbli dwar nuqqas ta' konformità possibbli minn entità rreġistrata f'reġistru li għalih ikollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 15(3) mal-obbligi previsti fid-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont l-Artikolu 10, bħall-għoti ta' informazzjoni mhux akkurata fir-reġistrazzjoni, hija tista' titlob lil dik l-entità tipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 sa fejn tkun meċessarja sabiex jiġi investigat in-nuqqas ta' konformità possibbli.

10. It-talba msemmija fil-paragrafi 8 u 9 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) dikjarazzjoni tar-raġunijiet għall-investigazzjoni tan-nuqqas ta' konformità possibbli;

(b) l-informazzjoni mfittxija u għaliex tkun neċessraja sabiex jiġi investigat in-nuqqas ta' konformità possibbli;

(c) informazzjoni dwar il-proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju disponibbli.

11. L-entità li lilha ssir it-talba għandha tipprovdi, fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol, l-informazzjoni mitluba skont il-paragrafi 8 u 9 b'mod sħiħ u akkurat.

12. It-talbiet imsemmijin fil-paragrafi 8 u 9 għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju fl-Istat Membru tal-awtorità superviżorja li tagħmel it-talba.

*Artikolu 12*

*Aċċess pubbliku*

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni li ġejja li tinsab fir-reġistru nazzjonali relatata ma' entità reġistrata disponibbli għall-pubbliku:

(a) informazzjoni pprovduta mill-entità reġistrata f'konformità mal-Anness I, il-punt 1, il-punti (a), (e), (f)(i), (f)(ii), (h), (i), (j) u (k) u l-punt 2, il-punti (a)(i), u l-punti (b) sa (h);

(b) l-EIRN maħruġ skont l-Artikolu 11(3);

(c) id-data tar-reġistrazzjoni;

(d) id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

Il-pubblikazzjoni tal-ammont annwali pprovdut mill-entità reġistrata f'konformità mal-Anness I, il-punt 2, il-punt (c), għandha tiġi ppubblikata skont il-grilja stabbilita fl-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ppreżentata f'format li jkun faċilment aċċessibbli u li jinqara mill-magni, ikun viżibbli b'mod ċar u faċli sabiex jintuża, inkluż bl-użu ta' lingwaġġ sempliċi. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli b'mod li jippermetti tiftix f'tal-anqas lingwa uffiċjali waħda tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tinftiehem b'mod wiesa' mill-akbar numru possibbli ta' ċittadini fl-Unjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) ikunu jistgħu japplikaw għal deroga mill-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' talba debitament motivata. L-awtorità superviżorja għandha tieħu deċiżjoni li tillimita parzjalment jew kompletament l-aċċess pubbliku meta l-entità rikjedenti turi, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, li sabiex tagħmel dan ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' interess leġittimu, inkluż riskju serju li l-pubblikazzjoni tesponi lil individwu għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, b'mod partikolari kif protetti skont l-Artikolu 1, l-Artikolu 2, l-Artikolu 3, l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Inkella, l-awtorità superviżorja għandha tieħu deċiżjoni li tirrifjuta t-talba.

4. Kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 3 għandha tkun soġġetta għal rimedju ġudizzjarju fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe proċedura ta' stħarriġ, li tinkludi r-rimedju ġudizzjarju, titwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli u li tittieħed deċiżjoni finali minnufih.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mill-mument li ssir it-talba skont il-paragrafu 3 sa meta d-deċiżjoni ssir finali, l-informazzjoni li magħha tkun relatata t-talba ma tiġix ippubblikata.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3 tkun saret finali, l-entrata fir-reġistru nazzjonali li miegħu tkun relatata dik id-deċiżjoni

tindika, skont il-każ, li l-aċċess pubbliku jkun ġie limitat parzjalment jew kompletament.

*Artikolu 13*

*Pubblikazzjoni tad-data aggregata*

1. Mill-31 ta' Marzu [sena wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni], u sal-31 ta' Marzu ta' kull sena sussegwenti, kull Stat Membru għandu jippubblika, u jibgħat lill-Kummissjoni, rapport ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-entitajiet irreġistrati fir-reġistri nazzjonali tagħhom. Dan ir-rapport għandu jkun fih biss:

   (a) id-*data* aggregata dwar l-ammonti annwali għal kull pajjiż terz fis-sena finanzjarja preċedenti. Jenħtieġ li dik id-*data* aggregata tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta skont l-Anness I, il-punt 2, il-punti (b) u (c);

   (b) id-*data* aggregata dwar l-ammonti annwali għal kull kategorija ta' organizzazzjoni għal kull pajjiż terz fis-sena finanzjarja preċedenti. Jenħtieġ li dik id-*data* aggregata tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta skont l-Anness I, il-punt 1, il-punt (h) u l-punt 2, il-punti (b) u (c);

   (c) in-numru totali ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi li jistgħu jiġu attribwiti lil pajjiż terz speċifiku. Jenħtieġ li dik id-*data* aggregata tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta skont l-Anness I, il-punt 2, il-punt (b);

   (d) lista tal-pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16(3), il-punt (b)(ii).

2. Fuq il-bażi tad-*data* trażmessa mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, tippubblika sommarju tad-*data* riċevuta u telenka l-pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16(3), il-punt (b)(i).

3. Meta jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta fir-rapporti ppubblikati mill-Istati Membri tkompli tipprovdi lill-pubbliku bid-*data* aggregata neċessarja sabiex jinftiehmu l-ambitu, l-iskala u l-mezzi tal-attivitajiet ta' interess imwettqin minn entitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1), u sabiex jiġi żgurat li tkun tista' tiġi stabbilita l-lista ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16(3), il-punt (b), il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 sabiex temenda l-paragrafu 1 billi timmodifika l-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapporti ppubblikati mill-Istati Membri fid-dawl tal-iżviluppi fis-suq għas-servizzi ta' rappreżentanza tal-interessi, tal-opinjonijiet, tar-rakkomandazzjonijiet, u tar-rapporti maħruġin mill-grupp konsultattiv stabbilit skont l-Artikolu 19, jew, meta disponibbli, l-istandards u l-prattiki internazzjonali rilevanti.

*Artikolu 14*

*Informazzjoni għall-uffiċjali pubbliċi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet reġistrati jipprovdu l-EIRN fil-kuntatti tagħhom ma' uffiċjali pubbliċi meta jwettqu l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-entitajiet reġistrati jagħmlu użu minn sottokuntratturi, is-sottokuntratturi jipprovdu l-EIRN tal-entità reġistrata fil-kuntatti tagħhom ma' uffiċjali pubbliċi meta jwettqu l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1).

# KAPITOLU III – SUPERVIŻJONI U INFURZAR

*Artikolu 15*

*Awtoritajiet nazzjonali kompetenti*

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar:

(a) awtorità waħda jew aktar responsabbli għar-reġistri nazzjonali;

(b) awtorità superviżorja waħda jew aktar.

2. Kull awtorità superviżorja għandu jkollha aċċess għar-reġistri nazzjonali taħt ir-responsabbiltà tagħha għall-finijiet tas-superviżjoni tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva u l-infurzar tagħhom kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji fi Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni, meta tkun awtorizzata tagħmel dan skont din id-Direttiva.

3. Kull awtorità superviżorja għandu jkollha ġuriżdizzjoni fuq l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) li huma meħtieġa jirreġistraw skont l-Artikolu 10(1), (2) u (3) fir-reġistri nazzjonali taħt ir-responsabbiltà tagħha.

4. Meta entità msemmija fl-Artikolu 3(1) ma tkunx iddeżinjat rappreżentant legali f'konformità mal-Artikolu 8(1), kwalunkwe awtorità superviżorja fi Stat Membru fejn l-entità twettaq attività ta' rappreżentanza tal-interessi għandu jkollha ġuriżdizzjoni.

5. Meta Stat Membru jiddeżinja aktar minn awtorità superviżorja waħda, huwa għandu jiżgura li l-kompiti ta' kull waħda minn dawk l-awtoritajiet ikunu definiti b'mod ċar u li jikkooperaw mill-qrib u b'mod effettiv meta jwettqu l-kompiti tagħhom. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-awtorità superviżorja li lilha jistgħu jiġu indirizzati l-komunikazzjonijiet għat-trażmissjoni lill-awtorità xierqa f'dak l-Istat Membru.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità superviżorja tkun indipendenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal fl-awtoritajiet superviżorji li jaġixxi fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu skont din id-Direttiva:

(a) ikun jista' jwettaq dmirijietu b'mod indipendenti, ħieles minn influwenza politika u minn influwenza esterna oħra, u la jfittex u lanqas ma jieħu struzzjonijiet mill-gvern jew minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra;

(b) iżomm lura milli jieħu kwalunkwe azzjoni li tkun inkompatibbli mat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu u mal-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu skont din id-Direttiva.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali deżinjati skont il-paragrafu 1 ikollhom il-mezzi neċessarji kollha sabiex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont din id-Direttiva, inklużi riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani suffiċjenti.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont din id-Direttiva, l-awtoritajiet nazzjonali deżinjati skont il-paragrafu 1 jiżguraw li ma

tirriżulta l-ebda konsegwenza negattiva, bħall-istigmatizzazzjoni, għas-sempliċi fatt li entità tkun entità reġistrata jew kienet soġġetta għal talba skont l-Artikolu 16(3).

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali deżinjati skont il-paragrafu 1 jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni u spjegazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, kif ukoll l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti adottati mill-grupp konsultattiv skont l-Artikolu 19(6).

10. Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti deżinjati skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

*Artikolu 16*

*Talbiet għal informazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-setgħa tal-awtoritajiet superviżorji li jitolbu lill-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) sabiex jipprovdu informazzjoni tkun limitata mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 9 ta' dan l-Artikolu.

2. Talba skont dan l-Artikolu tista' ssir biss mill-awtorità superviżorja b'ġuriżdizzjoni fuq l-entità inkwistjoni.

3. Ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 11(8) u (9), talba tista' ssir biss fil-każijiet li ġejjin u trid tkun limitata għar-rekords miżmumin f'konformità mal-Artikolu 7:

(a) l-entità reġistrata rċeviet ammont annwali li jaqbeż il-EUR 1 000 000 għal entità waħda ta' pajjiż terz fis-sena finanzjarja preċedenti;

(b) l-azzjonijiet tal-entità ta' pajjiż terz li f'isimha qiegħda taġixxi l-entità reġistrata huma attribwibbli għal pajjiż terz li jkun nefaq, f'waħda mill-ħames snin finanzjarji preċedenti, u filwaqt li jitqiesu l-entitajiet kollha ta' pajjiżi terzi li l-azzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu attribwiti lil dan il-pajjiż terz, ammont annwali aggregat li jaqbeż wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) EUR 8 500 000 fuq attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi fl-Unjoni;

(ii) EUR 1 500 000 fuq attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi fi Stat Membru wieħed;

sakemm l-entità rreġistrata ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1), il-punt (a), u tkun irċiviet ammont annwali aggregat għall-attivitajiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva li jkun inferjuri għal EUR 25 000 fis-sena finanzjarja preċedenti.

4. It-talba msemmija fil-paragrafu 3 għandu jkollha l-elementi li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni li tindika liema waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 hija ssodisfata;

(b) ir-rekords mitlubin;

(c) informazzjoni dwar il-proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju disponibbli.

5. Meta awtorità superviżorja għajr l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tqis li kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 tkun issodisfata, hija tista' titlob lill-awtorità superviżorja tal-Istat Membru tar-

reġistrazzjoni titlob rekords miżmumin f'konformità mal-Artikolu 7 mingħand l-entità rreġistrata.

6. Malli tirċievi talba skont il-paragrafu 5 u jekk tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 huma ssodisfati, l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandha tagħmel talba f'konformità mal-paragrafu 3 u tibgħat l-informazzjoni riċevuta lill-awtorità superviżorja rikjedenti. Jekk l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun għamlet talba, fi żmien it-12-il xahar preċedenti, f'konformità mal-paragrafu 3 li tkopri l-istess informazzjoni mill-istess entità reġistrata, hija għandha tibgħat l-informazzjoni lill-awtorità superviżorja rikjedenti mingħajr ma jkollha għalfejn tagħmel talba ġdida.

Jekk l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ma ġewx issodisfati, hija għandha tipprovdi lill-awtorità superviżorja rikjedenti bi tweġiba li tispjega r-raġunijiet għaliex ma talbitx jew ma tittrasferixxix l-informazzjoni inkwistjoni.

7. L-entità li lilha ssir it-talba għandha tipprovdi, fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol, l-informazzjoni kompluta mitluba skont il-punt (b) tal-paragrafu 4 f'format ċar, koerenti u li jinftiehem.

8. It-talbiet imsemmijin fil-paragrafu 3 għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju fl-Istat Membru tal-awtorità superviżorja li tagħmel it-talba.

9. Meta jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jitolbu rekords mingħand entitajiet li jkunu partikolarment probabbli li jinfluwenzaw l-iżvilupp, il-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' politika jew ta' leġiżlazzjoni, jew il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, fl-Unjoni jew fi Stat Membru, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 sabiex temenda l-limiti finanzjarji stabbiliti fil-paragrafu 3 fid-dawl tal-iżviluppi fis-suq għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi, jew ta' opinjonijiet, ta' rakkomandazzjonijiet jew ta' rapporti maħruġin mill-grupp konsultattiv stabbilit skont l-Artikolu 19, jew, meta disponibbli, l-iżviluppi tal-istandards u tal-prattiki internazzjonali rilevanti.

*Artikolu 17*

*Kooperazzjoni transfruntiera*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji tagħhom jikkooperaw mal-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri l-oħrajn kollha kif meħtieġ.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta awtorità superviżorja jkollha raġuni sabiex tissuspetta li entità li taqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' awtorità superviżorja ta' Stat Membru ieħor ma tikkonformax mal-obbligi tagħha skont din id-Direttiva, hija tinnotifika lill-awtorità superviżorja ta' dak l-Istat Membru.

3. Talba skont il-paragrafu 2 għandha tkun debitament motivata u tal-anqas tindika:

   (a) l-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-entità;

   (b) deskrizzjoni tal-fatti rilevanti, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva u r-raġunijiet għaliex l-awtorità tan-notifika tissuspetta ksur ta' din id-Direttiva;

In-notifika tista' tinkludi kwalunkwe informazzjoni oħra li l-awtorità tan-notifika tqis rilevanti, inkluża, meta xieraq, informazzjoni miġbura fuq inizjattiva tagħha stess.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta awtorità superviżorja tirċievi notifika skont il-paragrafu 2, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahar wara li tirċievi n-notifika, tikkomunika l-valutazzjoni tagħha tal-ksur suspettat lill-awtorità superviżorja li mingħandha tkun irċiviet in-notifika u, meta xieraq, tipprovdi aktar informazzjoni dwar il-miżuri investigattivi jew ta' infurzar meħudin, jew previsti, f'konformità mal-Artikolu 11(8) jew (9) u mal-Artikolu 22 sabiex tiżgura l-konformità ma' din id-Direttiva.

5. Meta l-awtorità superviżorja tas-sede prinċipali ma jkollhiex biżżejjed informazzjoni sabiex taġixxi fuq notifika msemmija fil-paragrafu 2, hija tista' titlob informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtorità kompetenti li tkun għamlet in-notifika.

6. Il-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali deżinjati skont l-Artikolu 15(1), kif ukoll l-awtoritajiet superviżorji u l-Kummissjoni, skont il-paragrafi 2, 4 u 5, l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 16(5) u (6) u l-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva, għandha tiġi implimentata permezz tas-sistema ta' IMI stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

*Artikolu 18*

*Kondiviżjoni transfruntiera tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jkunu kompetenti sabiex jitolbu l-informazzjoni li ġejja mingħand l-awtoritajiet superviżorji ta' Stat Membru ieħor, meta t-tali informazzjoni tkun neċessarja għall-fini tal-eżerċitar tal-kooperazzjoni transfruntiera kif imsemmija fl-Artikolu 17(2):

   (a) informazzjoni pprovduta minn entità reġistrata f'konformità mal-Artikolu 10(4);

   (b) kwalunkwe analiżi mwettqa minn awtorità superviżorja fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mal-wasla ta' talba skont il-paragrafu 1, l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandha tibgħat l-informazzjoni lill-awtorità superviżorja rikjedenti, sakemm ma tqisx li r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati, f'liema każ hija għandha tipprovdi lill-awtorità superviżorja rikjedenti bi tweġiba li tispjega r-raġunijiet għaliex ma pprovdietx l-informazzjoni inkwistjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, b'*data* aggregata bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-entitajiet irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 10(4) għall-fini tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għat-tħejjija ta' laqgħat tal-grupp konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 19. Tali *data* aggregata jista' jkun fiha *data* personali biss sal-punt li jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv. Meta jkun teknikament possibbli, l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa f'format li jinqara mill-magni.

4. Meta jipproċessaw *data* personali skont il-paragrafi 1 sa 3, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jaġixxu bħala kontrolluri skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt 7 tar-Regolament (UE) 2016/679, u l-Kummissjoni għandha taġixxi bħala kontrollur skont

it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt 8 tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward tal-attivitajiet tal-proċessar ta' *data* tagħhom stess.

*Artikolu 19*

*Grupp konsultattiv*

1. Huwa stabbilit grupp konsultattiv.

2. Il-grupp konsultattiv għandu jassisti lill-Kummissjoni fil-kompiti li ġejjin:

(a) jiffaċilita l-iskambji u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki kif ukoll jagħti pariri dwar gwida possibbli dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva b'mod partikolari rigward l-Artikolu 2(4), il-punt (b), l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 20;

(b) jiffaċilita l-iskambji u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar il-ħtiġijiet speċifiċi ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/34/UE;

(c) jagħti pariri dwar il-formati rakkomandati għall-pubblikazzjoni ta' *data* aggregata skont l-Artikolu 13;

(d) jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe diverġenza fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

(e) jagħti pariri dwar l-infrastruttura teknika rakkomandata tar-reġistri nazzjonali stabbiliti u miżmumin skont l-Artikolu 9.

3. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed u rappreżentant alternattiv wieħed, li għandhom jirrappreżentaw lill-awtoritajiet superviżorji deżinjati skont l-Artikolu 15.

4. Ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, jew tal-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[17], jistgħu jiġu mistiedna jattendu laqgħat tal-grupp konsultattiv bħala osservaturi.

5. Il-Kummissjoni għandha tippresjedi l-grupp konsultattiv u tipprovdi s-segretarjat tiegħu. Il-grupp konsultattiv għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

6. Il-grupp konsultattiv għandu jadotta l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti tiegħu fil-kuntest tal-kompiti tiegħu stabbiliti fil-paragrafu 2 b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu.

*Artikolu 20*

*Projbizzjoni ta' ċirkomvenzjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun projbit li ssir parteċipazzjoni b'mod konxju u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-objettiv jew l-effett li jevitaw l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva.

[17] Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj).

*Artikolu 21*

*Rapportar ta' ksur u protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-Direttiva (UE) 2019/1937 tapplika għar-rapportar ta' ksur ta' din id-Direttiva u l-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dan il-ksur.

*Artikolu 22*

*Sanzjonijiet*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet, limitati għal multi amministrattivi, għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati għat-traspożizzjoni tal-Artikolu 6, tal-Artikolu 7, tal-Artikolu 8, tal-Artikolu 10, tal-Artikolu 11, tal-Artikolu 14, tal-Artikolu 16 u tal-Artikolu 20 mill-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1) jew, meta xieraq, mir-rappreżentant legali tagħhom. Dawk ir-regoli għandhom jikkonformaw mal-paragrafi 2 sa 6.

   Is-sanzjonijiet għandhom jiġu imposti mill-awtorità superviżorja b'ġuriżdizzjoni fuq l-entità kkonċernata jew minn awtorità ġudizzjarja fuq talba ta' dik l-awtorità superviżorja.

2. L-ammont massimu tas-sanzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 li jista' jiġi impost għandu jkun, għall-impriżi, 1 % tal-fatturat annwali dinji fis-sena finanzjarja preċedenti, għal entitajiet legali oħrajn, 1 % tal-baġit annwali tal-entità f'konformità mal-aktar sena finanzjarja riċenti magħluqa u, għall-persuni fiżiċi, EUR 1 000.

3. Is-sanzjonijiet għandhom f'kull każ individwali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, filwaqt li titqies, b'mod partikolari, in-natura, ir-rikorrenza u d-durata tal-ksur li miegħu huma relatati dawk il-miżuri, kif ukoll, meta rilevanti, il-kapaċità ekonomika, teknika u operazzjonali tal-entità msemmija fl-Artikolu 3(1) li tkun wettqet il-ksur.

4. Qabel ma timponi sanzjonijiet, l-awtorità superviżorja għandha toħroġ twissija jew ċanfira lill-entità kkonċernata bl-għan li x'aktarx se tikser jew kisret id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, ħlief jekk tali ksur ikun isarraf fi ksur tal-Artikolu 20.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżerċizzju mill-awtorità superviżorja tas-setgħat tagħha skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għal salvagwardji xierqa f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv u għal proċess ġust.

## KAPITOLU IV - DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 23*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(9), fl-Artikolu 13(3) u fl-Artikolu 16(9) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10(9), fl-Artikolu 13(3) u fl-Artikolu 16(9) tista’ tiġi rrevokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b’konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dak l-att simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10(9), l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 16(9) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 24*

*Emenda fid-Direttiva (UE) 2019/1937*

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 2(1), il-punt (a), jiżdied il-punt (xi) il-ġdid li ġej:

   “(xi) ir-regoli tas-suq intern relatati mat-trasparenza u l-governanza tajba;”;

2. fl-Anness, fil-Parti I, jiżdied il-punt (K) li ġej:

   “K. il-punt (a)(xi) tal-Artikolu 2(1) — ir-regoli tas-suq intern relatati mat-trasparenza u l-governanza tajba:

   Id-Direttiva (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-XXXX li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f’isem pajjiżi terzi u li temenda r-Regolament (UE) 2019/1937 (referenza tal-ĠU).”.

*Artikolu 25*

*Rapporti u rieżami*

1. Sa mhux aktar tard minn *[12-il xahar wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni]*, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

2. Sa mhux aktar tard minn *[erba’ snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni]*, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta’ din id-Direttiva u tippreżenta rapport

dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta l-effettività u l-proporzjonalità tad-Direttiva. Għandha tivvaluta fost l-oħrajn il-ħtieġa għal bidliet fil-kamp ta' applikazzjoni u fl-effettività tas-salvagwardji previsti fid-Direttiva. Din tista', meta xieraq, tkun akkumpanjata minn proposti leġiżlattivi rilevanti.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija tar-rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 26*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn *[tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ]*. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. Fil-każ ta' dawk l-Istati Membri li ma adottawx l-euro, l-ammont fil-munita nazzjonali ekwivalenti għall-ammonti stabbiliti f'din id-Direttiva għandu jkun dak li jinkiseb billi tiġi applikata r-rata tal-kambju pubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe Direttiva li tistabbilixxi dawk l-ammonti.

Għall-iskopijiet ta' konverżjoni fil-muniti nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri li ma adottawx il-euro, l-ammonti f'euro speċifikati f'din id-Direttiva jistgħu jiżdiedu jew jitnaqqsu b'mhux aktar minn 5 % sabiex jiġu prodotti ammonti arrotondanti fil-muniti nazzjonali.

*Artikolu 27*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

**1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva**

**1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

**1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':**

**1.4. Objettiv(i)**

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

**1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

**1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit pjanat(i)**

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

**2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar**

**2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll**

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

**2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

**3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**

**3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet**

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

*3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

**3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Is-suq intern u d-demokrazija

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[74]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

L-objettiv ġenerali ta' din il-proposta huwa li tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq intern għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi.

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettiv speċifiku Nru 1

Li tipprevedi miżuri armonizzati ta' trasparenza għar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi.

Objettiv speċifiku Nru 2

Li tiġi żgurata s-sorveljanza effettiva tal-obbligi stabbiliti mid-Direttiva.

Objettiv speċifiku Nru 3

Li tiġi żgurata kooperazzjoni transfruntiera effiċjenti fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-Direttiva.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Approċċ ta' politika aktar omoġenu fl-Unjoni kollha fir-rigward tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi jipprovdi ċarezza u prevedibbiltà akbar għan-negozji, għaċ-ċittadini, u għal partijiet ikkonċernati oħrajn, u jiffaċilita l-funzjonament tas-suq intern.

Għall-Istati Membri:

L-Istat Membru jkun jeħtieġ li jiżgura li r-reġistri nazzjonali tat-trasparenza għar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi jkunu jeżistu u jkopru l-attivitajiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni. L-Istati Membri li bħalissa ma għandhom l-ebda sistema bħal din fis-seħħ ikunu meħtieġa

74 Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

jiżviluppaw u jimplimentaw qafas ta' trasparenza ġdid u jistabbilixxu reġistru. Dan jinkludi l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, u ż-żamma regolari ta' reġistru nazzjonali aċċessibbli għall-pubbliku u l-istabbiliment tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti. L-Istati Membri li jifdal ikunu meħtieġa jemendaw ir-reġimi ta' trasparenza eżistenti li jimmiraw ir-rappreżentanza tal-interessi b'mod ġenerali. Il-firxa ta' dawn il-bidliet se tiddependi fuq l-ispeċifiċitajiet tar-reġimi eżistenti f'parametri ewlenin bħall-kamp ta' applikazzjoni, it-tipi u n-natura tar-rekwiżiti eżistenti, u t-tipi ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' infurzar.

Minbarra l-implimentazzjoni ta' reġimi regolatorji u ta' reġistri konformi, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jipparteċipaw ukoll fi grupp konsultattiv fil-livell tal-Unjoni u jieħdu sehem fil-kooperazzjoni amministrattiva fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll l-awtoritajiet u l-Kummissjoni, isiru permezz tas-Sistema ta' informazzjoni tas-Suq Intern ("sistema ta' IMI") għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'oqsma ta' politika relatati mas-Suq Uniku.

L-istudju mwettaq mill-Kummissjoni sabiex jappoġġa l-proposta stima li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jġarrbu l-kostijiet deskritti hawn taħt.

L-ewwel nett, il-kostijiet tal-familjarizzazzjoni huma kostijiet ta' implimentazzjoni ta' darba mġarrbin fis-sena 1 mill-awtoritajiet fis-27 Stat Membru kollha. Il-kostijiet totali huma stmati li jvarjaw minn EUR 1 500 sa EUR 4 600 għall-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri.

It-tieni, il-kostijiet sabiex jiġi żgurat li jkun fis-seħħ reġistru xieraq jinkludu l-kostijiet tat-tagħmir għall-istabbiliment jew għall-emendar ta' reġistru, kif ukoll il-kostijiet annwali tal-manutenzjoni. L-istudju li jappoġġa l-inizjattiva stima li l-kostijiet tal-manutenzjoni jistgħu jvarjaw bejn EUR 65 000 sa EUR 585 000 fit-12-il awtorità tal-Istati Membri mingħajr l-għodod tal-IT eżistenti. Matul is-snin 2 sa 10 tal-perjodu ta' żmien ta' għaxar snin, dan ikun jammonta għal madwar EUR 585 000 sa EUR 5,27 miljun. Għall-15-il Stat Membru b'reġistri eżistenti, l-istudju stima li l-aġġornament tagħhom sabiex jinkludu kampi tad-*data* dwar l-aspetti tar-rappreżentanza tal-interessi relatati ma' pajjiżi terzi mhux se jwassal għal żieda notevoli fil-kostijiet tal-manutenzjoni minħabba n-numru limitat ta' entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent. Għalhekk, il-kostijiet annwali tal-manutenzjoni tal-IT għal dawk l-Istati Membri se jitqiesu bħala kostijiet taż-żamma tal-*istatus quo*.

It-tielet, il-kost biex jiġi żgurat reġim xieraq ta' ġestjoni, ta' monitoraġġ u ta' infurzar, li jista' jkopri l-awtoritajiet superviżorji indipendenti, li jinkludi l-istabbiliment u t-tħaddim ta' reġim ġdid jew l-emendar u t-tħaddim ta' wieħed eżistenti. Dawn il-kostijiet se jkunu rikorrenti matul is-snin 2 sa 10. Il-kostijiet stmati fl-Unjoni kollha jkunu bejn madwar EUR 565 000 u EUR 848 000 fis-sena u bejn EUR 5,65 u 8,48 miljun matul il-perjodu ta' żmien ta' għaxar snin.

Min-naħa l-oħra, l-implimentazzjoni tal-inizjattiva twassal għal diversi benefiċċji.

L-ewwel nett, il-benefiċċju primarju huwa aktar trasparenza u fehim tas-suq għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi. Il-mekkaniżmi mtejbin għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri jippermettu wkoll viżibbiltà u sorveljanza mtejbin tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi ta' pajjiżi terzi. Il-proposta tista' trawwem il-fiduċja bejn entitajiet differenti u żżid il-fiduċja tas-settur pubbliku fir-rwol, fl-intenzjonijiet u fil-

prattiki ta' entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi fis-suq intern.

It-tieni, u lil hinn minn dawn il-benefiċċji diretti, huwa antiċipat li l-eżistenza ta' reġim legali u ta' reġistri relatati għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi jista' jkollha impatti indiretti pożittivi fuq l-għarfien tal-kwistjonijiet relatati mar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi.

Madankollu, huwa importanti li jiġi enfasizzat li jifdal ċerti sfidi, bħall-isfidi ta' monitoraġġ u ta' infurzar minħabba r-riskju li operaturi qarrieqa ma jirreġistrawx u jkomplu joperaw b'mod mhux etiku.

Għal entitajiet privati:

L-ewwel nett, għal entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi, l-obbligi ta' żamma tar-rekords jikkonsistu f'sentenza inizjali dwar l-impenji potenzjali kollha għal pajjiżi terzi, il-ġbir ta' informazzjoni ewlenija dwar l-entità tal-pajjiż terz irrappreżentata, u l-valutazzjoni tat-tipi differenti ta' riskji assoċjati mal-impenn prospettiv. L-istudju mwettaq għall-Kummissjoni kif ukoll il-proċess ta' konsultazzjoni nnotaw li ħafna forrnituri ta' servizzi kummerċjali ta' rappreżentanza tal-interessi diġà jwettqu ċerti attivitajiet li jistgħu jikkostitwixxu żamma tar-rekords, iżda li dawn l-attivitajiet spiss ikunu ta' natura informali. Għaldaqstant, il-proposta tkun teħtieġ il-formalizzazzjoni tal-attivitajiet eżistenti ta' żamma tar-rekords fil-kuntest ta' impenji għal pajjiżi terzi.

It-tieni, bil-qafas il-ġdid huma mistennija wkoll kostijiet tal-familjarizzazzjoni. Dawn il-kostijiet ikunu prinċipalment ta' darba u jiġġarrbu fl-ewwel sena tad-dħul fis-seħħ tal-qafas. Hemm żewġ livelli ta' kostijiet tal-familjarizzazzjoni: il-kostijiet bażiċi tal-familjarizzazzjoni u l-kostijiet estiżi tal-familjarizzazzjoni. Il-kostijiet bażiċi tal-familjarizzazzjoni jirrikjedu numru kbir ta' entitajiet sabiex iqattgħu ammont żgħir ta' żmien jirrieżaminaw it-test leġiżlattiv u kwalunkwe gwida relatata. L-istudju li sar għall-Kummissjoni stima li tali kostijiet fl-entitajiet kollha li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi fis-suq intern ivarjaw minn madwar EUR 71,2 miljun sa EUR 213,5-il miljun b'madwar EUR 20-60 għal kull organizzazzjoni. L-ispejjeż tal-familjarizzazzjoni estiżi jeħtieġu numru ferm iżgħar ta' entitajiet koperti mill-inizjattiva sabiex iqattgħu aktar żmien jirrieżaminaw it-test leġiżlattiv u kwalunkwe gwida relatata, iżda wkoll sabiex jivvalutaw l-implikazzjonijiet prattiċi, jiżviluppaw strateġiji ta' konformità u jallokaw ir-responsabbiltà għall-kompiti relatati mal-konformità. Dawk il-kostijiet ivarjaw minn madwar EUR 57 000 għal EUR 256 000 b'madwar EUR 80-240 għal kull organizzazzjoni.

It-tielet, il-kostijiet amministrattivi jinkludu l-kostijiet tar-reġistrazzjoni inizjali, il-kostijiet inizjali tal-aġġornament tal-informazzjoni, u l-kostijiet kontinwi tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni. Fir-rigward tal-kostijiet inizjali tar-reġistrazzjoni, l-informazzjoni dwar l-obbligi u l-formalitajiet ta' reġistrazzjoni stabbiliti minn din id-Direttiva tkun disponibbli permezz tal-Gateway Diġitali Unika li, permezz tal-portal tal-web Your Europe, tistabbilixxi punt uniku ta' servizz li jipprovdi lin-negozji u liċ-ċittadini b'informazzjoni dwar ir-regoli u l-proċeduri fis-Suq Uniku, fil-livelli kollha tal-gvern u aċċess dirett, ċentralizzat u ggwidat għall-assistenza u għas-servizzi ta' soluzzjoni tal-problemi kif ukoll għal firxa wiesgħa ta' proċeduri amministrattivi kompletament diġitalizzati. Barra minn hekk, il-proċedura għar-reġistrazzjoni hija kompletament online u organizzata f'konformità mal-prinċipju ta' "darba biss" sabiex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tad-*data*.

L-istudju li jappoġġa t-tħejjija tal-proposta pprovda estimi tal-kostijiet differenti skont id-daqs tal-entitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni. B'mod ġenerali, dawn il-kostijiet huma stmati li jvarjaw minn EUR 590 000 sa EUR 3,5 miljun, b'madwar EUR 828 sa EUR 3 314-il għal kull organizzazzjoni. Dawn il-kostijiet huma mbagħad mistennijin jibqgħu kostanti sena wara sena. Matul il-perjodu ta' żmien ta' għaxar snin, dan se jilħaq kost totali ta' madwar EUR 5,9 sa 35,4 miljun. B'mod partikolari, l-istudju sab li l-entitajiet mikrożgħar iġarrbu l-anqas kostijiet. Jiġifieri, l-istudju identifika li 97,3 % tal-entitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta huma mikrożgħar (definiti bħala li għandhom anqas minn 10 membri tal-persunal ekwivalenti għall-full time (FTEs)), li huma mistennijin iġarrbu kostijiet medji ta' EUR 828 għal kull entità.

Ir-raba', għall-attivitajiet ta' żamma tar-rekords, il-feedback miġbur matul it-twettiq tal-istudju jissuġġerixxi li l-kostijiet relatati ma' dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu kkaratterizzati bħala kostijiet ta' żamma tal-*istatus quo*, u b'hekk ma jiżdied l-ebda kost inkrementali mal-intervent.

Min-naħa l-oħra, il-proposta tipprovdi wkoll diversi benefiċċji għall-entitajiet li jwettqu rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi fis-suq intern fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni.

L-ewwel nett, din it-tneħħija tal-frammentazzjoni eżistenti tiffaċilita l-forniment ta' servizzi f'diversi Stati Membri peress li tkun neċessarja reġistrazzjoni waħda biss. Din tissimplifika b'mod sinifikanti l-proċess tad-dħul f'suq ġdid jew tal-ħidma transfruntiera fl-Unjoni sabiex jiġu pprovduti attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi.

It-tieni, il-proposta toħloq kundizzjonijiet ekwi u ċertezza legali mtejbin għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi għal pajjiżi terzi. Dawn jinkisbu billi l-parteċipanti kollha fis-suq jintalbu jirrispettaw regoli ċari għall-parteċipazzjoni fis-suq, pereżempju dwar l-obbligi li jirreġistraw u jipprovdu l-istess informazzjoni, kif ukoll li jwettqu attivitajiet armonizzati għaż-żamma tar-rekords. Dan jiżgura li l-atturi ekonomiċi kollha jkunu soġġetti għall-istess regoli fis-suq intern kollu u jneħħi l-frammentazzjoni eżistenti tar-regoli.

It-tielet, il-proposta tgħin fin-normalizzazzjoni tal-attivitajiet leġittimi ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqin f'isem pajjiżi terzi permezz ta' livell imtejjeb ta' trasparenza u ta' fiduċja f'dan is-settur. Dan jipprovdi tweġibiet għal mistoqsijiet importanti bħal min qiegħed jipprova jinfluwenza t-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u dwar liema kwistjonijiet, kif ukoll jinċentiva l-imġiba etika.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-implimentazzjoni ta' din il-porposta se ssegwi approċċ gradwali. Mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-ħidma l-ewwel se tibda lejn l-adattament tas-sistema ta' IMI għall-ħtiġijiet tad-Direttiva bl-għan li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiġu konnessi qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' traspożizzjoni.

Skeda ta' żmien ta' implimentazzjoni provviżorja tista' tiġi spjegata kif ġej:

- 2024 Dħul fis-seħħ tad-Direttiva u l-adattament tas-sistema ta' IMI;

- 2025/6 Traspożizzjoni u applikazzjoni mill-Istati Membri.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-Unjoni (*ex ante*)

Diversi Stati Membri lleġiżlaw jew għandhom l-intenzjoni li jilleġiżlaw fil-qasam tat-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi. Peress li dawn ir-regoli jvarjaw fl-ambitu, fil-kontenut u fl-effett tagħhom, qiegħed jidher qafas mhux uniformi ta' regoli nazzjonali u hemm ir-riskju li jiżdied, speċjalment fir-rigward tar-rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi. Dan jipperikola eżerċizzju effettiv tal-libertà li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni. Huwa biss l-intervent fil-livell tal-Unjoni li jista' jsolvi din il-problema, peress li r-regolamentazzjoni fil-livell nazzjonali tkun immirata sabiex tiżgura t-trasparenza tal-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi fil-ħajja pubblika tagħhom stess, u għalhekk bi ftit li xejn tħassib għall-ostakoli maħluqin għal attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi transfruntiera. Ir-regoli nazzjonali jonqsu wkoll milli jindirizzaw sistematikament azzjonijiet minn pajjiżi terzi li jfittxu li jinfluwenzaw bil-moħbi t-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Unjoni.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-bażi tal-evidenza għal din il-proposta hija meħuda minn riċerka interna u esterna, minn attivitajiet ta' konsultazzjoni estensivi, minn laqgħat bilaterali mal-partijiet ikkonċernati, u kienet appoġġata minn studju estern.

Tqieset il-gwida mill-korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards, li jinkludu l-Kunsill tal-Ewropa jew l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Dawn irrakkomandaw b'mod partikolari r-regolamentazzjoni legali tal-attivitajiet ta' lobbjar fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, kif ukoll it-trasparenza u l-integrità fil-lobbjar u l-finanzjament barrani, filwaqt li fakkru fl-importanza li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali.

Il-proposta tibni wkoll fuq it-terminoloġija u l-kunċetti użati fil-kuntest tar-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta hija parti minn pakkett ta' miżuri sabiex tiġi difiża d-demokrazija minn influwenza barranija moħbija mħabbar mill-President von der Leyen fid-diskors tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni. Il-pakkett se jikkomplementa l-azzjonijiet li diġà ttieħdu fil-livell tal-Unjoni fl-ambitu tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea. Minbarra din l-inizjattiva, il-pakkett jinkludi miżuri speċifiċi dwar kwistjonijiet elettorali qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u miżuri sabiex jitrawwem spazju ċiviku abilitanti u jiġi promoss involviment inklużiv u effettiv mill-awtoritajiet pubbliċi mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u maċ-ċittadini. Dawn il-miżuri kollha għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza demokratika minn ġewwa.

Il-proposta hija parti minn sett ta' inizjattivi li jirriflettu approċċ proattiv sabiex jiġu integrati l-valuri tal-Unjoni fis-soċjetà Ewropea. Mill-2020, iċ-ċiklu annwali tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt esplora l-liġijiet u l-istituzzjonijiet fil-qalba tal-ħidma

tad-demokraziji. Barra minn hekk, l-inizjattiva reċenti kontra l-korruzzjoni għandha l-għan li tipproteġi d-demokrazija kif ukoll is-soċjetà mill-impatt korruživ tal-korruzzjoni.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Il-kostijiet meħtieġa sabiex l-IMI tiġi adattata sabiex tippermetti l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti previsti minn din il-proposta se jiġu ffinanzjati mill-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV).

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2024 sal-2025/2026,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit pjanat(i)

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| Il-proposta se tagħmel użu mis-sistema ta' IMI għall-kooperazzjoni amministrattiva fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. |

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-implimentazzjoni tad-Direttiva se tiġi rrieżaminata sena wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni tagħha. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar is-sejbiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Erba' snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni tad-Direttiva.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-kooperazzjoni amministrattiva fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti prevista fil-proposta tagħmel użu mis-sistema ta' IMI diġà eżistenti li hija operata mill-Kummissjoni (DĠ GROW). Għal dan l-għan, id-Direttiva proposta twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-IMI. Dan jirrikjedi l-varar ta' riżorsi sabiex is-sistema ta' IMI tiġi adattata għall-ħtiġijiet tad-Direttiva proposta.

Din il-proposta ma tbiddilx il-mod ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni ta' finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament jew l-istrateġija ta' kontroll diġà fis-seħħ għas-sistema u mħaddma mill-Kummissjoni.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskju ewlieni identifikat huwa relatat mal-ħin u mal-kostijiet żejda minħabba kwistjonijiet mhux previsti ta' implimentazzjoni tal-IT fir-rigward tal-adattament tas-sistema ta' IMI. Dan ir-riskju huwa mitigat mill-fatt li s-sistema ta' IMI diġà hija fis-seħħ u li d-dipartiment rilevanti tal-Kummissjoni għandu esperjenza preċedenti fl-adattament tas-sistema għal ħtiġijiet ġodda ta' negozju.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Din l-inizjattiva ma taffettwax il-kosteffettività tal-kontrolli eżistenti tal-Kummissjoni.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tikkonċerna n-nefqa u l-akkwist tal-persunal, u japplikaw regoli standard għal din it-tip ta' nefqa.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[75] | mill-pajjiżi tal-EFTA[76] | mill-pajjiżi kandidati u mill-kandidati potenzjali[77] | minn pajjiżi terzi oħrajn | dħul assenjat ieħor |
| 2b | 07 06 04: Protezzjoni u promozzjoni tal-Valuri tal-Unjoni | Diff. | LE | LE | LE | LE |

[75] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[76] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[77] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt[78]:

**L-allokazzjonijiet li diġà huma disponibbli taħt il-programmazzjoni finanzjarja għall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri se jappoġġaw din l-inizjattiva.**

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 2b | “Reżiljenza u valuri” |

| DĠ JUST | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL (*skont il-QFP kurrenti[79])** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ☒ Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| 07 06 04: Protezzjoni u promozzjoni tal-Valuri tal-Unjoni | Impenji | (1a) | 0,125 | 0,125 | 0,025 | 0,025 | **0,3** |
| | Pagamenti | (2a) | 0,125 | 0,125 | 0,025 | 0,025 | **0,3** |
| Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi[80] | | | | | | | |
| | | (3) | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** | Impenji | =1a+1b +3 | 0,125 | 0,125 | 0,025 | 0,025 | **0,3** |

78 L-azzjonijiet proposti se jiġu ffinanzjati fi ħdan il-pakketti allokati għall-programm ta’ nfiq rilevanti għall-perjodu 2021-2027 u mhux se jkunu jirrikjedu xi riżorsi finanzjarji addizzjonali mill-baġit tal-Unjoni.

79 L-implikazzjonijiet finanzjarji futuri ta’ din l-inizjattiva għas-snin ta’ wara l-2027 huma mingħajr preġudizzju għall-QFP wara l-2027.

80 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b’appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-Unjoni (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **għad-DĠ JUST** | Pagamenti | =2a+2b +3 | 0,125 | 0,125 | 0,025 | 0,025 | **0,3** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ☒ TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,125 | 0,125 | 0,025 | 0,025 | **0,3** |
| | Pagamenti | (5) | 0,125 | 0,125 | 0,025 | 0,025 | **0,3** |
| ○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 2b** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 0,125 | 0,125 | 0,025 | 0,025 | **0,3** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 0,125 | 0,125 | 0,025 | 0,025 | **0,3** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ JUST | | | | | | |
| ☒ Riżorsi umani | | 0,513 | 0,513 | 0,513 | 0,513 | **2,052** |
| ☒ Nefqa amministrattiva oħra | | | | 0,05 | 0,05 | **0,1** |
| **TOTAL TAD-DĠ JUST** | | 0,513 | 0,513 | 0,563 | 0,563 | **2,152** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | **0,513** | **0,513** | **0,563** | **0,563** | 2,152 |

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 2b u 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | **0,638** | **0,638** | **0,588** | **0,588** | **2,452** |
| | Pagamenti | **0,638** | **0,638** | **0,588** | **0,588** | **2,452** |

### 3.2.2. *Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2024** | | Sena **2025** | | Sena **2026** | | Sena **2027** | | ~~Sena **2028**~~ | | ~~Sena **2029**~~ | | ~~Sena **2030**~~ | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[81] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3[82] | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Tiżviluppa l-modulu tal-IMI | Sistema tal-IT | 0,125 | 1 | 0,125 | 1 | 0,125 | | | | | | | | | | | 1 | 0,25 |
| Żomm il-modulu tal-IMI | Sistema tal-IT | | | | | | 1 | 0,025 | 1 | 0,025 | | | | | | | 1 | 0,05 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 3 | | | 1 | 0,125 | 1 | 0,125 | 1 | 0,025 | 1 | 0,025 | | | | | | | 2 | 0,3 |
| **TOTALI** | | | **1** | **0,125** | **1** | **0,125** | **1** | **0,025** | **1** | **0,025** | | | | | | | **2** | **0,3** |

81 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

82 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

### 3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,513 | 0,513 | 0,513 | 0,513 | **2,052** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | 0,05 | 0,05 | **0,1** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **0,513** | **0,513** | **0,563** | **0,563** | **2,152** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[83] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | |
| **TOTAL** | **0,513** | **0,513** | **0,563** | **0,563** | **2,152** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

83 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-Unjoni (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena 2026 | Sena 2027 |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 3 | 3 | 3 | 3 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz** [84] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | |
| **TOTAL** | | **3** | **3** | **3** | **3** |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | 3 FTE għas-segretarjat tal-grupp konsultattiv kif ukoll biex jassisti lit-tim tal-IMI għall-kontribuzzjonijiet tal-politika u tan-negozju kemm matul l-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll wara li l-modulu tal-IMI jkun daħal fis-seħħ. |
| Persunal estern | |

[84] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

| |
|---|
| Il-Kummissjoni se tuża l-fondi diġà disponibbli taħt il-programmazzjoni finanzjarja tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri sabiex tappoġġa din l-inizjattiva. |

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[85] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[85] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – jekk jogħġbok, indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[86] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| |

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|---|
| |

86 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.